Ħarġa nru. 37 - April 2010

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



## Tazza tad-Dinja tan-Nisa

Malta titlef iż-żewġ konfronti kontra t-Turkija, p04



## Snooker

Malta mingħajr ebda suċċess fil-Kampjonati Ewropej tal-iSnooker li saru f'pajjiżna, p42

## Futbol

Valletta jirbħu l-finali tal-100 Years National League Anniversary Cup kontra l-ġirien Floriana, p30






# In Vitro Du Bourg jirbaħ il-Finali Emirates tat-Tazza l-Kbira

» p44

MRC CLUB MALTA RACING CLUB

THE WESTIN DRAGONARA RESORT MALTA

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MAL-WESTIN DRAGONARA RESORT

• BASKETBALL • ŻWIEMEL • YFA • KMS • GOZO SPORTS • STORJA TAR-REGATTA • ASSOĊJAZZJONI SPORT MUTURI • SNOOKER • ATLETIKA • REGATTA JUM IL-ĦELSIEN



## Rapid Relief from pain and inflammation




# Vostar

*Diclofenac sodium 1%*

actavis
*creating value in pharmaceuticals*

Available in pharmacies

Vostar is a medicinal product and contains diclofenac sodium. Gently rub a small amount of Vostar into the skin around the swollen or painful area three to four times daily. Before using Vostar read carefully the instructions on the package leaflet.



## April

Issa wasalna verament fl-aħħar. Għadda xahar ieħor u s-siparju dalwaqt jinżel - l-aħħar ftit battuti u kollox ikun deċiż. Qiegħed nirreferi għall-kampjonat lokali tal-futbol fejn l-isfida se tibqa' sal-aħħar u għalkemm bħalissa Birkirkara qegħdin igawdu vantaġġ tajjeb, il-Beltin jittammaw li xi nuqqas ta' konċentrazzjoni jwassal biex jilħqu lill-avversarji tagħhom fil-klassifika. Se jkun tmiem entużjażmanti u wara s-suċċess Belti fuq Floriana fil-kompetizzjoni tal-100 sena Anniversarju tal-Kampjonat, fis-sekwenza jmiss li nkunu nafu min se jkunu ċ-champions lokali għal dan l-istaġun.

Barra minn xtutna kulħadd jistenna l-finalisti taċ-Champions League u r-rebbieħa tal-kampjonati rispettivi, fejn kemm fl-Italja u kif ukoll fl-Ingilterra kollox għadu possibbli.

It-Tazza tad-Dinja riesqa wkoll; ftit ġimgħat oħra u kulħadd se jkun imwaħħal mat-televiżjoni biex isegwi l-akbar avveniment kalċistiku. It-tbassir diġà beda u wara li Lionel Messi għaġġibna bil-klassi tiegħu, l-Arġentina spiċċat fost il favoriti. Tim li kkwalifika fl-aħħar mumenti, skwadra mmexxija minn Diego Armando Maradona, tragward li mhux impossibbli jilħqu. Nistennew u naraw!

Intant, f'dixxiplini sportivi oħra matul dan ix-xahar saru avvenimenti mportanti. Fil-Marsa segwejna b'entużjażmu l-finali tat-Tazza l-Kbira, saru l-Kampjonati Ewropej tal-iSnooker u r-Regatta ta' Jum il-Ħelsien. Bħal dejjem xahar mimli avvenimenti u għaldaqstant magażin mimli rappurtaġġ għalikom il-qarrejja.

Bħal dejjem nawgura li din il-pubblikazzjoni qiegħda twassal il-messaġġ mixtieq fost l-isportivi kollha, biex b'hekk f'pajjiżna jikber l-għarfien sportiv u għaldaqstant dan jgħin biex tissaħħaħ il-kultura sportiva tal-Maltin.

Björn Vassallo - Editur



Jekk tixtieq Back Issues **B'XEJN** ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tnizżel id-dettalji neċċessarji.


# Irbaħ ma'

TeamSport®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**F'liema post fil-Ġermanja ser tintlagħab il-logħba ta' ħbiberija bejn it-timijiet nazzjonali tal-Ġermanja u Malta?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' April 2010:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 36 hija:*
**Ġermanja**
*u r-rebbieħa huma (1) George Borg - Marsascala (2) Samuel Bartolo - Valletta (3) Ġeorġina Dimech - Mosta*



1



2



3


PUMA
CRAZY IN
LOVE EQUALS FOOTBALL
AT PUMAFOOTBALL.COM







SPORTIV

Ħarġa nru 37
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikaturi
Norman Darmanin Demajo
Paul Falzon

Editur
Björn Vassallo
bjorn.vassallo@yahoo.com

Riklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

Cover - Finali - It-Tazza l-Kbira

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **Malta vs Turkija**
Żewġ telfiet għat-tim Malti tan-nisa

6 **Belġju vs Malta**
Penalty jċaħħad lill Maltin

7 **Futsal**
It-tim nazzjonali Malti jipparteċipa f'tournament fl-Ingilterra

10 **Kampjonat BOV Premier**
Birkirkara jibqgħu favoriti

14 **Kampjonati tal-MFA**
Marsaxlokk promossi għall-Kampjonat Premier

16 **YFA**
Ħarsa lejn aktar nurseries

20 **KMS**
Tkompli ssir ħidma biex tixxettel kultura sportiva

28 **L-iStorja tal-Futbol Malti**
Kif qatt ma rajtuha qabel...

30 **100 Yrs Anniversary Cup**
Valletta jittrijonfaw kontra r-rivali Floriana

33 **Poster Valletta Football Club**
- Tazza Ċentinarja

34 **F.A. Trophy**
Magħrufa l-erba' semi-finalis

36 **Regatta Jum il-Ħelsien**
Is-Sengleani jkomplu fejn ħallew fil-Vitorja

40 **ASM**
Lejn tmiemil-kampjonati f'Ta' Qali

42 **Snooker**
Malta tospita l-Kampjonat Ewropew

44 **Intervista**
Mario Meli u ħajtu fix-xandir sportiv

46 **Żwiemel**
In Vitro Du Bourg jirbaħ It-Tazza l-Kbira

50 **Gozo Sports**
Victoria Hotspurs jirbħ l-unur ta' Jum il-Ħelsien

50 **Atletika**
Toħroġ id-determinazzjoni ta' Jonathan Balzan

54 **Storja tar-Regatta**
Tkompli l-iStorja...

56 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

**KOMPETIZZJONI TAP RELOADED**

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni Tap Reloaded tal-Ħarġa Nru. 36 ta' Marzu 2010 hija:
**Ms. Maryanne Farrugia**

# Il-Maltin ikkastigati b'goal f'kull taqsima

Gowl kull taqsima skurjati mill-attakkanta twila Yagmur Uraz kienu biżżejjed biex it-Turkija jiksbu l-ewwel rebħa tagħhom fi Grupp 5 tal-logħob ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja tan-Nisa 2011.

F'din il-partita, il-plejers Maltin għal darb'oħra naqsu li mqar jiskorjaw gowl biex eventwalment kellhom ibaxxu rashom quddiem avversarji li ma kinux wisq superjuri għalihom.

Matul l-ewwel taqsima, minkejja li kien qed jilgħab kontra r-riħ, it-tim Malti deher jaqsam il-logħob ma' dak Tork u kieku dħalna bl-iskor indaqs, ma konna nkunu qed nisirqu xejn.

Il-fatt li l-Maltin sofrew gowl wieħed biss fl-ewwel taqsima kontra r-riħ imliena bit-tama li wara l-mistrieħ stajna mmorru ħafna aħjar u d-draw deher li seta' jinkiseb.

Imma mhux talli ma ġarax hekk, talli l-Maltin naqsu li juru l-istess spirtu tal-ewwel taqsima u l-gowlkiper Torka matul it-tieni taqsima kellha logħba ferm kwieta.

Individwalment kien hemm xi plejers Maltin li ħallew impressjoni tajba, imma dan ma kienx biżżejjed biex niksbu riżultat pożittiv.

Il-Maltin fetħu l-aħjar fl-ewwel taqsima u kienu qrib li jiftħu l-iskor wara erba' minuti minn freekick ta' Dorianne Theuma li Rebecca D'Agostino u Ylenia Carabott naqsu li jolqtu minn qagħda tajba.

Ftit wara kienet Camilleri li nġiebet f'qagħda tajba minn Carabott imma naqset li tikkonkludi tajjeb.

It-Turkija marru fil-vantaġġ fl-ewwel azzjoni denja li ħolqu fit-22 minuta meta minn pass ta' Kirac, YAGMUR URAZ għelbet lil Dimech b'xutt għar-rokna.

Fir-reazzjoni mmedjata tal-Maltin, Carabott bir-ras mill-qrib xeħtet ftit għoli minn freekick ieħor ta' Theuma.

Fit-tieni taqsima, it-Torok mill-ewwel urew x'kienu l-intenzjonijiet tagħhom biex fis-57 minuta kienet l-istess YAGMUR URAZ li rduppjat b'xutt fil-baxx għar-rokna.

Ir-reazzjoni tal-Maltin qatt ma waslet, anzi kienu t-Torok li komplew juru l-aħjar ideat b'Dimech issalva xuttijiet mill-qrib ta' Defterli u Erturk, waqt li Duner falliet ċans tajjeb minn qagħda tajba.

L-aħjar ċans għat-tim Malti ġie f'saqajn is-sostituta Saliba li x-xutt finali tagħha minn qagħda tajba spiċċa barra.

Lejn it-tmiem Uraz għal ftit ma skorjatx it-tielet gowl personali imma Dimech salvat tajjeb it-tentattiv tagħha minn kross ta' Belci.

27.03.2010 - *Centenary Stadium*

**MALTA** .............................. 0
**TURKIJA** .......................... 2

*Malta* - Nina Dimech, Rebecca Chircop, Rebecca D'Agostino, Natasha Pace (Kathleen Saliba 59), Kimberly Parnis, Charlene Zammit (Emma Xuereb 46), Dorianne Theuma, Rachael Cuschieri, Catherine Camilleri (Gabriella Zahra 86), Mandy Debono, Ylenia Carabott - *Kowċ* - Pierre Brincat

*Turkija* - Duygu Yilmaz (Meryem Ozyumsak 88), Kezban Gulsen, Yeliz Demir, Cansu Yag, Seual Kirac (Gigden Belci 79), Burcu Duner, Bilgin Defterli, Reyhan Seker, Helga Nadire Inan Erturk (Esra Erol 68), Lutfiye Ercimen, Yagmur Uraz - *Kowċ* - Nihan Su

*Referee* - Irina Tereshchenko (Russja)
*Assistenti* - Anna Gnevysheva, Elena Nuykina (Russja)
*Skorer* - Y. Uraz 22, 57 (T)



Difensuri Torok ibiegħdu l-ballun mill-kaxxa l-kbira



Dorienne Theuma fl-azzjoni għal Malta

# Insibu x-xibka avversarja f'partita diffiċli

Fil-partita li ntlagħbet fil- Huseyin Avni Aker Stadium kontra l-istess Turkija Malta sfat megħluba bl-iskor ta' 5-1 liema partita kienet waħda diffiċli għat-tim immexxi minn Pierre Brincat għall-fatt li kellu bosta plejers neqsin kif ukoll uħud minn dawk li lagħbu ma kienux fil-fiżika massima tagħhom.

Brincat kellu jgħaddi mingħajr is-servizzi taż-żewġ plejers ta' Hibernians, Charlene Zammit u Mandy Debono. Filwaqt li l-istaġun għal Zammit huwa mitmum minħabba injury fil-cruciate, Debono ma setgħetx tivvjaġġa mal-kontinġenti Malti minħabba problemi personali.

Min-naħa tal-midfielder ta' Mosta, Dorianna Theuma, bdiet tbati minn uġigħ fl-irkoppa filwaqt li d-difensura ta' Birkirkara, Kim Parnis kienet qed tbati minn uġigħ fil-hamstring.

B'dawn il-problemi, it-tim Malti kellu jiffaċċja lit-tim Tork li kien għadu ġej minn telfa ta' 5-1 kontra Spanja, ġimgħa qabel. Fi żmien ġimgħatejn it-Torok wettqu double fuq Malta fejn l-unika konsolazzjoni kienet li t-tfajliet Maltin irnexxielhom jiskorjaw l-ewwel gowl f'dawn il-preliminari minn Natasha Pace, fid-49 minuta, minn azzjoni ta' freekick mogħti minn Dorianne Theuma.



Azzjoni f'nofs il-ground matul l-ewwel taqsima

| KLASSIFIKA - Grupp 5 | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 6 | 5 | 0 | 1 | 26 | 2 | 15 |
| Ingilterra | 4 | 4 | 0 | 0 | 15 | 0 | 12 |
| Awstrija | 4 | 1 | 0 | 3 | 2 | 6 | 3 |
| Turkija | 5 | 2 | 0 | 3 | 8 | 14 | 6 |
| Malta | 5 | 0 | 0 | 5 | 1 | 25 | 0 |

11.04.2010 - *Huseyin Avni Aker Stadium - Trabzon*

**TURKIJA** ............................ 5
**MALTA** .............................. 1

*Turkija* - Meryem Ozyumsak, Kezban Gulsen, Fatma Kara (Leyla Kanbir 72), Cansu Yag, Reyhan Seker (Esra Erol 56), Basak Ersoy, Bilgin Defterli, Eylul Elgalp, Yagmur Uraz, Yeliz Demir, Lutfiye Ercimen - *Kowċ* - Hamdi Aslan

*Malta* - Tonina Dimech (Sharon Costantino 46), Natasha Pace, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma, Ylena Carabott, Rachel Cuschieri, Rebecca Chircop, Catherine Camilleri (Corissa Vella 46), Kathleen Saliba (Emma Xuereb 81), Kimberly Parnis, Marisa Deguara - *Kowċ* - Pierre Brincat

*Referee* - Irina Turovskaya (Belarus)

*Assistenti* - Alesia Ziatseva, Darya Izafatava (Belarus)

*Skorers* - C. Yag 7, 41, Y. Uraz 39, 61, B. Defterli 45 (T); N. Pace 49 (M)

### Grupp F

# Round ta' Kwalifikazzjoni Euro 2012

F'Tel Aviv matul l-aħħar Kungress tal-UEFA kien ikkonfermat il-programm ta' logħob minn Grupp F, liema grupp tagħmel parti minnu Malta. Dan wara li fil-bidu ta' Marzu l-assoċjazzjonijiet tat-timijiet involuti f'dan il-grupp f'laqgħa ġewwa l-kapitali Griega, Ateni, kienu naqqsu li jilħqu ftehim dwar l-iskeda tal logħbiet u għaldaqstant kienet il UEFA li tellgħet il-poloz u pprogrammat l-iskeda tal-logħob. L-ewwel logħba għat-tim nazzjonali Malti mmexxi mill-kowċ John Buttigieg hija skedata għal Settembru li ġej meta t-tim mistenni jilgħab barra minn darna kontra l-Iżrajel. Malta tagħlaq l-impenji tagħha kontra l-istess nazzjon, din id-darba f'Ta' Qali fix-xahar ta' Ottubru tas-sena 2011.




Waqt it-tlugħ tal-poloz tal-Gruppi li ma sabux kunsens madwar il-mejda

**Programm ta' Logħbiet**

| Data | Home | | Away |
|---|---|---|---|
| 03/09/2010 | Greċja | - | Ġeorġja |
| 03/09/2010 | Iżrajel | - | Malta |
| 03/09/2010 | Latvja | - | Kroazja |
| 07/09/2010 | Kroazja | - | Greċja |
| 07/09/2010 | Ġeorġja | - | Iżrajel |
| 07/09/2010 | Malta | - | Latvja |
| 08/10/2010 | Greċja | - | Latvja |
| 08/10/2010 | Iżrajel | - | Kroazja |
| 08/10/2010 | Ġeorġja | - | Malta |
| 12/10/2010 | Kroazja | - | Malta |
| 12/10/2010 | Greċja | - | Iżrajel |
| 12/10/2010 | Latvja | - | Ġeorġja |
| 26/03/2011 | Iżrajel | - | Latvja |
| 26/03/2011 | Ġeorġja | - | Kroazja |
| 26/03/2011 | Malta | - | Greċja |
| 04/06/2011 | Kroazja | - | Ġeorġja |
| 04/06/2011 | Greċja | - | Malta |
| 04/06/2011 | Latvja | - | Iżrajel |
| 02/09/2011 | Iżrajel | - | Greċja |
| 02/09/2011 | Ġeorġja | - | Latvja |
| 02/09/2011 | Malta | - | Kroazja |
| 06/09/2011 | Kroazja | - | Iżrajel |
| 06/09/2011 | Latvja | - | Greċja |
| 06/09/2011 | Malta | - | Ġeorġja |
| 07/10/2011 | Greċja | - | Kroazja |
| 07/10/2011 | Iżrajel | - | Ġeorġja |
| 07/10/2011 | Latvja | - | Malta |
| 11/10/2011 | Kroazja | - | Latvja |
| 11/10/2011 | Ġeorġja | - | Greċja |
| 11/10/2011 | Malta | - | Iżrajel |



# Malta megħluba bi skor minimu mill-Belġju

Fil-kompetizzjoni tal-International Challenge Trophy, it-tim immexxi minn Carmel Busuttil safa megħlub mill-Belġju bl-iskor minimu ta' 1-0 liema partita ntlagħbet f'K. Wolverton S.C., f'kesħa tremenda.

Il-goal deċiżiv wasal, fit-12-il minuta, minn Danilo Marciel Sousa Campos, b'xutt fil-baxx minn tarf il-kaxxa li ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper Malti, Henry Bonello, jsalva.

It-tim Malti kien sfortunat meta f'nofs l-ewwel taqsima x-xutt ta' Christian Caruana ħabat mal-lasti, bil-goalkeeper avversarju, Nathan Goris, megħlub għal kollox. Lejn tmiem l-ewwel taqsima, il-Belġjani resqu viċin li jirdoppjaw iżda d-daqqa ta' ras ta' Frederic Frans ġiet maqlugħa minn fuq il-linja fatali.

Matul it-tieni taqsima, il-kowċ Malti wettaq żewġ tibdiliet fejn utilizza lil Matthew Bartolo u Ryan Deguara fil-post ta' Gianluca Calabretta u Ryan Fenech rispettivament.

B'mod gradwali, il-Maltin bdew anke jirbħu l-inizjattiva u jippressaw lill-Belġjani jirtiraw lura iżda dawn tal-aħħar tant kemm kienu organizzati tajjeb, fid-difiża, li ma stajniex insibu t-triq lejn ix-xibka avversarja.

Iżda kollox ma' kollox il-Maltin kellhom prestazzjoni sodisfaċenti.

*Malta*: Henry Bonello, Justin Grioli (Edward Herrera 50), Gianluca Calabretta (Matthew Bartolo 60), Joseph Zerafa, Andrei Agius, Ryan Fenech (Ryan Deguara 72), Clayton Failla, Edmond Agius, Ian Zammit, Christian Caruana, Dyson Falzon.

*Belġju*: Nathan Goris, Nicholas Tamsin, Frederic Frans, Thomas Hovine, Jeremy Huyghebaert, Fazli Kocabas, Danilo Marciel Sousa Campos, Christian Kabasele (Lionel Gendarme 67), Jeroen Vanthournout, Arnoud Sutchuin, Yannick Rymenants

*Referee*: Erik Lambrechts (Olanda)

*Assistenti*: Bernard van Hofwegen, Gerard De Veirman

*Raba' Uff*: Nathan Verboomen



It-tim Malti qabel waħda mil-logħbiet taħt il-kowċ Vic Hermans



It-tim nazzjonali Ingliż qabel il-logħba kontra Malta

# Żewġ telfiet għal MALTA



Il-kulleġġ fejn jinsab il-padiljun ġewwa Hereford fl-Ingilterra

It-tim Malti nazzjoali tal-Futsal, taħt it-tmexxija tal-kowċ Vic Hermans u l-assistent tiegħu, Bert Kessen, sofra żewġ telfiet biex spiċċa fl-aħħar post f'tournament ta' ħbiberija li sar, f'Hereford, l-Ingilterra, li kien jinkludi wkoll lill-Ingilterra, Finlandja u t-Turkija.

Fl-ewwel logħba tiegħu, it-tim Malti safa megħlub bl-iskor ta' 5-0 mill-Ingilterra fejn dawn iddonimaw dan il-konfront mill-bidu sal-aħħar. Il-goals waslu minn Ben Mortlock (6), Nick Colley (8). Il-Maltin resqu viċin li jnaqqsu l-marġni tal-iskor iżda t-tentattiv ta' Xavier Saliba ħabat mal-lasti. Iżda, Tom Obasi (16) aċċerta r-rebħa għall-Inglizi b'azzjoni personali meta għamel l-iskor 3-0.

Minkejja li fit-tieni taqsima r-ritmu naqas, l-Ingliżi rnexxielhom jiskorjaw darbtejn oħra permezz ta' Luke Ballinger (23) u Rob Ursell (32).

B'din ir-rebħa, l-Ingliżi kkwalifikaw biex jilagħbu fil-final ta' dan it-tournament kontra t-Turkija li għelbu lill-Finlandja bl-iskor ta' 3-2.

Fil-partita għat-tielet post, Malta tilfet kontra l-Finlandja bl-iskor ta' 3-0, li iżda, l-wirja kienet ferm aħjar minn dik tal-logħba preċedenti minkejja li l-avversarji huma kklassifikati fil-51 post tar-rankings mondjali.

Il-bidu kien wieħed bilanċjat iżda kien Jani Modig (11) li fetaħ l-iskor għall-avversarji. Ir-reazzjoni tal-Maltin kienet waħda mmedjata bit-tentattivi ta' Melvin Borg u David Smith jgħaddu ftit ċentimetri 'l bogħod mill-wieqfa.

Iżda żewġ goals fi spazju ta' tliet minuti fit-tieni taqsima minn Panu Autio (22) u Ville Lindgren (25) qatlu kull tama għall-Maltin li setgħu jidħlu fil-partita. Aktar minn hekk, il-mimduda ċaħħdet ukoll li Jonathan Magri Overend milli jikseb goal ta' konsolazzjoni.

It-tournament intrebaħ mit-Turkija li għelbu lill-Ingilterra bl-iskor ta' 4-3.

## It-Tim Nazzjonali Malti kien kompost minn:

| | |
|---|---|
| **Goalkeepers** | |
| Brian Baldacchino | (Pentagon FC) |
| Matthew Mifsud | (Naxxar FC) |
| **Plejers** | |
| Melvin Borg | (Kerygma Kristal) |
| Paul Bugeja | (Paola Downtown FC) |
| James Ciangura | (Lazio FC) |
| Clint Cope | (Southenders FC) |
| John Cutajar | (Naxxar FC) |
| Nicola Del Re | (Pentagon FC) |
| Jonathan Magri Overend | (Scandals) |
| Carlos Scicluna | (Naxxar FC) |
| David Smith | (Pentagon FC) |
| Xavier Saliba | (Paola Downtown FC) |
| Karl Saliba | (Naxxar Motors FC) |

# L-Ewropa...



## destinazzjoni li ġġib tbissima

Wasalna proprju fl-aħħar ftit battuti, f'perjodu meta dalwaqt jibdew isiru s-somom dwar l-andament tal-istaġun, kemm mil-lat tekniku u kif ukoll mil-lat finanzjarju. Bosta timijiet m'għandhomx aktar skopijiet, l-istaġun għalihom intemm u għalkemm fadal xi logħbiet x'jintlagħbu, għanijiet m'għandhomx. Oħrajn għadhom jittammaw, oħrajn qegħdin joħolmu u oħrajn tant jinsabu viċin li konvinti li jistgħu jaslu. Bħalissa s-sitwazzjoni fl-ogħla livell f'pajjiżna dik hi. Floriana, Dingli, Msida St. Joseph u Hibernians m'għandhomx motivazzjoni ulterjuri, dan il-kampjonat ma fadalx x'tieħu minnu, għalihom spiċċa kollox u żgur li bdew iqisu dwar it-tajjeb u l-ħażin li esperjenzaw tul dawn ix-xhur, biex jippreparaw bis-sħiħ għall-istaġun li ġej. L-akbar diżappunt idur ma' Hibernians li tilfu ċ-ċans li jakkwistaw xi suċċess u tilfu wkoll is-sehem internazzjonali. Dan l-istaġun b'tim anqas, iċ-ċansijiet għal post fl-Ewropa naqsu u mill-erba' postijiet tas-soltu spiċċajna se jkollna nikkuntentaw bi tlieta. Konferma oħra kemm ħaddieħor għamel passi ta' ġgant ħdejna u kemm irridu nsibu l-aħjar proċeduri biex nibqgħu kwalitattivi mal-konkorrenti diretti tagħna.

Mill-banda l-oħra, Tarxien Rainbows u Hamrun Spartans għadhom jittamaw - jinsabu fis-semi-finali ta' kompetizzjoni mportanti, anzi għalihom prestiġġjuża. Għar-Rainbows huwa traguard storiku, filwaqt li għal Hamrun wara l-finali ta' ftit snin ilu kontra Birkirkara, qegħdin jisperaw li jerġgħu jaslu sal-final u din id-darba jkunu huma li jgħollu t-trofew u b'hekk wara tant stennija jerġgħu jduqu l-glorja. Dawn it-tnejn s'hemm jistgħu jaslu; għalihom l-Ewropa ma tistax tasal, għax m'għadhomx il-liċenzja u f'każ li jittrijonfaw ikollhom iċedu posthom u b'hekk jerġgħu jidħlu fix-xena xi timijiet li fil-kampjonat mhux se jispiċċaw f'xi pożizzjoni fost l-ewwel tlieta. Joħolmu wkoll hemm Qormi, tim li sa żewġ staġuni ilu konna nsibuh fl-Ewwel Diviżjoni tal-futbol Malti u li llum jinsab favorit għal post fl-Ewropa, grazzi għal staġun li offra prestazzjonijiet sodisfaċenti li wassluhom f'pożizzjonijiet li ftit kienu jemmnu li setgħu jilħqu. Qormi rnexxew u jinsabu ferm viċin li għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom jaqtgħu l-biljett għall-Ewropa.

Min jittama fadal ukoll. Sliema għadhom jittamaw li jsalvaw xi ħaġa minn kampjonat li kellu joffri ħafna, iżda li finalment jista' jitqies deludenti għall-aħħar. Jekk mil-lat ta' suċċessi

MISTO
cafe • restaurant • venue

żgur, iżda bla dubju, il-krema hemm qiegħda u rridu naraw kemm dak li nvestew fih is-Slimiżi se jirrendilhom fil-futur. Il-kwalitajiet li jirnexxu hemm kienu u hemm se jibqgħu u għalhekk għalihom il-parteċipazzjoni fl-Ewropa hija prijorità, mhux biss minħabba l-finanzi involuti, iżda wkoll biex Sliema jibqgħu attrazzjoni. U wara li Valletta rebħu tazza oħra ċentinarja, dejjem kontra l-akbar rivali sportivi tagħhom, issa qegħdin jittammaw li jiġri dak li ġara l istaġun li għadda, fejn kienu huma li fallew il-punti eżatt qabel l-aħħar konfront … dak deċiżiv kontra Hibernians. Fil-fatt, l-unika tama tagħhom tinsab hemm, jittamaw li l-avversarji jwaqqgħu xi punti u għaldaqstant jaħtfu l-okkażjoni biex jilagħbu kollox fl-aħħar disgħin minuta. Il-Beltin, wara l-investiment qawwi li għamlu u wara li komplew jibnu fuq dak li kellhom l-istaġun li għadda, jinsabu viċin li jaraw trijonf ieħor itir mar-riħ, suċċess li sa ftit xhur ilu għal ħafna nies kien garanzija. U dan minħabba l-konsistenza ta' Birkirkara, tim li jinsab konvint li qabel l-aħħar logħba, il-kontra ta' dak li jixtiequ l-Beltin, kollox ikun mitmum u miktub. It-tielet kampjonat fl-istorja tal-klabb jinsab ferm viċin u l-ewforija u l-entużjażmu, diġà bdew jinħassu sew fit-toroq ta' Birkirkara. Il-partitarji, f'Ta' Qali, żdiedu sew u staġun li kellu jkunu transitorju se jispiċċa jinbidel f'wieħed memorabbli, l-istess bħal ma ġara ftit xhur ilu lil Hibernians meta kontra kull mistenni ħallew lil bosta skantati.

Kulħadd qiegħed iħares lejn l-għanijiet tiegħu b'ottimiżmu, speċjalment dawk li qegħdin jiġru wara post fl-Ewropa, destinazzjoni li tfisser mhux biss sodisfazzjon ta' xi suċċess miksub, iżda wkoll introjtu finanzjarju qawwi li jpoġġilek tbissima fuq wiċċek.

Ninsabu ftit jiem qabel ma jgħaddi kollox u wara li kull verdett ikun deċiż, kulħadd ipoġġi bilqiegħda u tibda l-analiżi. Bla dubju, kif semmejt qabel, l-akbar tbissima se tkun ta' dawk li se jilagħbu f'xi kompetizzjoni Ewropea. Il-futbol bħal ħafna affarijiet oħra sar jiddependi wisq mill-finanzi u għalkemm aħna ma nonfqux daqs il-professjonisti, xorta waħda l-uġiegħ ta' ras f'dan ir-rigward hija kbira. B'hekk u ladarba lokalment il-klabbs m'għandhomx inċentivi marbutin mal-logħba li jwassluhom biex idawru xi ftit finanzi, anzi kważi dejjem tispiċċa minn taħt u dan minħabba s-sussidju li tieħu l-MFA u minħabba s-sistema antikwata ta' kif jintlagħab il-futbol f'darna, li tipparteċipa fl-Ewropa hija s-salvazzjoni ta' bosta. Mis-solidarjetà tal-Ewropa spiċċa jrid jiekol kulħadd, l-assoċjazzjoni stess tirċievi fondi sostanzjali u għalhekk iż-żgħir igawdi mal-kbir u għall-klabbs tagħna dan it-tragward ukoll huwa nifs qawwi.

Jien ngħid li dan għandu jkompli jkun għan importanti fuq l-agenda tal-klabbs, iżda nisħaq ukoll li wasal iż-żmien li nemendaw u nirriformaw diversi proċeduri lokalment biex il-klabbs jieħdu żvolta hawn ukoll. Dejjem u qabel kollox għall-ġid tal-klabbs, tal-logħba u finalment tal-assoċjazzjoni li nappartjenu fiha. Ma nemminx li dan hu l-limitu li nistgħu nilħqu, anzi persważ li hemm fejn nesploraw u nespandu aktar fl-operat kalċistiku ta' pajjiżna. Il-progress m'għandux ikollu limiti sakemm il-viżjoni tkun waħda realistika u li tagħmel sens u dawn l-aħħar proġetti kienu eżempju ċar ta' dan.




Watch LIVE Football Matches & Formula 1

18, Tigne Seafront, Sliema

Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

PREMIER

**Logħba Nru 108 – 27.08.2010 - 14.00 hrs**

Msida St. Joseph 3
Z. Levniac 7, M. Bartolo 19 pen, M. Ciantar 40
Hamrun Spartans 5
R. Fenech 9, M. Pereira 39 pen, 43 pen, G. Spiteri 47, I. Zammit 77 pen (HS)
HT 2-3 National Stadium

**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Lydon Micallef, Matthew Borda, Tyrone Farrugia, Adrian Farrugia, Zoran Levnaic, Joseph D'Amato (Larson Agius 81), Adam Spiteri, Baldassier Borg (Luke Saliba 70), Charlie Black (Vincenzo Brincat 28), Miguel Ciantar
*Kowċ* – Keith Gouder
**Hamrun S.** – Ivan Casha, Rupert Mangion, Roderick Fenech, Mano Micallef, Lee James Agius (Jonathan Holland 59), Marcelo Pereira, Gaetan Spiteri, Martin Hrubsa, Obinna Obiefule (Mark Barbara 79), Clyde Camoin (Nevilla Galea 51), Ian Zammit
*Kowċ* – Steve D'Amato
Referee – Marco Borg
Assistenti – Ingmar Spiteri, Mariano Debono
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammoniti – T. Farrugia, M. Borda, M. Ciantar, A. Farrugia, L. Micallef (MSJ), M. Hrubsa (HS)

PREMIER

**Logħba Nru 110 – 28.03.2010 - 14.00 hrs**

Tarxien Rainbows 2
D. Rocha Dos Santos 25, 87 (TR)
Hibernians 0
HT 1-0 National Stadium

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski, Manuel Caruana, David Camilleri, Gianluca Calabretta (Luke Vella Critien 76), Everton Antonio Pereira, Mark Tanti, Denni Rocha Dos Santos, Ryan Mintoff, Ryan Grech (Lee Galea 85), Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Adrian Pulis, Aaron Xuereb (Jean Paul Farrugia 46), Jonathan Pearson, Triston Caruana, Yan Cauchi (Matthew Hammett 84), Matthew Tabone, Elton Morelato (Andrew Cohen 76), Ben Camilleri, Miguel Lopes De Pina
*Kowċ* – Mark Miller

Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Alan Camilleri, Edward Spiteri
Raba' Uff. – Chris Lautier
Ammoniti – A. Pulis (H); J. Grioli, R. Grech (TR)
Tkeċċa – A. Pulis 61 (H)

PREMIER

**Logħba Nru 112 – 09.04.2010 - 19.30 hrs**

Sliema Wanderers 0
Birkirkara 3
N. Vukanac 15, T. Cilia 51, 62
HT 0-1 National Stadium

**Sliema W** – Simon Agius, Alex Muscat (Amadeo Mercieca 86), Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Ryan Fenech, Mark Scerri, Jean Pierre Mifsud Triganza, Clifford Gatt Baldacchino, Ivan Woods, John Mintoff (Ian Ciantar 56), Clayton Failla (Julio Alcorse 52)
*Kowċ* – Mark Marlow
**Birkirkara** – Jorge Mora, Trevor Cilia, Nikola Vukanac, Branko Nisevic, Paul Fenech, George Mallia (Joseph Zerafa 62), Angus Buhagiar (Thomas Paris 87), Carlo Mamo, Shaun Bajada, Michael Galea (Carl Pulo 71), Sylvano Comvalius
*Kowċ* – Paul Zammit
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Alan Camilleri, Paul Apap
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – C. Gatt Baldacchino, J. Mintoff, I. Woods, R. Fenech (SW); C. Mamo, S. Bajada (B)

PREMIER

**Logħba Nru 114 – 10.04.2010 - 17.00 hrs**

Valletta 3
M. Mifsud 6, 45, 80
Tarxien Rainbows 0
HT 1-0 National Stadium

**Valletta** – Andrew Hogg, Jordi Cruyff, Roderick Briffa, Steve Bezzina, Kenneth Scicluna, Jamie Pace, Gilbert Agius (Edmond Agius 69), Kevin Sammut (Declan O'Brien 72), Michael Mifsud, Dyson Falzon, Njongo Priso (Cleavon Frendo 81)
*Kowċ* – Ton Caanen
**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski, Manuel Caruana, David Camilleri (Gianluca Calabretta 58), Everton Antonio Pereira, Anderson Mendes Ribeiro, Andrew Decesare (Kurt Magro 77), Denni Rocha Dos Santos, Ryan Mintoff, Ryan Grech (Mark Tanti 57), Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
Referee – Esther Azzopardi
Assistenti – Konrad Borg, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – D. Rocha Dos Santos, A. Decesare (TR); J. Pace, E. Agius (V)

PREMIER

**Logħba Nru 109 – 27.03.2010 - 16.00 hrs**

Sliema Wanderers 0
Qormi 4
C. Sanvezzo 37 pen, 53 pen, 82, 87
HT 0-1 National Stadium

**Sliema W.** – Simon Agius, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Ryan Fenech, Jean Pierre Mifsud Triganza, Ivan Woods, Lucian Dronca, Julio Alcorse, Pedro Calcado, Clayton Failla (Noel Turner 62)
*Kowċ* – Mark Marlow
**Qormi** – Matthew Farrugia, Duncan Pisani, Ramon dos Santos, Massimo Grima, Keith Fenech (George Chircop 90), Alfred Effiong (Steve Meilak 86), Joseph Farrugia, Camillo Sanvezzo, Ryan Deguara (Kenneth Spiteri 89), Jonathan Bondin, Stephen Wellman
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
Referee – Chris Lautier
Assistenti – Edward Spiteri, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – J. Mifsud, L. Dronca (SW), K. Fenech, S. Wellman (Q)
Tkeċċa – M. Marlow 71 (SW)

PREMIER

**Logħba Nru 111 – 28.03.2010 - 16.00 hrs**

Birkirkara 1
T. Cilia 19
Valletta 0
HT 1-0 National Stadium

**Birkirkara** – Jorge Mora, Paul Fenech (Alan Tabone 9), Nikola Vukanac, Branko Nisevic, Shaun Bajada, Rowen Muscat, Trevor Cilia, Carlo Mamo, Angus Buhagiar, Michael Galea, Sylvano Comvalius (Joseph Zerafa 24)
*Kowċ* – Paul Zammit
**Valletta** – Andrew Hogg, Jordi Cruyff, Roderick Briffa (Kevin Sammut 53), Steve Bezzina, Steve Borg, Jamie Pace, Njongo Priso, Luke Dimech, Gilbert Agius, Terence Scerri (Declan O'Brien 71), Michael Mifsud
*Kowċ* – Ton Caanen

Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Philip Agius, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – C. Mamo, A. Tabone (B); S. Bezzina, N. Priso, J. Cruyff, L. Dimech (V)
Tkeċċa – S. Borg 89 (V)

PREMIER

**Logħba Nru 113 – 10.04.2010 - 15.00 hrs**

Floriana 1
R. Darmanin 59
Hamrun Spartans 0
HT 0-0 National Stadium

**Floriana** – Jurgen Micallef, Julian Briffa, Owen Bugeja, Brian Said, Stefano Grima, Clyde Borg (Joseph Borg 84), Stefan Lijeskic, Mark Spiteri, Jermain Brincat (Michael Ghebru 78), Clifton Ciantar (Sacha Borg 66), Ryan Darmanin
*Kowċ* – Zoran Popovic
**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Aaron Attard (Jonathan Holland 21) (Gaetan Spiteri 45), Roderick Fenech, Manolito Micallef, Mead Mifsud, Martin Hrubsa, Obinna Obiefule, Lee James Agius, Marcelo Pereira, Clyde Camoin, Ian Zammit
*Kowċ* – Steve D'Amato

Referee – Andrea Arciola
Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – C. Ciantar, S. Lijeskic, S. Grima, C. Borg (F); R. Fenech (HS)
Tkeċċa – G. Spiteri 73 (HS)

PREMIER

**Logħba Nru 115 – 11.04.2010 - 15.00 hrs**

Dingli Swallows 5
D. Zarb 31, 89, A. Rocha Da Silva 35 pen, J. Okonkwo 52 pen, 53
Msida St. Joseph 2
T. Farrugia 66, A. Formosa 83
HT 2-0 National Stadium

**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Roderick Briffa (Clint Caruana 82), Renato Conceicao, Shaun Tellus, Roderick Spiteri, Kurt Formosa, Etienne Farrugia (Charlon Sammut 72), Kevin Borg, Andre Rocha Da Silva (David Camilleri 87), Joseph Okonkwo, Dylan Zarb
*Kowċ* – Jesmond Zammit
**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Lydon Micallef, Matthew Borda, Adrian Farrugia, Baldassare Borg, Joseph D'Amato (Damien Debono 77), Zoran Levnaic, Tyrone Farrugia, Charlie Black, Miguel Ciantar (Kurt Grech 46), Andrew Formosa
*Kowċ* – Keith Gouder
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Philip Agius, Mario Apap
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – R. Conceicao, A. Rocha Da Silva, A. Formosa (MSJ)
Tkeċċa – K. Grech 51 (MSJ)


Denni Dos Santos (Tarxien) f'azzjoni qalb bosta plejers Slimiżi


Angus Buhagiar (Birkirkara) issikkat minn Camillo Sanvezzo (Qormi), b'Branko Nisevic isegwi

stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

PREMIER

**Logħba Nru 116 – 11.04.2010 - 17.00 hrs**

**Qormi** 3
Alfred Effiong 44, 54,
C. Da Silva Sanvezzo 63
**Hibernians** 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Ramon Dos Santos, Duncan Pisani, Massimo Grima, Matthew Bartolo (Ryan Deguara 85), Keith Fenech, Alfred Effiong (Stephen Meilak 70), Joseph Farrugia (Stefan Giglio 84), Camilo Da Silva Sanvezzo, Jonathan Bondin, Stephen Wellman
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
**Hibernians** – Mario Muscat, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson (Matthew Tabone 78), Edward Herrera, Christian Callejas (Triston Caruana 68), Yan Cauchi, Chris Camilleri, Andrew Cohen, Elton Morelato, Ben Camilleri (Jean Paul Farrugia 68), Jonathan Caruana
*Kowċ* – Mark Miller
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Ingmar Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – A. Xuereb (H); C. Da Silva Sanvezzo, K. Fenech (Q)

PREMIER

**Logħba Nru 118 – 15.04.2010 - 20.00 hrs**

**Birkirkara** 3
S. Comvalius 21, T. Cilia 29, 41
**Qormi** 1
M. Grima 74

HT 3 0 **National Stadium**

**Birkirkara** – Jorge Mora, Trevor Cilia, Branko Nisevic (Joseph Zerafa 73), Nikola Vukanac, Carlo Mamo, Rowen Muscat, Paul Fenech, Shaun Bajada (Alan Tabone 67), Angus Buhagiar, Michael Galea (George Mallia 82), Sylvano Comvalius
*Kowċ* – Paul Zammit
**Team B** – Matthew Farrugia, Duncan Pisani, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Matthew Bartolo, Keith Fenech (Ryan Deguara 55), Alfred Effiong, Joseph Farrugia (Stefan Giglio 78), Camillo Da Silva Sanvezzo, Jonathan Bondin (Kenneth Spiteri 46), Stephen Wellman
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
Referee – Andre Arciola
Assistenti – Alan Camilleri, William Debattista
Raba' Uff. – Chris Lautier
Ammoniti – B. Nisevic, A. Buhagiar (B)



Njongo Priso (Valletta) jipprova jaqbeż lil Elton Morelato (Hibernians)

PREMIER

**Logħba Nru 117 – 15.04.2010 - 18.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 2
R. Fenech 62, J. Alcorse 65
**Tarxien Rainbows** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Sliema W.** – Simon Agius, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Ryan Fenech, Josef Mifsud, Mark Scerri (John Mintoff 46), Jean Pierre Mifsud Triganza (Clayton Failla 60), Ivan Woods, Lucian Dronca, Julio Alcorse (Amadeo Mercieca 89), Pedro Dos Santos Calcado
*Kowċ* – Mark Marlow
**Tarxien R.** – David Cassar, Steve Sadowski, Manuel Caruana, Everton Antonio Pereira, Anderson Mendes Ribeiro, Mark Tanti (Gianluca Calabretta 74), Luke Vella (Lee Galea 13), Denni Rocha Dos Santos, Ryan Mintoff, Ryan Grech (Andrew Decesare 62), Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
Referee – Marco Borg
Assistenti – Ingmar Spiteri, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – M. Scerri, R. Fenech, A. Muscat (SW); A. Ribeiro (TR)

PREMIER

**Logħba Nru 119 – 16.04.2010 - 19.00 hrs**

**Msida St. Joseph** 1
I. Curmi 86
**Floriana** 1
R. Darmanin 1

HT 0-1 **National Stadium**

**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Lydon Micallef, Matthew Borda, Tyrone Farrugia, Larson Agius, Zoran Levnaic, Joseph D'Amato (Iro Curmi 70), Adam Spiteri (Vincenzo Brincat 77), Baldassare Borg (Phiram Sakcai 69), Andrew Formosa, Miguel Ciantar
*Kowċ* – Keith Gouder
**Floriana** – Jurgen Micallef, Orosco Anonam (Pablo Doffo 46), Jermain Brincat, Brian Said, Clifton Ciantar, Joseph Borg, Mark Spiteri (Luke Agius 75), Ryan Darmanin, Owen Bugeja, Mauro Grioli (Greg Marney 61), Michael Ghebru
*Kowċ* – Zoran Popovic
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Edward Spiteri, Gordon Barbara
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammonit – L. Agius (M)

PREMIER

**Logħba Nru 120 – 16.04.2010 - 19.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 2
M. Pereira 8, O. Obiefule 75 pen
**Dingli Swallows** 1
R. Spiteri 36

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Mark Anthony Bonnici, Rupert Mangion, Mead Mifsud (Mauro Busuttil 63), Mark Barbara (Daniel Zerafa 71), Neville Galea, Lee James Agius, Marcelo Pereira, Martin Hrubsa, Obinna Obiefule (Chris Cardona 88), Karl Magro
*Kowċ* – Steve D'Amato
**Dingli S.** – Ivan Cassar, Roderick Briffa, Renato Garcia Conceicao, Roderick Spiteri, Kurt Formosa, Victor Fiteni (Tyrone Pace 88), Kevin Borg (Charlon Sammut 81), Matthew Borg, Andre Rocha da Silva (Etienne Farrugia 5), Joseph Okonkwo, Dylan Zarb
*Kowċ* – Jesmond Zammit
Referee – Glenn Tonna
Assistenti – Mariano Debono, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – M.A. Bonnici, M. Barbara, L.J. Agius (HS), R. Briffa (D)

PREMIER

**Logħba Nru 121 – 16.04.2010 - 20.00 hrs**

**Valletta** 3
M. Mifsud 32, T. Scerri 72, J. Cruyff 73
**Hibernians** 1
A. Hogg 23 o.g

HT 1-1 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Kenneth Scicluna, Steve Borg, Jordi Cruyff, Roderick Briffa (Dylan Grima 82), Luke Dimech, Gilbert Agius (Dyson Falzon 76), Declan O'Brien (Kevin Sammut 65), Michael Mifsud, Terence Scerri, Priso Doding
*Kowċ* – Ton Caanen
**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Aaron Xuereb, Yan Cauchi (Matthew Tabone 52), Jonathan Caruana, Jonathan Pearson, Triston Caruana (Jean Paul Farrugia 70), Chris Camilleri, Elton Morelato, Andrew Cohen, Ben Camilleri (Ndubisi Chukunyere 89)
*Kowċ* – Mark Miller
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Philip Agius, Paul Apap
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – E. Herrera (H); D. O'Brien, P. Doding, G. Agius (V)

# Denni Rocha Dos Santos - Il-BOV Plejer tax-Xahar ta' Marzu

Il-midfielder Brażiljan ta' Tarxien Rainbows, Denni Rocha Dos Santos, kompla jissiġilla staġun memorabbli meta rebaħ l-unur tal-Aħjar Plejer għax-Xahar ta' Marzu sponsorjat mill-Bank of Valletta.

Dan huwa r-raba' unur tiegħu fi spazju ta' sena u t-tielet wieħed dan l-istaġun fejn laħaq ukoll lill-midfielder ta' Valletta, Kevin Sammut, li meta kien plejer ta' Marsaxlokk (fl-istaġun 2007/08) rebaħ ukoll dan l-unur fi tliet okkażjonijiet.

Rocha Dos Santos qed jiddistingwi lilu nnifsu bħala wieħed mill-aqwa plejers barranin li qatt laqgħbu fil-logħba domestika hekk kif qed jittrasforma lilu nnifsu minn fost il-protagonisti tal-Kampjonat Premier.

Dan il-plejer għandu r-rekord ta' kull zmien tal-unur tal-Plejer tal-Logħba minn kemm ilhom jivvotaw il-ġurnalisti għal kull partita meta dan l-istaġun, s'issa, ġie vvotat għal xejn inqas minn disa' darbiet.

Rocha Dos Santos iddebutta ma' Tarxien Rainbows, nhar il-25 ta' Jannar, 2009, fil-Victor Tedesco Stadium, fir-rebħa ta' 4-0 fuq Hamrun Spartans.

Minn dak in-nhar, fil-Kampjonat Premier, huwa laqgħab 31 partita b'ħin effettwat ta' 2614-il minuta fejn skorja 16-il goal.

Huwa ġie ppreżentat bit-trofew tal-okkażjoni mill-manager tal-fergħa tal-Bank of Valletta ta' Raħal Ġdid, is-Sur Charles Grech Soler.

Il-plejer ta' Tarxien Rainbows għażel lill-kunvent tal-Ursulini f'Ħal Tarxien bħala l-organizzazzjoni li se tibbenifika d-donazzjoni fi flus marbuta mal-premju.




maltafootball.com

# **BOV** Travel Package

**Benefit from a unique offer!**






## travel light with a BOV Card and live your dream holiday with a BOV Personal Loan

Limited Offer! American Express Green Card free for the first year, inclusive of free lifetime enrolment to American Express Membership Rewards Points with every new BOV Visa Flypass, BOV Visa Gold or BOV Visa Platinum credit card.




www.bov.com 2131 2020

Personal Loan and Credit Card facilities are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply. Offer valid with new approved Visa Flypass, Gold and Platinum Card applications processed up to 31st August 2010. Offer is also subject to American Express qualification criteria.

*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV
Bank of Valletta
*your Success, our Goal*

# Statistika

**Goals 390 – Skorers 104**

23 - Camilo Da Silva Sanvezzo (Qormi)
17 - Terence Scerri (Valletta)
15 - Ryan Darmanin (Floriana); Marcelo Pereira (Hamrun S.)
13 - Sylvano Comvalius (Birkirkara); Jean Pierre Mifsud Triganza (Sliema W.); Denni Rocha Dos Santos (Tarxien R.)
12 - Trevor Cilia (Birkirkara); Joseph Okonkwo (Dingli S.)
11 - Michael Galea (Birkikara); Alfred Effiong (Qormi); Mendes Anderson Ribeiro (Tarxien R.)
10 - Jordi Cruyff (Valletta)
7 - Ivan Woods (Sliema W.); Gilbert Agius, Njongo Priso (Valletta)
6 - Gaetan Spiteri (Hibernians); Andrew Cohen (Hibernians); Declan O'Brien (Valletta)
5 - Shaun Bajada, Karl Pulo (Birkirkara); Roderick Fenech (Hamrun S.); Tyrone Farrugia (Msida SJ); Michael Mifsud (Valletta)
4 - George Mallia (Birkirkara); Joao Batista Mawete (Hamrun S.), Ian Zammit (Hamrun S. 2 + Valletta 2); Jonathan Caruana, Olegs Malasenoks (Hibernians); Matthew Bartolo (Qormi 2 + Sliema W. 2), Massimo Grima (Qormi); Lucian Dronca (Sliema W.); Gianluca Calabretta (Tarxien R.); Jamie Pace (Valletta)
3 - Christian Caruana, Clifton Ciantar, Akanni Sunday Wasiu (Floriana); Etienne Barbara, Christian Callejas, Adrian Pulis, Rumen Galabov (Hibernians); Kalenga Ndayi, Emiliano Lattes (Msida SJ); Julio Alcorse (Sliema W.); Kevin Sammut (Valletta)
2 - Nicolai Vukanac (Birkirkara); Andre Rocha Da Silva, Dylan Zarb (Dingli S.); Orosco Anonam (Floriana); Mano Micallef, Obinne Obifuele (Hamrun S.); Ben Camilleri, Edward Herrera, Miguel Lopes De Pina (Hibernians); Miguel Ciantar, Andrew Formosa, Adam Spiteri (Msida SJ); Ryan Deguara, Joseph Farrugia (Qormi); Ryan Fenech (Sliema W.); Andrew Decesare, Mark Tanti (Tarxien R.);
1 - Angus Buhagiar, Paul Fenech, Branko Nisevic (Birkirkara); Kevin Borg, Dino Cachia, Roderick Spiteri (Dingli S.); Marlon Briffa, Pablo Doffo, Michael Ghebru, Donovan Simmonds, Victor Zlydarev (Floriana); Diego A. Cucciardi, Mead Mifsud (Hamrun S.); Elkien Cauchi (Hibernians); Olushola Aganun, Manuel Bartolo, Iro Curmi, Zoran Levnaic, Cedric Sciberras (Msida St. Joseph); Joseph Chetcuti, Stefan Giglio, Stephen Wellman (Qormi); Ian Azzopardi, Pedro Dos Santos Calcado, Clayton Failla, Henry Isaac, John Mintoff (Sliema W.); David Camilleri, Everton Antonio Pereira, James Shead (Tarxien R.); Roderick Briffa, Geert Den Ouden (Valletta).

Auto-Goals - Alan Tabone (Birkirkara); Renato Conceicao (Dingli S.); Mark Anthony Bonnici, Roderick Fenech (Hamrun S.); Edward Herrera (Hibernians); Tyrone Farrugia (Msida St. Joseph); Stephen Wellman (Qormi); Clifford Gatt Baldacchino (Sliema W.); Kurt Magro (Tarxien R.); Luke Dimech, Andrew Hogg (Valletta)

# Goals li ġew skurjati

| No. | Data | Plejer | Tim | | Avversarju | Rd | Ħin | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 344 | 27.03.10 | ZORAN LEVNAIC | MSIDA SJ | v | Hamrun S. | RP | 7 min | 1-0 | National Stadium |
| 345 | 27.03.10 | RODERICK FENECH | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 9 min | 1-1 | National Stadium |
| 346 | 27.03.10 | MANUEL BARTOLO | MSIDA SJ | v | Hamrun S. | RP | 19 pen | 2-1 | National Stadium |
| 347 | 27.03.10 | MARCELO PEREIRA | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 39 pen | 2-2 | National Stadium |
| 348 | 27.03.10 | MIGUEL CIANTAR | MSIDA SJ | v | Hamrun S. | RP | 40 min | 3-2 | National Stadium |
| 349 | 27.03.10 | MARCELO PEREIRA | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 43 pen | 3-3 | National Stadium |
| 350 | 27.03.10 | GAETAN SPITERI | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 47 min | 4-3 | National Stadium |
| 351 | 27.03.10 | IAN ZAMMIT | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 77 pen | 5-3 | National Stadium |
| 352 | 27.03.10 | CAMILLO DA SILVA SANVEZZO | QORMI | v | Sliema W. | CP | 37 pen | 1-0 | National Stadium |
| 353 | 27.03.10 | CAMILLO DA SILVA SANVEZZO | QORMI | v | Sliema W. | CP | 53 pen | 2-0 | National Stadium |
| 354 | 27.03.10 | CAMILLO DA SILVA SANVEZZO | QORMI | v | Sliema W. | CP | 82 min | 3-0 | National Stadium |
| 355 | 27.03.10 | CAMILLO DA SILVA SANVEZZO | QORMI | v | Sliema W. | CP | 87 min | 4-0 | National Stadium |
| 356 | 28.03.10 | DENNI ROCHA DOS SANTOS | TARXIEN R. | v | Hibernians | CP | 25 min | 1-0 | National Stadium |
"Il-faċilitajiet sportivi huma essenzjali fl-iżvilupp tal-isport u allura jeħtieġ li jkollna aktar faċilitajiet u faċilitajiet aħjar. B'dan il-ħsieb f'moħħna mis-sena li għaddiet, bdejna naraw li l-iskejjel jingħataw lura lill-komunità wara l-ħin tal-iskola. Matul l-2009, 18-il għaqda sportiva bdew jagħmlu użu u wħud minnhom jinvestu fil-faċilitajiet sportivi li jinsabu fl-iskejjel tal-istat. L-2009, fissret ukoll li 16-il għaqda sportiva oħra ġew mgħoddija art pubblika, b'valur ta' €5.5 miljun, biex jagħmlu użu minnha għal skopijiet ta' sport. Sal-lum 108 għaqda sportiva qed igawdu minn xi art jew propjetà tal-Gvern, bil-valur tal-art mgħoddija jlaħħaq l-€44 miljun", kompla jgħid Puli.

Is-Segretarju Parlamentari qal li beda wkoll programm intensiv ta' ħidma biex jitjiebu l-faċilitajiet pubbliċi. Fl-2009, ġie varat il-Masterplan għall-Marsa, twettqu xogħolijiet estensivi fil-korsa taż-żwiemel u ġew investiti €550,000 biex jiġi modernizzat il-Kumpless Sportiv tal-Qroqq, inkluż il-pixxina.

"Matul din is-sena ħdimna kemm flaħna anke jekk b'umiltà nirrikonoxxu li baqagħlna ħafna x'nagħmlu. Madankollu ma nistax ma nirrikonoxxix il-ħidma ta' dawk in-nies kollha li bil-ħidma u bis-sagrifiċċju tagħhom imbuttaw il viżjoni tagħna 'l quddiem. Fl-istess waqt lil dawk li qed inservu inwegħduhom l-istess ħeġġa u dinamiżmu li nisperaw li konna xhieda tagħhom sa issa", temm jgħid is-Segretarju Parlamentari Clyde Puli.

# SPORT PROMOTION UNIT - xahar mimli attivitajiet

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt





**Ix-xahar ta' Marzu kien mimli b'attivitajiet organizzati mill-iSport Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport f'dawn l-aħħar ġimgħat. Dan huwa elenku qasir ta' kull attività.**

### Handball Festival għas-Subien Form 3/4/5 - 10 ta' Marzu 2010 fil-Kulleġġ San Alwiġi

Din l-attività ttellgħet b'kollaborazzjoni mal-Malta Handball Association. Tmien skejjel ipparteċipaw b'total ta' 80 student. St. Edwards kienu l-finalisti, bil- Hamrun BJL mill-Kulleġġ St. Thomas More spiċċaw fit-tieni post u l-iskola Sekondarja tas-Subien ta' St. Venera fit-tielet post. Il-Malta Handball Association ppreżentat 20 ballun lill-iskejjel parteċipanti. Il-logħob kollu ġie kkontrollat mill-Youth Development Officer tal-Handball Mr Clyde Borg Conti.

Ittella' wkoll Handball Festival għat-tfajliet ta' Form 3/4/5 fil-Kulleġġ San Alwiġi. Din l-attività ttellgħet b'kollaborazzjoni mal-Malta Handball Association fejn ipparteċipaw sitt skejjel b'total ta' 72 studenta. St. Lucia Girls JL kienu r-rebbieħa ta' dan il-Festival bil-Malta Handball Association ukoll ippreżentat 20 ballun lill-iskejjel parteċipanti.

Rugby Festival Year 6 għas-Subien Skejjel Primarji - 22 ta' Marzu 2010 fil KMS Marsa Sports Grounds

Rugby Festival Form 3/4/5 għas-Subien Skejjel Sekondarji - 25 ta' Marzu 2010 fil-KMS Marsa Sports Grounds

L-ewwel attività ttellgħet b'kollaborazzjoni mal-Malta Rugby Football Union fejn seba' skejjel ipparteċipaw b'total ta' 80 tifel u tifla. Mgarr Primary kienu r-rebbieħa ta' dan il-Festival, bl-iskola ta' Birżebbuġa tispiċċa fit-tieni post. It-tieni attività wkoll ittellgħet b'kollaborazzjoni mal-Malta Rugby Football Union fejn ħames skejjel ipparteċipaw b'total ta' 60 student. L-iskola tal-Gżira Boys Secondary School, mill-Kulleġġ Santa Klara, spiċċat ir-rebbieħa ta' dan il-Festival, bil-Verdala Boys Secondary jiġu fit-tieni post. Il-logħob kollu ġie kkontrollat mill-Youth Development Officer tar-Rugby, is-Sur Robert Portelli.

### Programm ta' Atletika Year 4 minn Skejjel Primarji fil-Kulleġġ San Injazju - 30 ta' Marzu 2010 - Matthew Micallef St John Athletics Track Marsa

Total ta' 230 student ipparteċipaw f'taħriġ relatat mal-Atletika. L-istudenti kellhom l-opportunità jipparteċipaw fi 11-il Kids Athletics Activities differenti. Il-Prinċipal tal-Kulleġġ, is-Sur Horace Caruana, kien preżenti għal din l-attività. Is-Sur Mark Farrugia (KMS SPU Kordinatur tal-Atletika), kien responsabbli mit-tmexxija ta' din l-attività).

### Festival Ġinnastika Skejjel Primarji u Skejjel Sekondarji - 13 ta'April 2010, Gymstars Tarxien

Disa' skejjel Primarji u 13-il skola Sekondarja pparteċipaw f'dan il-Festival tal-Ġinnastika li kien l-ewwel wieħed organizzat mit-taqsima KMS Sport Promotion Unit. L-iskejjel ipparteċipaw fuq bażi ta' Festival u ma kien hemm l-ebda element kompetittiv. Is-Sur Jonathan Attard u s-Sinjorina Marconia Schembri ikkordinaw dawn l-attivitajiet.

### Fit Days Yr 3,4,5 u 6 mill-iSkola Primarja ta' Ħaż-Żabbar mill-Kulleġġ Santa Margerita - 4,11 ta' Marzu u 12,15 ta' April 2010 Cottonera Sports Complex

Total ta' 500 tifel u tifla pparteċipaw f'numru ta' logħob varjat. Dawn l-attivitajiet kienu marbuta ma' tliet temi mportanti – *agility*, *balance* u *coordination*. Din l-attività kienet koordinata mis-Sinjorina Marcon Cassar b'kollaborazzjoni sħiħa mal-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika tal-Kulleġġ Santa Margerita.

### Arti Sport Programme Yr 5 mill-iSkola ta' San Ġwann mill-Kulleġġ Santa Klara - 2 ta' Marzu 2010 Museum of Fine Arts u Ġnien Hastings

Total ta' 79 student u studenta pparteċipaw f'din l-attività. L-istudenti jinqasmu f'żewġ gruppi. Grupp ikollu Treasure Hunt fil-mużew tal-Arti u grupp ieħor jipparteċipa f'logħob Tradizzjonali Malti imtella' minn kowċis tal-Kunsill Malti għall-iSport.

### ABC's activities Yr 1's mill-iskejjel ta' Pembroke, San Ġwann u Sliema mill-Kulleġġ Santa Klara - 18 ta' Marzu 2010 KMS Marsa Sports Grounds

Total ta' 171 student/a pparteċipaw f'dawn l-attivitajiet. Il-logħob kollu kien relatat ma' *ability*, *balance* u *coordination*. Fost id-diversi stazzjonijiet preparati kien hemm ladders, hurdle races u rolling relays.

### Rambling Activity Siggiewi Primary - 3 ta' Marzu 2010 Rotta fil-kampanja fil-limiti tal-Fawwara

Total ta' 65 student/a pparteċipaw f'din l-attività. L-istudenti ġew mogħtija l-opportunità japprezzaw il-Flora u Fawna tal-inħawi u kif ukoll uħud mill-Kappelli li jinsabu tul ir-rotta.

### Sports Day mill-iSkola Primarja San Ġorġ Qormi u mill-Kulleġġ San Injazju - 15 ta' Marzu 2010 Cottonera Sports Complex

Total ta' 300 tifel u tifla ipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet. Il-klassijiet kienu jvarjaw mill-Kinder sal-Yr. 6. Fost l-attivitajiet imtella' kien hemm ħiliet bażiċi għat-tfal tal-Kinder Yr. 1 u Yr. 2, u kif ukoll numru ta' attivitajiet sportivi għall-kumplament tal-istudenti.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



# Regatta Jum il-Ħelsien Suċċess kbir għall-KMS

**Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien kienet organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport flimkien mal-klabbs u l-Għaqda Regatta Nazzjonali fejn wieħed jista' jgħid li dan l-esperiment irnexxa bil-kbir.**

Dan bil-għan li jkompli jsaħħaħ il-fattur sportiv kif ukoll dak kulturali u tradizzjonali fejn tnedew regolamenti kif ukoll inizjattivi oħrajn ġodda biex il-prodott finali jitjieb u jerġa' jwassal għal interess ikbar f'din it-tiġrija.

Waqt il-konferenza ta' l-aħbarijiet, is-Sur Bernard Vassallo, ta dettalji dwar ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien fejn qal li l-għan ewlieni tal-KMS kienet li tinżamm din it-tradizzjoni antika ħafna iżda fl-istess waqt tissaħħaħ għall-futur billi jiġi attirat interess kemm fil-qaddiefa kif ukoll fil-pubbliku in ġenerali li fil-passat kien jattendi ferm iktar bi ħġaru.

Is-Sur Vassallo qal li lejn tmiem is-sena 2009 il-KMS beda b'ħidma interna biex janalizza s-sitwazzjoni preżenti tar-Regatta u għal dan il-għan inħatar kumitat li kien kompost minn Bertie Muscat, Joe Caruana Curran, Margaret Mercieca, Kenneth Vella, Pierre Camilleri, Nazju Abela u Anton Miceli.



L-Onor. Clyde Puli jippreżenta s-Shield lil Charmaine Gerada, President tal-klabb tal-Isla





Waqt waħda mit-tiġrijiet f'Jum il-Ħelsien

Il-kumitat ħareġ b'diversi ideat kif jista' jitjieb il-prodott finali tar-regatta u għalhekk bdiet ukoll diskussjoni mal-Għaqda Regatta Nazzjonali, klabbs u persuni oħrajn midħla tar-regatta biex tinbidel l-immaġini u titjieb il-promozzjoni għal din it-tradizzjoni storika.

Fost it-tibdil sinjifikanti li seħħ kien hemm dawk fir-regolamenti fejn fost oħrajn sar qbil dwar il-polza tal-korsiji, l-uniformità fil-kits, is-sussidji għall-opri li jibdew u jispiċċaw it-tiġrija kif ukoll dwar il-premjijiet fejn filwaqt li dawk ta' Kategorija B baqgħu l-istess, ta' Kategorija A żdiedu.

Is-Sur Vassallo qal ukoll li minn din l-edizzjoni tar-regatta reġa' ddaħħal it-test tad-doping filwaqt li l-Bord tad-Dixxiplina u l-Appell kien taħt ir-responsabbiltà tal-KMS.

Is-Sur Vassallo enfasizza li, bla dubju, dan għadu l-bidu tal-proċess ta' riforma fl-iżvilupp tar-regatta u wara din l-edizzjoni se jitkompla d-djalogu u l-konsultazzjoni ma' diversi oqsma viċin ir-regatta biex ikompli jinbena fuq it-tajjeb li diġà hemm u jiġi salvagwardjat bl-aħjar mod il-futur tar-regatta.

Matul ir-Regatta tal-31 ta' Marzu saru 10 tiġrijiet, ħamsa fil-Kategorija A u ħamsa fil-Kategorija B fejn ħadu sehem is-seba' distretti li huma l-Isla, Bormla, Birgu, Kalkara, Marsamxett, Marsa u Birżebbuġa.

Il-Kalkara għall-ewwel darba rebħu ix-shield ta' Kategorija B b'massimu ta' 88 punt. Fit-tieni post spiċċaw il-Birgu u fit-tielet post l-Isla.

F'Kategorija A l-Isla rebħu erba' tiġrijiet u għalhekk assiguraw ruħhom mix-shield. Fit-tieni post spiċċaw il-Marsa u fit-tielet post Marsamxett.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Uffiċjali, qaddiefa u partitarji Sengleani jifirħu bis-suċċess miksub



Il-klabb tal-Kalkara ippreżentat bl-unur

# Festival ta' Sport Ekwestriju organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt




**Prorpju għada, 25 ta' April, il-Korsa taż-Żwiemel fil-Marsa mistennija tospita għall-ewwel darba festival ta' sport Ekwestriju li se jkun organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport bil-kollaborazzjoni tal-Malta Racing Club, il-Malta Equestrian Federation kif ukoll il-Malta Polo Club.**

Dettalji dwar din l-attività ingħataw waqt konferenza tal-aħbarijiet inidirizzata mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Pippo Psaila, koordinatur tal-attività kif ukoll Presidenti tal-assoċjazzjonijiet parteċipanti .

Clyde Puli qal li l-għan ta' din l-attività se jkun dak li jgħaqqad l-isport ekwestriju f'festival fejn id-dilettanti ta' dan l-isport se jkunu jistgħu igawdu ftit minn kollox f'post wieħed. B'kollox se jkun hawn sitt tipi differenti ta' dan lisport li huma l-Galopp, Trott, Ponijiet, Dressage, Show Jumping u Polo.

Hu semma' wkoll kif il-pjani tal-Gvern huma li l-Kumpless Sportiv tal-Marsa jilqa' fih aktar sport fosthom l-isport ekwestriju kollu. Għaldaqstant semma' kif il-masterplan għal dan il-kumpless jinkludi wkoll faċilitajiet li jaħsbu għall-isport ekwestriju.

Min-naħa tiegħu, ic-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Bernard Vassallo qal li hu ta' sodisfazzjon għall-Kunsill Malti għall-iSport li se jkun qed jorganizza din l-attività filwaqt li ħabbar ukoll li waqt din l-attività se tkun qed issir ġabra speċjali għall-Puttinu Cares.

Pippo Psaila, il-koordinatur ta' dan il-festival spjega kif din hija l-ewwel attività tax-xorta tagħha li jista' jiftakar fejn l-isport ekwestriju kollu f'salt se jingħaqad f'attività waħda. Hu spjega kif l-isport ekwestriju jikkonsisti f'żewġ tipi differenti ta' atleti li huma ż-żiemel u l-ġerrej.

Tkellmu wkoll il-presidenti tal-Assoċjazzjonijiet li bis-saħħa tagħhom se tkun qed issir din l-attività li fissru kif dan il-festival se jiswa ta' promozzjoni qawwija għal dan l-isport filwaqt li rringrazzjaw lill-Kunsill Malti għall-iSport għal din l-inizjattiva.

# Malta Invitational Meeting - Atletika

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

## Il-barriera ta' sitt metri megħluba fil-long jump tan-nisa

**Ir-rekord lokali tan-nisa fil-long jump li kien ilu madwar seba' snin ġie megħlub nhar is-Sibt li għadda meta l-atleta ta' Żurrieq Wolves u l-atleta femminili tas-sena 2009, Alessandra Pace, irnexxielha taqbeż ir-rekord antik bi 12-il ċentimetru għal figura mpressjonanti ta' 6.07 metri.**

Dan l-avveniment qiegħed fit-tieni sena tiegħu fil-kalendarju uffiċjali tal-European Athletics Calendar fejn ġab lejn pajjiżna 158 atleta li minnhom 82 ġew minn 14-il federazzjoni jew klabbs barranin. L-akbar kontinġent kien mir-Renju Unit iżda anke hawn kien hawn diversità sostanzjali fejn l-akbar grupp, jew Northern Athletics, kellhom 20 membru u dak ta' Southern UK kellhom 8 u 12 il-membru iehor mill-klabbs 'l isfel minn Londra li wkoll għamlu l-preżenza tagħhom.

B'24 atleta, il-klabb Svediż ta' Haharpspjkarana kien it-tim bl-akbar rappreżentanza. Il-mistednin kellhom diversi tragwadi x'jegħlbu bil-Brittaniċi in partikolari jippruvaw jiksbu l-livelli ta' kwalifikazzjoni għall-Youth Games tal-Commonwealth, il-European Youth Olympic Trials u l-World Junior Championships li għalihom kienu qed jikkompetu iż-żgħażagħ promettenti Maltin ukoll.

Nick Miller minn Northern Atheletics irnexxielu jitfa' 66.20 metri fil-hammer filwaqt li l kollega tiegħu, Jasmin Spencer, tefgħet 12.97 metri fis-shot put. Iżda l-kompetituri Maltin Marija Sciberras (libertas), Jeremy Borg (Allcomers), Clayton Vella u Tamara Vella (Pembroke) ma wrew l-ebda sinjal ta' inferjorità lejn il-kompetituri barranin. Fil-fatt Jeremy Borg rebaħ il-High Jump b'qabża mpressjonanti ta' 1.80 metri – l-akbar qabża għal tifel tal-età tiegħu.



Intant, Maria Sciberras kellha l-ewwel esperjenza tagħha, fl-400 metru hurdles, fejn spiċċat it-tieni wara atleta minn Northern Athletics u ġiet it-tieni ukoll fl-avveniment favorita tagħha. Il-100 metru hurdles fejn fiż-żewġ okkażjonijiet marret aħjar mill-kompetituri barranin. B'ħin ta' 11.32 sekondi, Clayton irrekordja l-aħjar ħin tiegħu fl-isprint klassiku fejn kien it-tieni Malti wara Rachid Choulal, minn Libertas, filwaqt li fl avveniment tan-nisa Tamara Vella irreġistrat ħin ta' 12.97 sekondi li nċidentalment kien trijonf personali għal Diane Borg (Starmax) bil-ħin tagħha ta' 12.39 sekondi.

Atleti oħrajn Maltin għamlu l-aħjar tagħhom fejn Mario Mifsud tefa' 38.15 metri fid-diskus u 11.93 metri fis-shot put. Jean Paul Callus irrekordja 56.76 metri fil-javelin filwaqt li Antonella Chouhal tefgħet 25.59 metri fil-hammer u 36.97 metri fid-diskus. Andy Grech għamel *personal best* fil-long jump iżda kien hemm rizultati oħrajn mill-aqwa bħal Naomi Reed fit-triple jump (12.10 metri), Kieran Showler-Davis rebaħ iż-żewġ sprints tal-100 metru u l-200 metru b'ħinijiet ta' 10.52 u 21.11 sekondi rispettivament. Ħinijiet oħrajn tajbin ġew miksuba minn Jack Green li rreġistra 48.26 sekondi fl-400 metru u Phil Hurst li rreġistra ħin ta' 3.58.80 fl-1500 metru. Anna Ek, mill-Isvezja, tefgħet 36.98 metri fil-hammer filwaqt li Harriet Pryke, mill-Isle of Man, waqqfet l-arloġġ f'ħin ta' 56.50 sekondi fl-400 metru għan-nisa.










L-għawwiema Maltin

# Laqgħa Internazzjonali tal-Għawm mill-ASA

## Jinkisru tmien rekords mill-għawwiema Maltin

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

**L-għawwiema Maltin, b'mod partikolari dawk tat-timijiet nazzjonali, komplew fejn ħallew fil-Kampjonati Mondjali tal-Għawm tal-FINA li saru f'Ruma, f'Lulju, li għadda meta riċentement wettqu prestazzjonijiet mill-aktar pożittivi fil-Laqgħa Internazzjonali tal-Għawm organizzata mill-ASA, f'Tal-Qroqq, li matulhom kisru tmien rekords, li jinkludu tliet rekords nazzjonali u ħames rekords tal-Age Group D.**

Il-parteċipazzjoni tal-għawwiema lokali kienet tlaħħaq mal-200 għawwiem u kienu jirrappreżentaw lit-timijiet nazzjonali tal-għawm, lil IASIS, Marsascala, Neptunes, Sliema u Birkirkara St. Joseph. Il-parteċipazzjoni minn għawwiema barranin kienet tajba wkoll u kienu ġejjin minn klabbs minn Franza, ir-Renju Unit, l-Italja u l-Isvizzera.

L-ewwel ġurnata ta' din il-Laqgħa Internazzjonali tal-Għawm kienet waħda pożittiva għall-Maltin għax fiha inkisru żewġ rekords, wieħed nazzjonali u ieħor fl-age group.

Ir-rekord nazzjonali nkiser fl-4x100m medley mit-tim nazzjonali tar-relay tal-irġiel kompost minn Mark Sammut, Andrea Agius, Neil Agius u Edward Caruana. Huma waqfu l-arloġġ fuq 4.07.21 biex tejbu l-ħin preċedenti tagħhom stess fil-Kampjonati Mondjali f'Ruma li kien ta'4.08.49.

Dan ir-rekord ħassar ukoll ir-rekord li kien twaqqaf minn SV Wacker Bughausen ta' 4.09.53 fil-Laqgħa Internazzjonali tal-Għawm organizzata mill-ASA fl-2002.

Sadanittant fl-istess ġurnata l-għawwiem ferm promettenti Mark Sammut kiser ir-rekord tal-100m backstroke ta' Age Group D meta waqqaf l-arloġġ fuq 1.03.13 u tejjeb il-ħin tiegħu stess li kien ta' 1.03.34.

Fit-tieni ġurnata komplew jinkisru aktar rekords, tant, li nkiser wieħed nazzjonali u tlieta fl-age group.

Andrea Agius tejjeb ir-rekord nazzjonali tiegħu stess fil-200m breaststroke meta rreġistra ħin ta' 2.32.06 filwaqt li fl-istess għawma Daniel Galea tejjeb ir-rekord tiegħu fl-Age Group D minn 2.34.81 għal 2.32.72.

Mark Sammut irnexxielu jirreġistra rekord ieħor fl-Age Group D meta għam il-200m freestyle f'ħin ta' 2.00.40 u ħassar ir-rekord ta' Kyle Scerri li kien ilu fis-seħħ mill-2005.

Finalment ir-rekord l-ieħor fl-Age Group D wasal minn Nikki Muscat meta tejbet il-ħin tagħha stess fil-50m backstroke għal 31.91.

Fl-aħħar ġurnata tal-Laqgħa Internazzjonali tal-Għawm spikkat l-għawwiema nazzjonali Nikki Muscat meta kisret żewġ rekords, dak nazzjonali u tal-Age Group D, fil-50m butterfly b'ħin ta' 29.70.

Bla dubju dawn it-tlitt ijiem tal-Laqgħa Internazzjonali tal-Għawm kienu mill-aktar pożittivi kemm għall-għawwiema Maltin kif ukoll għas-Swimming Board tal-ASA għall-mod kif ħejja l-organizzazzjoni tant li kellu tifħir mill-klabbs barranin li pparteċipaw. Minbarra hekk avvenimenti bħal din il-Laqgħa Internazzjonali jkomplu jippromowvu t-turiżmu sportiv lejn Malta.

Il-preżentazzjonijiet tal-midalji saru mill-president tal-ASA, Dr Austin Sammut kif ukoll miċ-Chairman tas-Swimming Board tal-istess ASA, Mark Galea.

WasteServ Malta Ltd

## L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



Bil-kooperazzjoni tiegħek, fil-faċilità għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (Material Recovery Facility) ġewwa Sant' Antnin, matul l-2009 inġabru madwar 12-il miljun kilo ta' Karta, Plastik u Metall.

Dan l-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.

# GRAZZI

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*


**FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006**
**PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA**
**RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%**

# Valletta jaqbżu fil-quċċata tal-klassifika fl-għaxar ġurnata tal-istaġun

**Wara waqfa ta' tliet edizzjonijiet biex ingħata spazju lil 100 sena Anniversarju tal-Kampjonat Malti, l-istorja tal-Futbol Malti qed terġa' tissokkta bid-disa' ġurnata tal-istaġun 1952-53.**

## ID-DISA' ĠURNATA

**21-02-1953:**
**Floriana FC .................... 4**
**St.George's FC .............. 0 H.T 1-0**
**Ref:** Flt. Sgt. John Kidd (RAF)
**Skurjaw:** C. Xuereb (F) 25', C. Azzopardi (F) 47', S. Williams (F) 62' u Ċ. Xuereb (F) 63'.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Donald Mock, Tony Dalli, Ġużi Bennetti, Ċensu Fenech, Caesar Xerri, Charles 'Il-Grioss' Azzopardi, Stanley Williams, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

**ST.GEORGE'S FC:** Ninu Degiorgio, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Żużu Rizzo, Frans Zarb, Twanny Mallia, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, P. Bugeja, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Nenu Bonavia, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**1.** Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr erba' plejers regolari meta minbarra Lolly Vella, li tilef il-kumplament tal-istaġun wara li daħal mal-Armata, huma kienu mingħajr ħuh Tony, Lolly Borg u Pullu Demanuele. Minflokhom daħlu Donald Mock, Ċensu Fenech, Caesar Xerri u Ċikku Xuereb.

**22-02-1953:**
**Birkirkara FC ................ 1**
**Rabat FC ........................ 0 H.T 0-0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.
**Skorja:** K. Valenzia (B) 86'.

**BIRKIRKARA FC:** Raymond Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Kenneth Valenzia, Stephen Sammut Tagliaferro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**RABAT FC:** Tony Micallef, Alfie Pearson, Richard Proud, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Charles 'Il-Kis' Zahra, Lewis Vigar, Maurice Cali'-Warrington, Ernest Chappelle, Charlie Theuma.

**1.** Birkirkara komplew bil-mixja pożittiva tagħhom meta kisbu s-sitt rebħa konsekuttiva fejn ma sofrewx goal fl-aħħar erba' ħarġiet.

**2.** Vigar ta' Rabat laqat il-lasta fl-aħħar minuta bil-goalkeeper Cosby megħlub.

**28-02-1953:**
**Hamrun Sp. FC ............. 5**
**Hibernians FC .............. 1 H.T 3-1**
**Ref:** Walter (Watty) Gatt
**Skurjaw:** K. Camilleri (Ħam) 13', Ġ. Buttigieg (Ħam) 14', O. Gatt (Ħam) 23', F. Church (Hibs) 40', Ġ. Buttigieg (Ħam) 55' u R. Psaila (Ħam) 65'.

**ĦAMRUN SP. FC:** Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Romeo Psaila.

**HIBERNIANS FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Joe Xuereb, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, John Coreschi.

**1.** Staġun mitmum qabel il-waqt għal Joe Griscti ta' Hibernians FC li kellu jieqaf minħabba problemi fl-irkoppa tant li kellu jagħmel l-operazzjoni tal-cartilage ftit ġimgħat wara.

**2.** Bl-iskor 2-0 il-plejer Armando Drago ġie ammonit mir-referee meta pprova jxejjer bil-ponn lil Michael Kingston wara li dan ikkommetta foul fuqu.

**3.** Hibernians, li fil-partiti ta' qabel tant kienu ħallew impressjoni tajba, kienu wisq fqar f'dan il-konfront kontra l-Ispartans fil-bżonn kbir tal-punti, tant, li fir-rapport tagħhom fuq il-partita, l-Isports Edition qalet li l-plejers Pawlisti tant dehru bla ħeġġa li ħadd minnhom ma pprotesta li Ġużi Buttigieg qabel skorja t-tieni goal tal-Ispartans kien irranġa l-ballun b'idu.

**4.** Taħwida sħiħa fuq l-awtur tal-aħħar goal Ħamruniż mill-gazzetti tal-epoka. Filwaqt li l-ġurnali The Times, Is-Sebħ u l-Isports Edition kollha qablu li l-goal skurjah Romeo Psaila, il-ġurnal il-Berqa attribwixxa l-goal lil Gejtu Psaila filwaqt li l-ġurnal Leħen is-Sewwa sostna li l-goal kien ta' Ġużi Buttigieg għaliex il-plejer Psaila (mingħajr ma speċifikaw jekk hux Romeo jew ħuh Gejtu) kompla l-ballun fix-xibka meta dan kien diġà skorra l-linja tal-goal.

**01-03-1953:**
**Valletta FC..................... 2**
**Sliema Wdrs. FC........... 0 H.T 1-0**
**Ref:** Major Alfred P. Briffa (R.M.A)
**Skurjaw:** S. Rapinett (V) 20' u P. Vassallo (V) 69'.

**VALLETTA FC:** Edwin Zammit, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Ċensu Muscat, Salvinu Schembri, Freddie Farrugia, Silvio Rapinett, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**SLIEMA WDRS. FC:** Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Michael Bonnici, Maurice Walsh, Joe 'Jockey' Xuereb, Frank Tonna, Sammy Nicholl.

**1.** Sliema Wanderers ħallew barra lill-goalkeeper Lolly Rizzo, u l-plejers Tony Nicholl, Ġużi Vassallo u Charlie Mattocks mill-aħħar ħarġa kontra Birkirkara li fiha kienu tilfu 1-0. Ninu Calleja kien nieqes ukoll għaliex kien għadu mweġġa'.

**2.** Michael Bonnici, wieħed mill-plejers ġodda fit-tim huwa tewmi ma' Ġużi Bonnici. It-tifel ta' Michael Bonnici, Sandro Bonnici lagħab għal diversi snin fid-diviżjonijiet iż-żgħar tal-MFA fis-snin disgħin. Ħu t-tewmin Bonnici, Salvu, ukoll lagħab ma' Sliema Wanderers fis-snin ħamsin u sittin filwaqt li t-tifel ta' Salvu Bonnici, Karl Bonnici, lagħab ma' Sliema u Valletta fis-snin disgħin.



*Il-kowċ ta' Floriana, George Shaw, bit-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat flimkien ma' plejers u diriġenti. Fuq ix-xellug nett jidher Anton Buttigieg, eks-president ta' Malta.*

3. Leli Pace, li kien qed jirritorna ma' Valletta wara li għaddietlu s-sospensjoni ta' xahar li weħel mill-Armata, kważi kien awtur ta' goal mhux tas-soltu, meta b'dahru lejn il-lasta intlaqat f'rasu mill-goalkick tal-goalkeeper Victor Scerri bil-ballun jolqot il lasta l mimduda u jispiċċa barra.
4. Bejn is-26 u s-36 minuta Valletta lagħbu b'għaxar plejers meta weġġa' 'It-Tichy' Grech li ħareġ jiddewwa.

**KLASSIFIKA:** Birkirkara FC 14 pti.; Valletta FC u Floriana FC 13 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Ħamrun Sp. FC u Hibernians FC 7 pti.; St. George's FC u Rabat FC 5 pti.

**L-AQWA SKORERS:** L. Pace (Valletta FC) 7 goals; C. Azzopardi (Floriana FC) 6 goals; P. Vassallo (Valletta FC) u M. Kingston (Hibernians FC) 4 goals.



Parti mill-folol li kienu jattendu għal-logħbiet tas-snin ħamsin fl-Empire Stadium, il-Gżira.

## L-GĦAXAR ĠURNATA

**07-03-1953:**
**Rabat FC .......................... 0**
**Sliema Wdrs. FC............ 0**
**Ref:** Michael Sciberras.

**RABAT FC:** Tony Micallef, Alfie Pearson, Richard Proud, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Charles 'Il-Kis' Zahra, Lewis Vigar, Maurice Cali'-Warrington, Charlie Theuma, Horace Herbert.

**SLIEMA WDRS. FC:** Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ġużi Cuschieri, Ray Edwards, Piju Lebrun, Michael Bonnici, Tony Nicholl, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Ġużi 'Labre' Camilleri.

1. Lolly Cuschieri spiċċa l-isptar b'siequ miksura wara tackle ma' Calì ta' Rabat, fil-57 minuta. F'dan il-ħin il-Wanderers kienu diġà qed iħossu n-nuqqas ta' Ray Edwards li weġġa', fl-34 minuta, u għalkemm irritorna, fil-55 minuta, kien il-ħin kollu qed izappap. Lolly Cuschieri tilef il-kumplament tal-istaġun.
2. Skond ir-rapport li deher fuq l-Isports Edition tat-Times of Malta l-ebda karozza tal-First Aid ma kienet preżenti għal din il-partita tant li meta Cuschieri kiser saqajh huwa ttieħed lejn l-Isptar fil-Black Maria tal-Pulizija qisu xi wieħed li xellef difrejh mal-ġustizzja minflok li weġġa' serjament.
3. Minkejja li Sliema komplew jilagħbu biż-żagħżagħ fuq talba tal-partitarji tagħhom huma daħħlu lura lill-veteran Tony Nicholl.



L-erba' plejers leġġendarji ta' Floriana – Tony Cauchi, Pullu Demanuele, Lolly Borg u Lolly Debattista

**08-03-1953:**
**Hibernians FC .............. 5**
**St. George's FC ............. 1 H.T 2-1**
**Ref:** Flt. Sgt. John Kidd (RAF)
**Skurjaw:** F. Church (H) 90 sekonda, J. Xuereb (H) 28', Ġ. Oliva (St. Geo) 36', F. Church (H) 67' u 81' u J. Xuereb (H) 88'.

**HIBERNIANS FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Buxton, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Joe Xuereb, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Geġiġa' Cassar.

**ST.GEORGE'S FC:** Ninu Degiorgio, Żużu Rizzo, Frans Purkiss, Frans Zarb, Twanny Mallia, Salvu Romolo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Ġużi Oliva, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**14-03-1953:**
**Valletta FC...................... 1**
**Birkirkara FC ................ 0 H.T 1-0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.
**Skorja:** o.g L. Attard (V) 20'.

**VALLETTA FC:** Edwin Zammit, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ġużi 'It-Tichy' Grech, Ċensu Muscat, Salvinu Schembri, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Freddie Farrugia, Leli 'Il-Pesa' Pace, Silvio Rapinett, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**BIRKIRKARA FC:** Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Leli 'Il-Likku' Saliba, Stephen Sammut Tagliaferro, Pye, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

1. L-autogoal ta' Leli Attard wasal fuq devjazzjoni bir-ras minn xutt ta' Pawlu Vassallo.
2. Iż-żagħżugħ goalkeeper ta' Valletta, Edwin Zammit, 20 sena, jumejn qabel din il-partita kien għadu kemm ġie mmultat Lm5 mill-Maġistrat V. Refalo wara li dan sabu ħati li waqt il-partita tat-Tieni Diviżjoni bejn Valletta u Floriana, tat-8 ta' Marzu, 1953, huwa pprovoka l-folla Furjaniża b'mossi mhux xierqa.
3. B'din ir-rebħa Valletta FC qabżu lil Birkirkara fil-quċċata tal-klassifika.

**15-03-1953:**
**Ħamrun Sp. FC............. 0**
**Floriana FC..................... 0**

**ĦAMRUN SP. FC:** Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Romeo Psaila.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Willie Xerri, Leli Zammit, Donald Mock, Tony Dalli, Ġużi Bennetti, Victor Farrugia, Stanley Williams, Charles 'Il-Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Cikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Għal Floriana rritorna Lolly Borg iżda Demanuele u l-aħwa Vella baqgħu nieqsa.

**KLASSIFIKA:** Valletta FC 15 pti.; Birkirkara FC u Floriana FC 14 pti.; Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 8 pti.; Rabat FC 6 pti. u St.George's FC 5 pti.

**L-AQWA SKORERS:** L. Pace (Valletta FC) 7 goals; C. Azzopardi (Floriana FC) 6 goals; F. Church (Hibernians FC) 5 goals; M. Kingston (Hibernians FC) u P. Vassallo (Valletta FC) 4 goals.

# Michael Mifsud l-eroj ta' Valletta b'hat trick



L-eroj ta' Valletta, l-attakkant Michael Mifsud




Nicky Saliba u Ton Caanen, Team Manager u Kowċ ta' Valletta

Hat-trick ta' Michael Mifsud irregala t-Tazza tal-100 sena Anniversarju tal-Kampjonat lil Valletta meta għelbu lir-rivali eterni Floriana bl-iskor ta' 3-1 biex b'hekk irrepetew is-suċċess ta' għaxar snin ilu meta kontra l-istess Floriana rebħu l-unur tat-Tazza taċ-Ċentinarju bl-iskor identiku ta' 3-1.

Valletta ma setax kellhom bidu aħjar meta wara biss ħames minuti huma fetħu l-iskor meta Michael Mifsud approfitta minn indeċiżjoni tad-difensur Orosco Anonam u b'xutt minn qagħda angolata għeleb lill-goalkeeper Furjaniż, Bernard Paris.

Ir-reazzjoni ta' Floriana waslet, fl-34 minuta, meta ballun fit-tul ta' Sacha Borg li qata' lid-difiża Beltija spiċċa għand Michael Ghebru li ra l-lob tiegħu jgħaddi ftit barra wara li antiċipa lil Bezzina.

Floriana komplew jagħfsu u fil-ħin miżjud qabel tmiem l-ewwel taqsima reġgħu resqu viċin, iżda wara azzjoni personali Joseph Borg ra l-konklużjoni djagonali tiegħu tgħaddi tħakkek ma' sieq il-lasti.

Iżda appena għaddew żewġ minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, reġa' kien Michael Mifsud li rdoppja meta kien pront daħal għal rebound wara li Paris laqa' parzjalment ix-xutt minn barra l-kaxxa ta' Jamie Pace.

Floriana rrispondew, fit-68 minuta, meta l-goalkeeper ta' Valletta, Nicky Vella, naqas li jżomm kross insidjuż minn fuq il-lemin, bil-ballun jispiċċa għand Ghebru li ra l-konklużjoni mblukkata minn fuq il-linja minn Luke Dimech.

It-tim immexxi minn Zoran Popovic, meritatament naqqas il-marġni tal-iskor tliet minuti mit-tmiem għal dak li kellu jkun l-isbaħ goal tal-logħba meta Pablo Doffo venven xutt minn 30 metru bogħod għar-rokna tax-xibka.

Iżda l-ferħ tal-Furjaniżi ma tantx dam minħabba li żewġ minuti wara, Michael Mifsud issiġilla r-rebħa biex xeħet lill-partitarji Beltin f'dellirju ta' ferħ. Forsi l-uniku punt negattiv f'din ir-rebħa kienet it-tkeċċija inutli tal-midfielder Belti, Edmond Agius.

Wara l-logħba, il-captain ta' Valletta, Gilbert Agius, irċieva t-trofew mingħand il-president tal-MFA, Dr. Joe Mifsud, fost il-briju tal-partitarji Beltin.

Fatt interessanti huwa li Gilbert Agius kien l-uniku plejer li rebaħ iż-żewġ Tazzi Ċentinarji meta, fl-2000, kien ukoll fit-tim Belti li kiseb dan is-suċċess.

BROWNS
DINE & DANCE
VALLETTA WATERFRONT



Il-plejers u l-uffiċjali ta' Valletta wara l-logħba



Partitarji ta' Valletta jifirħu bis-suċċess miksub



Il-president ta' Valletta, Victor Sciriha, jerfa' t-trofew



Roderick Briffa (Valletta) segwit minn Orosco Anonam u Sacha Borg (Floriana)



Pablo Doffo jidher jifraħ eżatt kif naqqas id-distakk għal Floriana

13.04.2010 - *Stadium Nazzjonali*

**FLORIANA..........1**

**VALLETTA..........3**

*Floriana* - Bernard Paris, Brian Said, Julian Briffa (Clifton ciantar 72), Joseph Borg (Stefan Lijeskic 59), Ryan Darmanin, Christian Caruana, Michael Ghebru, Sacha Borg (Mark Spiteri 77), Pablo Doffo, Orosco Anonam, Owen Bugeja - *Kowċ* - Zoran Popovic

*Valletta* - Nicky Vella, Steve Bezzina, Steve Borg, Luke Dimech, Jordi Cruyff, Roderick Briffa (Dyson Falzon 85), Kevin Sammut, Gilbert Agius (Edmund Agius 74), Jamie Pace, Priso Doding (Terence Scerri 59), Michael Mifsud - *Kowċ* - Ton Caanen

*Referee* - Chris Lautier
*Assistenti* - Philip Agius, Ingmar Spiteri
*Skorers* - M. Mifsud 5, 47, 89 (V); P. Doffo 87 (F)
*Ammoniti* - L. Dimech, M. Mifsud, G. Agius (V); J. Briffa, J. Borg, P. Doffo, C. Caruana (F)
*Tkeċċa* - E. Agius 90 (V)

Official Sponsor - Valletta F.C.
www.browns.com.mt
Res: +356 2702 2127 • 9949 2513
KITCHEN OPEN ALL DAY


POWERADE
CHOSEN BY FIFA TO HYDRATE
2010 FIFA WORLD CUP
SOUTH AFRICA 2010
FIFA WORLD CUP
CHOSEN BY FIFA
TO HYDRATE 2010 FIFA
WORLD CUP™ PLAYERS
POWERADE®
SOUTH AFRICA 2010
FIFA WORLD CUP
POWERADE®. OFFICIAL SPORTS DRINK OF 2010 FIFA WORLD CUP SOUTH AFRICA™.
©2009 THE COCA-COLA COMPANY. POWERADE® IS A TRADEMARK OF THE COCA-COLA COMPANY.

# Winners of the 100 Years National League Anniversary Cup

mfa LEAGUE 100 YEARS 1910 - 2010

SPORTIV

BROWNS
DINE & DANCE
VALLETTA WATERFRONT




# Valletta F.C.

VALLETTA F.C.



# MAGĦRUFA T-TIMIJIET FIS-SEMI-FINALI

## Il-holders Sliema Wanderers eliminati fil-Kwarti-Finali

**Kwarti-Finali**

| Data | Logħba | Riżultat |
|---|---|---|
| 03-Apr | Hamrun Spartans vs Sliema Wanderers | 5-2 |
| 03-Apr | Valletta vs Birkirkara | 3-1 |
| 05-Apr | Tarxien Rainbows vs Balzan Youths | 2-0 |
| 05-Apr | Hibernians vs Qormi | 4-5 PEN. |



Njongo Priso (Valletta) jipprova jaqbeż lil Angus Buhagiar u Trevor Cilia (Birkirkara)



Jonathan Bondin (Qormi) jidher jostakola lil Andrew Cohen (Hibernians)



Kurt Magro (Tarxien) jipprova jwaqqaf il-konklużjoni ta' Peter Anizoba (Balzan)

### Kwarti Finali - 01

**02.04.2010 - 14.0 hrs**

**Hamrun Spartans 5**
M. Pereira 1, G. Spiteri 4, R. Fenech 29, O. Obiefule 61, 71

**Sliema Wanderers 2**
P. Dos Santos Calcado 18, I. Woods 72

HT 3-1 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Ivan Casha, Mark Anthony Bonnici, Clyde Camoin, Roderick Fenech (Jonathan Holland 56), Martin Hrubsa, Rupert Mangion, Ian Zammit, Manolito Micallef, Gaetan Spiteri (Mead Mifsud 86), Obinna Obiefule, Marcelo Pereira (Mark Barbara 87)
*Kowċ* – Steve D'Amato

**Sliema W.** – Simon Agius, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Ryan Fenech (John Mintoff 68), Mark Scerri, Ivan Woods, Lucian Dronca (Clifford Gatt Baldacchino 46), Julio Cesar Alcorse (Jean Pierre Mifsud Triganza 46), Pedro Dos Santos Calcado, Clayton Failla
*Kowċ* – Mark Marlow

Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Philip Agius, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Paul Camilleri
Ammoniti – G. Spiteri, R. Mangion, M. Pereira, M. Mifsud (HS); C. Gatt Baldacchino, S. Agius, M. Scerri, C. Failla (SW)
Tkeċċew – I. Zammit 37 (HS); P. Dos Sanots Calcado 37 (SW)

### Kwarti Finali - 02

**02.04.2010 - 16.30 hrs**

**Valletta 3**
J. Pace 6, M. Mifsud 22, D. O'Brien 93

**Birkirkara 1**
M. Galea 81

HT 2-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Jordi Cruyff, Roderick Briffa (Declan O'Brien 77), Steve Bezzina, Steve Borg, Jamie Pace, Njongo Priso, Luke Dimech, Gilbort Agius, Terence Scerri (Kevin Sammut 63), Michael Mifsud
*Kowċ* – Ton Caanen

**Birkirkara** – Jorge Mora, Joseph Zerafa, Nikola Vukanac, Branko Nisevic, Shaun Bajada, Angus Buhagiar, Paul Fenech (Alan Tabone 81), Rowen Muscat, Karl Pulo, Michael Galea, Trevor Cilia
*Kowċ* – Paul Zammit

Referee – Chris Lautier
Assistenti – Konrad Borg, Mariano Debono
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – N. Vukanac, K. Pulo, R. Muscat (B); G. Agius, D. O'Brien (V)
Tkeċċa – G. Agius 65 (V)

### Kwarti Finali - 03

**04.04.2010 - 18.00 hrs**

**Tarxien Rainbows 2**
A. Ribeiro 15 pen., Rocha dos Santos 34

**Balzan Youths 0**

HT 2-0 **National Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Manuel Caruana, David Camilleri, Gianluca Calabretta (Luke Vella Critien 72), Everton Antonio Pereira, Anderson Ribeiro (James Shead 86), Mark Tanti (Kurt Magro 61), Andrew Decesare, Denni Rocha dos Santos, Ryan Mintoff, Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro

**Balzan Y.** – Frederick Tabone, Simon Aquilina, Jonathan Francica, Roderick Farrugia, David Agius, Glenn Tanti (Aaron Agius 46), Bjorn Bondin (Ivan Zammit 46), Matthew Sciortino, David Fenech, Simon Shead (Lydon Micallef 83), Peter Anizoba
*Kowċ* – Ivan Zammit

Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Philip Agius, William Debattista
Raba' Uff. – Glenn Tonna
Ammoniti – S. Shead (BY)

### Kwarti Finali - 04

**04.04.2010 - 20.00 hrs**

**Hibernians 1**
C. Sanvezzo 62

**Qormi 1**
J. Pearson 73

HT 0-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Adrian Pulis, Edward Herrera, Aaron Xuereb (Yan Cauchi 72), Jonathan Pearson, Jonathan Caruana, Christian Callejas, Miguel Lopes De Pina (Jean Paul Farrugia 15 (Triston Caruana 115), Elton Morelato, Andrew Cohen, Ben Camilleri
*Kowċ* – Mark Miller

**Qormi** – Matthew Farrugia, Duncan Pisani, Ramon dos Santos, Massimo Grima, Keith Fenech (Steve Meilak 113), Alfred Effiong, Joseph Farrugia, Camillo Da Silva Sanvezzo, Ryan Deguara (Matthew Bartolo 46), Jonathan Bondin, Stephen Wellman
*Kowċ* – Jesmond Zerafa

Referee – Marco Borg
Assistenti – Edward Spiteri, Gordon Barbara
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – J. Farrugia, A. Effiong, M. Grima (Q); E. Morelato, E. Herrera, A. Xuereb, B. Camilleri (H)
Ammoniti – A. Effiong 115 (Q)
Penalties (skorjati) – J. Farrugia, C. Da Silva Sanvezzo, M. Bartolo, R. Dos Santos (Q); C. Callejas, E. Morelato, J. Pearson (H)
Penalties (falluti) – T. Caruana, A. Cohen (H)




Maltco LOTTERIES MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com

# L-Isla jirbħu Kategorija A, filwaqt li l-Kalkara jiddominaw Kategorija B




L-Onor. Puli jippreżenta x-Shield lil Charmaine Gerada, President tal-Klabb tal-Isla

L-Isla żammew ix-Shield tar-Regatta tal-31 ta' Marzu wara li rreġistraw rebħa drammatika fl-aħħar tiġrija mal-isfidanti ewlenin tagħhom, Marsa, fejn tellgħu total ta' 74 punt.

Fl-isfida għar-rebħ tax-Shield kien hemm ukoll Marsamxett iżda dawn tal-aħħar inqatgħu minħabba li ma rnexxielhomx jiksbu punti fil-kategorija tal-Kajjikki. Id-distrett ta' Bormla, rinomat li huwa forza qawwija f'dawn it-tiġrijiet, iddiżappunta bil-kbir u kien proprju fl-aħħar tiġrija, dik tal-Pass b'Erba' Imqadef, li rebaħ il-punti.

Id-distrett tal-Kalkara ddomina Kategorija B, tant, li ħareġ rebbieħ b'punti massimi, jiġifieri, 88 punt. Kien hemm antiċipazzjoni li l-Birgu setgħu jagħtu sfida denja lir-rivali ġirien iżda ma kienx il-każ minħabba li l-Greens, komposti minn qaddiefa żgħażagħ għatxana għall-unuri, rebħu kull tiġrija biex niżżlu isimhom għall-ewwel darba fuq ix-Shield ta' din il-kategorija.

Ir-regatta kienet għall-ewwel darba organizzata mill-KMS.



Partitarji, uffiċjali u qaddiefa Sengleani jifirħu bis-suċċess
















kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Ir-riżultati kollha

## Kategorija Open

| Dgħajjes A tal-Midalji | |
|---|---|
| 1. | Isla (Rhys Fiteni, Lawrence Ciantar, Clayton Darmanin, Donald Gilford) 4'44 |
| 2. | Marsamxett |
| 3. | Marsa |

| Frejgatini | |
|---|---|
| 1. | Isla (Christian Aquilina, Gilmour Zammit) 6'56 |
| 2. | Marsa |
| 3. | Marsamxett |

| Dgħajjes Ċ tal-Pass b'Żewġ Imqadef | |
|---|---|
| 1. | Marsa (Adrian Schembri, Redmeer Zammit) 5'52 |
| 2. | Marsamxett |
| 3. | Isla |

| Kajjikki | |
|---|---|
| 1. | Isla (Gilmour Zammit, Donald Gilford) 6'25 |
| 2. | Marsa |
| 3. | Birżebbuġa |

| Dgħajjes B tal-Pass b'Erba' Imqadef | |
|---|---|
| 1. | Isla (Rhys Fiteni, Lawrence Ciantar, Clayton Darmanin, Donald Gilford) 5'22 |
| 2. | Marsa |
| 3. | Bormla |

| Klassifika | | |
|---|---|---|
| 1. | Isla | 74 punt |
| 2. | Marsa | 66 |
| 3. | Marsamxett | 28 |
| 4. | Bormla | 8 |
| 5. | Birżebbuġa | 0 |

## Kategorija B

| Dgħajjes Ċ tal-Pass b'Żewġ Imqadef | |
|---|---|
| 1. | Kalkara (Noel Bugeja, Roderick Briffa) 5'46 |
| 2. | Birgu |
| 3. | Isla |

| Kajjikki | |
|---|---|
| 1. | Kalkara (Kurt Vassallo, Mariano Rodriguez) 6'28 |
| 2. | Isla |
| 3. | Birgu |

| Dgħajjes A tal-Midalji | |
|---|---|
| 1. | Kalkara (Roderick Briffa, William Mifsud, Timmy Thomas, Kurt Vassallo) 4'50 |
| 2. | Marsa |
| 3. | Birgu |

| Frejgatini | |
|---|---|
| 1. | Kalkara (William Mifsud, Mariano Rodriguez) 7'00 |
| 2. | Isla |
| 3. | Marsa |

| Dgħajjes tal-Pass b'Erba' Imqadef | |
|---|---|
| 1. | Kalkara (Noel Bugeja, Roderick Briffa, Mariano Rodriguez, Kurt Vassallo) 5'32 |
| 2. | Birgu |
| 3. | Bormla |

| Klassifika | | |
|---|---|---|
| 1. | Kalkara | 88 punt |
| 2. | Birgu | 38 |
| 3. | Isla | 22 |
| 4. | Marsa | 16 |
| 5. | Bormla | 8 |


gillette.com
© 2008 The Gillette Company.
REFRESH JUST SHAVED SKIN
GILLETTE SERIES SPLASH
INSPIRED BY 600 MILLION MEN FOR ONE FACE–YOURS
600 million men shave with Gillette, so we know how to achieve a great after shave freshness. Try Gillette Splash Cool Wave and feel the wave of refreshment.
Trade Enquiries VJ Salomone (Marketing) tel: 8007 2387
Gillette SERIES
AFTER SHAVE SPLAS
Gillette SERIES
Gillette
The Best a Man Can Get™

# Hibs Medsea jirbħu l-BOV Knock-Out tan-Nisa

### BOV Knock-Out - Nisa Final

McDonalds Depiro................49
Hibs Medsea.........................68
(10-20, 12-10, 12-16, 15-22)

Hibs rebħu dan l-unur għall-14-il darba, għat tieni unur tagħhom f'dan l-istaġun, wara t-Tazza Louis Borg. Huma ddominaw din il-finali meta ħadu vantaġġ bikri li żiedu aktar ma għadda l-ħin biex spiċċaw rebbieħa komdi ħafna.
Hibs għandhom rekord ta' tmien rebħiet konsekuttivi u għaxar darbiet f'dawn l-aħħar 11-il sena.

### Rebbieħa

| | |
|---|---|
| 1977 | A.S.P. Fiat |
| 1978 | Cadettes Haig |
| 1979 | New University Fiat |
| 1980 | New University Fiat |
| 1981 | New University Fiat |
| 1982 | Athleta Fisher |
| 1983 | Luxol Murisan |
| 1984 | Fiat La Salle |
| 1985 | Luxol Plasmon |
| 1986 | Luxol Imco |
| 1987 | Luxol Plasmon |
| 1988 | Siggiewi |
| 1989 | Luxol Mita |
| 1990 | Siggiewi |
| 1991 | Luxol Plasmon |
| 1992 | Selecta Paola Stars |
| 1993 | Selecta Paola Stars |
| 1994 | Selecta Hibs |
| 1995 | Pembroke Assitalia |
| 1996 | B'kara M.F.S. |
| 1997 | Pembroke Assitalia |
| 1998 | Hibernians |
| 1999 | Naxxar Danone |
| 2000 | Hibernians |
| 2001 | Hibs Go Mobile |
| 2002 | Hibs Go Mobile |
| 2003 | Hibs Go Mobile |
| 2004 | Hibs Go Mobile |
| 2005 | Hibs Go Mobile |
| 2006 | Hibs Medsea |
| 2007 | Hibs Medsea |
| 2008 | Depiro |
| 2009 | Hibs Medsea |
| 2010 | Hibs Medsea |

### Kampjonat BOV I Diviżjoni Irġiel

Wara l-ewwel fażi ta' logħob, intlagħbet iċ-Championship Pool, bejn l-ewwel tliet timijiet, fejn ħadu magħhom il-punti tal-fażi ta' qabel. Iċ-champions, Bupa Luxol, kellhom bicca xogħol iebsa biex jiksbu post fil-finali meta bdew bi 17-il punt, kontra l-21 ta' Siggiewi Kent Boringer u 25 ta' Athleta Compleet IS. Siggiewi rebħu l-ewwel żewġ partiti u kienu l-ewwel tim li għadda għall-finali. Bupa żammew ħajjin it-tamiet billi rebħu żewġ logħbiet wara telfa imma meta tilfu, fil-ħin barrani kontra Athleta, dawn tal-aħħar ingħaqdu ma' Siggiewi fil-finali. Fl-aħħar logħba tal-grupp jilagħbu ż-żewġ timijiet li ser jiltaqgħu fil-finali u tkun tgħodd biss għal min se jispiċċa f'ras il-grupp.

### Championship Pool

Siggiewi Kent Boringer .........79
Bupa Luxol ..........................61
(21-16, 17-10, 15-18, 26-17)

Bupa Luxol ..........................77
Athleta Compleet IS.............75
(24-10, 23-15, 11-17, 19-33)

Athleta Compleet IS.............65
Siggiewi Kent Boringer .........74
(20-14, 13-14, 18-20, 14-26)

Bupa Luxol ..........................69
Siggiewi Kent Boringer .........43
(18-12, 23-6, 18-12, 10-13)

Athleta Compleet IS.............84
Bupa Luxol ..........................79
(wara l-ħin barrani)
(17-15, 16-13, 22-27, 18-18) – (11-6)

### KLASSIFIKA

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi Kent Boringer | 15 | 12 | 3 | 969 | 897 | 25 |
| Athleta Compleet IS | 15 | 12 | 3 | 1149 | 956 | 25 |
| Bupa Luxol | 16 | 7 | 9 | 1086 | 1089 | 21 |

(It-timijiet ħadu magħhom il-punti tal-ewwel fażi)

### Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

Wara l-aħħar partiti tat-tieni round ta' logħob, kienu Starlites Ker Grill u Hamidiye Siggiewi li spiċċaw b'punti ndaqs, fl-ewwel post, u issa jikkontestaw il-finali tal-Play Offs għar-rebh tal-kampjonat, l-aħjar minn tliet partiti.
Barra minn hekk hemm Classification Pool meta l-aħħar żewġ timijiet tal-Ewwel Diviżjoni, Rabat Depiro u St. James Hospital, jilagħbu kontra żewġ timijiet tat-Tieni Diviżjoni puri li ma għandhomx tim fl-ogħla diviżjoni, Jiġifieri, Starlites Ker Grill u Floriana.

### Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

Athleta.................................65
Qormi..................................53
(15-11,20-11, 19-14, 11-17)

Hamidiye Siggiewi ...............58
Mellieha Bullets ...................53
(8-19, 18-13, 24-12, 8-9)

Depiro Mtarfa.......................55
Bell Med SN Suns ................63
(10-16, 13-23, 13-10, 19-14)

Starlites Ker Grill .................72
Floriana ...............................58
(20-16, 22-13, 10-16, 20-13)

### KLASSIFIKA FINALI

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Starlites Ker Grill | 14 | 12 | 2 | 903 | 641 | 26 |
| Hamidiye Siggiewi | 14 | 12 | 2 | 1010 | 785 | 26 |
| Floriana | 14 | 10 | 4 | 889 | 764 | 24 |
| Mellieha Bullets | 14 | 8 | 6 | 816 | 735 | 22 |
| Bell Med SN Suns | 14 | 8 | 6 | 882 | 784 | 22 |
| Athleta | 14 | 4 | 10 | 731 | 864 | 18 |
| Qormi | 14 | 1 | 13 | 607 | 965 | 15 |
| Depiro Mtarfa | 14 | 1 | 13 | 626 | 943 | 15 |

### Kampjonat Nazzjonali Nisa

Wara l-ewwel fażi ta' logħob intlagħab iċ-Championship Pool bejn l-ewwel tliet timijiet meta ħadu magħhom il-punti mill-fażi ta' qabel. Wara l-ewwel logħbiet it-timijiet baqgħu jżommu l-istess pożizzjoni, imma wara, kemm Luxol kif ukoll Hibs Medsea għelbu lil McDonalds Depiro biex it-tnejn għaddew għall-finali tal-Play Offs, l-aħjar minn tliet partiti. L-aħħar logħba hija bejn iż-żewġ timijiet tal-finali u tgħodd biss għal min se jispiċċa fl-ewwel post tal-grupp.

### Championship Pool

Luxol ...................................52
McDonalds Depiro................44
(9-16, 21-9, 15-7, 7-8)

McDonalds Depiro................67
Hibs Medsea.........................58
(11-13, 27-12, 14-19, 15-14)

Hibs Medsea.........................52
Luxol ...................................48
(7-11, 20-13, 12-8, 13-16)

McDonalds Depiro................31
Luxol ...................................52
(6-17, 9-9, 11-9, 5-17)

Hibs Medsea.........................44
McDonalds Depiro................42
(13-10, 9-6, 13-10, 9-16)

### KLASSIFIKA FINALI

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibs Medsea | 15 | 13 | 2 | 872 | 591 | 27 |
| Luxol | 15 | 12 | 3 | 853 | 611 | 26 |
| McDonalds Depiro | 16 | 10 | 6 | 1017 | 775 | 23 |

(It-timijiet ħadu l-punti magħhom fit-tieni fażi)

### Classification Pool Nisa

Honey Athleta.......................52
Allcare Insurance Loyola........39
(11-6, 12-15, 19-9, 10-9)

Starlites Sports Experience ....49
St. Andrews .........................56
(7-15), 16-14, 13-9, 13-18)

Wara l-aħħar żewġ partiti ta' din il-kompetizzjoni, li kienet mirbuħa minn Athleta, ġimgħa qabel, St. Andrew's żammew posthom wara r-rebbieħa u ż-żewġ timijiet l-oħra wkoll baqgħu fl-istess pożizzjoni.

### KLASSIFIKA FINALI

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Andrews | 18 | 7 | 11 | 674 | 946 | 23 |
| Allcare Insurance Loyola | 18 | 6 | 12 | 757 | 855 | 19 |
| Starlites Sports Experience | 18 | 2 | 16 | 708 | 1074 | 16 |

(It-timijiet ħadu l-punti magħhom fit-tieni fażi)


Siggiewi Kent Boringer vs Athleta Compleet IS







# L-ASM tagħlaq 25 sena - Snin ta' servizz lill-Motorsport Malti

**Nhar l-Erbgħa, 14 ta' April, l-Assocjazzjoni Sport Muturi ASM għalqet 25 sena ta' ħidma fil-Motorsport Offroad Malti fil-Korsa ta' Ta' Qali. Grazzi lill-fundatur l-Onor. Noel Farrugia MP u sħabu ta' dak iż-żmien li 25 sena ilu welldu għaqda tal-muturi Offroad li għadha ħajja sal-lum. Grazzi wkoll lill-Kumitat Eżekuttiv tal-ġurnata li minkejja l-ħafna diffikultajiet ta' matul iż-żmien, żammew ħajja din l-assoċjazzjoni. Iktar minn hekk, l-ASM kibret u hija dik li hija llum. Rajt kompetituri jiġu u jmorru matul 25 sena imma l-ASM għadha ħajja u żgur li għamlet ħafna ġid speċjalment fost iż-żgħażagħ Maltin matul iż-żmien.**

Nhar il-Hadd, 11 ta' April, l-Assoċjazzjoni Sport Muturi wettqet l-għaxar attività tal-Kampjonati ASM-Ashika-Poiatti 2009/2010 li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed joqrob lejn it-tmiem. Il-ġurnata kienet tikkonsisti fit-tiġrijiet bil-Karozzi Autocross u Bangers waqt li fl-attività tal-25 ta' April, sar ukoll il-Motocross ukoll.

Ħarsa lura lejn din l-għaxar attività minn kampjonat ta' 12-il tiġrija rajna lil Karmenu Mifsud fuq Hillman IMP jirbaħ il-Heats kollha tal-ġurnata u kien l-uniku sewwieq li akkwista l-għola punteġġ matul il-ġurnata għall-kwalifikazzjoni f'Klassi A li hija ferm prestiġġjuża mas-sewwieqa u spettaturi tal-Autocross. Fil-finali ta' Klassi A, li ssir b'sitt karozzi ħdejn xulxin għal disa' dawriet madwar il-korsa ta' ftit iktar minn kilometru f'kull dawra, kien hemm bidu tajjeb min Karmenu Mifsud li mill-ewwel ħataf l-ewwel post fit-tiġrija. Dan kien segwit minn Micheal Pace fuq Fiesta, Christian Galea fuq Ritmo u Patrick Cassar fuq Opel. Ftit sekondi qabel tmiem l-ewwel dawra Pace żbalja fuq Mifsud fejn kien hemm kuntatt bejn it-tnejn b'Mifsud isalva il-pożizzjoni tiegħu, imma sewa lil Pace pożizzjoni fejn Galea kien pront ħataf l-okkażjoni biex javanza għat-tieni post. Mifsud kompla jillidja t-tiġrija iżda issa kellu pressjoni oħra qawwija minn Christian Galea fuq Ritmo. Kien jonqos biss żewġ dawriet għal tmiem it-tiġrija fejn Mifsud żbalja fl-instabbiltà tal-karozza tiegħu u tilef postu, tant, li spiċċa fl-aħħar pożizzjoni. Galea kien pront li ħa l-vantaġġ u b'hekk kellu triq faċli biex jirbaħ din il-finali ta' Klassi A. It-tiġrija spiċċat b'Christian Galea fl-




ASM MOTOR SPORT ASSOCIATION

minn Frans Deguara





ewwel post segwit minn Michael Pace fuq Fiesta u minn Patrick Cassar fuq Opel Corsa fit-tielet post.

Fil-final Klassi B kien hemm mudell ta' karozza ġdida tiddomina din it-tellieqa. Vince Farrugia fuq VW Polo għamel ħruġ tajjeb ħafna f'din it-tiġrija, tant, li beda jakkwista vantaġġ f'kull dawra u baqa' jokkupa l-ewwel pożizzjoni sal-bandiera tal-Finish. Wara Farrugia kien hemm Ryan Scerri fuq Fiesta jikkumbatti ma' dak tat-tielet pożizzjoni Mario Scicluna fuq Opel Corsa. Minkejja li kien hemm distakk bejn Farrugia u l-kumplament, din it-tiġrija kienet xhieda ta' sewqan professjonali mill-bidu sat-tmiem. l-Attivitajiet tal-Autocross f'din il-ġurnata saru b'direzzjoni opposta ta' dik tas-soltu.

Fil-Bangers, Dennis Vassallo kompla jiddomina fuq il-Cortina Nru 19 fejn matul il-ġurnata kellu żewġ rebħiet minn tliet tiġrijiet. Dennis kompla jissiġilla t-triq lejn ir-rebħ ta' kampjonat ieħor b'total ta' 57 punt f'din il-ġurnata. Dan kien segwit tajjeb minn Tony Spiteri fuq Granada li spiċċa l-ġurnata 54 punt u minn Clayton Bugeja li spiċċa b'45 punt.

Biex tikkommemora għeluq il-25 sena (14-04-1985) mit-twaqqif tagħha, l-Assoċjazzjoni ASM se torganizza Dinner Presentation ta' Trofej lill-membri tagħha. F'din l-okkażjoni se taħtar President Onorarju ASM u kif ukoll xi Membri Onorarji oħra. L-Assoċjazzjoni tħabbar ukoll li f'din l-okkażjoni se jkun hemm mistednin distinti mix-xena tal-isport Malti. Din l-attività speċjali se ssir nhar is-Sibt, 8 ta' Mejju.

L-Assoċjazzjoni ħabbret ukoll li nhar il-Ħadd, 16 ta' Mejju, se torganizza l-'End of Season Demolition'. F'din il-ġurnata jiġu organizzati wkoll l-aħħar attivitajiet tal-Kampjonati Nazzjonali ASM 2009/2010. Bi tħejjija għal din id-Demolition, l-ASM se torganizza Meeting għas-sewwieqa fil-Club House fl-Imtarfa, nhar il-Ħamis, 6 ta' Mejju, fit-8.00 p.m.

L-ASM tavża wkoll li se torganizza l-ewwel Night Event tas-sena, nhar is-Sibt, 17 ta' Lulju, fil-5.00 p.m. Din se tkun il-bidu tal-Kampjonat 2010-2011.

Għal iktar informazzjoni dwar l-attivitajiet wieħed jista' jagħmel kuntatt ma':

Frans Deguara President ASM-9945 2117 – fdeg1@yahoo.co.uk jew Segretarju ASM fuq 9942 5489 - asm@maltanet.net u fil-Website 'Autocross in Malta'






English-Billiards Open Series

MALTA OPEN

## English Billiard Open Series

# Pawlu Mifsud jitlef fil-kwarti-finali u Ġużi Grech eliminat fl-aħħar sittax

Pawlu Mifsud inqala' kontra l-Ingliż Rob Hall 188-388(51,65,76) fil-Kwarti-Finali fil-kompetzjoni tal-EBOS li saret hawn Malta, filwaqt li Ġużi Grech inqala' mal-istess plejer fir-rawnd ta' qabel, jiġifieri, mal-aħħar 16 meta tilef bl-iskor ta' 277-445(99,74).

Fir-rawnd tal-aħħar sittax, Pawlu Mifsud għeleb lil Michael Wright 485(99)-203, filwaqt li fil-fażi tal gruppi huwa rebaħ erba' logħbiet u tilef waħda biex spiċċa fit-tieni post fi Grupp Ċ. L-akbar break ta' Mifsud fil-kompetizjoni kien dak ta' 105.

Fi Grupp A, Ġużi Grech rebaħ erba' logħbiet u tilef waħda biex ukoll spiċċa fit-tieni post tal-grupp tiegħu. L-akbar break ta' Grech kien dak ta' 102. L-akbar break fil-kompetizzjoni kien dak ta' 254 mill-Ingliż Mathew Sutton.

Iż-żewġ plejers l-oħra Maltin li ħadu sehem kienu Tommy Busuttil u Brian Cardona li sfaw eliminati fil-Fażi tal-Gruppi. Tommy Busuttil rebaħ logħba biex spiċċa fil-ħames post f'Grupp D, filwaqt li Cardona ma rebaħ l ebda logħba u spiċċa fl-aħħar post minn Grupp B. Cardona għamel break wieħed ta' 58. F'din il-kompetizzjoni ħadu sehem 30 plejer li tqassmu f'ħames gruppi ta' sitt plejers f'kull grupp.

## Kampjonati Ewropej tal-Masters 2010

# Tony Mifsud u Ivan Rizzo jaslu sal-finali

Għat-tieni darba fi tliet snin Tony Mifsud, din id-darba flimkien ma' Ivan Rizzo, irnexxielu jasal sal-final tal-European Masters Team Snooker Championship biex kiteb ismu fl-istorja tal-iSnooker Malti u dak Ewropej. Prosit Tony! Prosit Ivan!

B'kollox ħadu sehem 16-il tim biss, seba' timijiet anqas milli ħadu sehem fir-Russja sena ilu. Dawn inqasmu f'żewġ gruppi bit-tim ta' Malta 1 magħmul minn Frans Mintoff u Arthur Cachia jispiċċa fit-tieni post minn Grupp A fejn rebħu ħames logħbiet u tilfu tnejn u Malta 2 (Tony Mifsud u Ivan Rizzo) spiċċaw fir-raba' post minn Grupp B b'erba' rebħiet u tliet telfiet. Iż-żewġ timijiet għaddew għall-kwarti-finali fejn Malta 1 tilfu kontra l-Belġju bl-iskor ta' 3-7, filwaqt li Malta 2 rebħu lill-Finlandja bl-iskor ta' 7-5. Fis-semi-finali Malta 2 għelbet lil Belġju bl-iskor ta' 7-4, sakemm fil-final huma tilfu bl-iskor ta' 0-7 kontra l-qawwa ta' Wales, tim kompost minn Darren Morgan u Phil Williams. Fl-2007 fil-Belġju, Tony Mifsud flimkien ma' Frans Mintoff kienu wkoll waslu sal-final fejn tilfu mat-tim ta' Wales bl-iskor ta' 3-7.


Il-plejers Phil Williams, Tony Mifsud, Ivan Rizzo u Darren Morgan

### Kampjonat Ewropej U19

# Jak Jones champion

## Aaron Busuttil jasal sal-fażi finali

Jak Jones ta' Wales għamel ċert minn post fil-Main Tour bħala plejer professjonali mill-istaġun li ġej meta rebaħ il-European U/19 Snooker Championship 2010. Fil-finali huwa għeleb lill-iSkoċċiz Anthony McGill bl-iskor ta' 6-4.

Aaron Busuttil kien l-uniku plejer Malti li rnexxielu jgħaddi għall-fazi finali mal-aħħar 32 minn 56 plejer meta f'Grupp F huwa rnexxielu jirbaħ tliet logħbiet, fosthom kontra l-plejer internazzjonali Ingliż Nick Jennings bl-iskor ta' 3-2. Sfortunatament huwa rega' ltaqa' mal-istess plejer fir-rawnd tal-aħħar 32 u din id-darba tilef bl-iskor ta' 1-3. Finalment Jennings irnexxielu jasal sas-semi-finali.

L-erba' plejers l-oħra Maltin ma rnexxilhomx jgħaddu mill-fażi tal-gruppi. Dan kien l-agħar rekord f'dawn l-aħħar ħames snin minħabba li dejjem għaddew tnejn jew aktar plejers fis-snin ta' qabel. Filwaqt li sa sena ilu fir-Russja, ħames pajjiżi biss kisbu riżultati aħjar minna, din is-sena kien hemm tmien pajjiżi li marru aħjar minn Malta. Għall-ewwel darba rajna lil dawk il-pajjiżi li qegħdin jinvestu

minn Vincent Pisani



# Kampjonat Ewropej Timijiet tal-Irġiel




Jak Jones mar-referee Malti Paul Galea



Nick Jennings u Aaron Busuttil qabel il-logħba

ħafna fiż-żgħażagħ tagħhom fosthom il-Ġermanja, l-iSvezja u l-Awstrija jiksbu riżultati aħjar minn tal-Maltin.

Matthew Calleja rebaħ żewġ logħbiet biex spiċċa fil-ħames post fil-grupp tiegħu u rnexxielu jagħmel l-akbar break fost il-plejers Maltin, dak ta' 57. It-tliet plejers l-oħra, Wayne Pace, Chris Peplow u Shaun Sultana, rebħu biss logħba kull wieħed. Shaun Sultana ġie mgħarraf mill-kumitat tal-MBSA li ser jieħu sehem xi ġimgħatejn biss qabel bdew il-kampjonati; ħasra li ftit kellu ċans jipprepara meta nafu li l-plejer għandu potenzjal fejn saħansitra kien finalist fil-kampjonat nazzjonali. Għal xi raġuni jidher li din id-darba l-erba' plejers l-oħra intgħażlu mil-lista tar-ranking nazzjonali, ranking li m'għandu xejn x'jaqsam mal-kategorija tal-U/19. Meta l-Kampjonat Ewropej kien isir f'pajjiżi oħra kienu jintgħażlu dawk l-erba' plejers li jaslu fis-semi-finali tal-kampjonat lokali tal-kategorija tal-U/19, liema kampjonat jintemm f'Jannar u għalhekk kulħadd kien jaf minn qabel jekk kienx se jikkompeti fil-Kampjonati Ewropej. Ħafna pajjiżi li ospitaw dawn il-kampjonati kellhom tmien plejers tal-pajjiż, filwaqt Malta kellna ħamsa biss meta ħafna stennew li l-parteċipanti kienu se jkunu tmienja.

Il-plejers żgħażagħ Maltin għandhom bżonn ħafna mpenn internazzjonali biex ikomplu javvanzaw fil-livell mondjali u fil-fatt dan jidher ċar fir-rekord li kien għamel Thurston Grixti meta għadda għall-fazi-finali tal-European U/19 Snooker Championship, tliet darbiet. Suċċess individwali li diffiċli jintlaħaq. Dak iż-żmien Thurston Grixti u Shawn Agius kienu rebħu ħames jew sitt logħbiet fil- gruppi tagħhom fl-Ewropa. B'hekk il-parteċipazzjoni nternazzjonali trid bilfors tikber jekk ma rridux naqgħu lura minn pajjiżi oħra.

## Diżappunt għall-Maltin

Meta wieħed iqis li Malta 1 rebħet dan il-kampjonat darbtejn fl-2004 u fl-2005 u jqabbel ir-riżultati miksuba s-sena l-oħra fir-Russja meta t-tim safa eliminat fis-semi-finali u naraw x'ġara din is-sena, wieħed ma jistax ma jkunx diżappuntat. Din is-sena konna eliminati fil-kwarti-finali, filwaqt li t-tim ta' Malta 2 ukoll naqas li jilħaq dak li laħaq fir-Russja meta kien eliminat fil-kwarti-finali, biex din is-sena kien eliminat mal-aħħar 16. Wieħed irid iżomm ukoll f'moħħu li diversi pajjiżi mportanti fosthom l-Ingilterra, l-Olanda, Ċipru u oħrajn ma ħadux sehem.

Malta 1 bil-formazzjoni ta' Alex Borg, Duncan Bezzina u Simon Zammit spiċċa fit-tieni post ta' Grupp A b'ħames rebħiet u telfa. Fil-grupp tagħhom huma rebħu 57 frame u tilfu 23. Fl-aħħar 16 huma għelbu lill-Irlanda 10-3 biex fil-kwarti finali tilfu kontra Wales 2 bl-iskor ta' 4-10. L-ogħla break fost il-plejers Maltin kien dak ta' 100 permezz ta' Alex Borg, filwaqt li l-ogħla break fil-kampjonat kien dak ta' 140 minn Robert Murphy.

## Wales 2 rebħu l-Kampjonat Ewropej b'rebħa ta' 10-6 fuq it-tim ta' Skozja 2

Malta 2 bil-formazzjoni ta' Simon Camilleri, Clayton Castaldi u Mark Saffrett spiċċa fir-raba' post minn Grupp bi tliet rebħiet u tliet telfiet. F'dawk li huma frames huma rebħu 45 u tilfu 43. Fl-aħħar 16, Malta 2 kien eliminat kontra l-Islanda bl-iskor ta' 8-10.

Malta 3 ġew imsejħa biex jilagħbu fi Grupp Ċ madwar ġimgħa biss qabel beda l-kampjonat minħabba li fl-aħħar mumenti irtiraw l-Ingilterra. Il-kumitat tal-MBSA ddeċieda li jilgħab lil Duncan Pisani (Numru 13 fil-lista tar-Ranking Nazzjonali), Philip Ciantar (Numru 15) u Marius Gatt (Numru 16). Għalkemm kienu fl-aktar grupp diffiċli, ċerti riżultati kienu umiljanti. Malta 3 kisbu biss rebħa waħda, filwaqt li tilfu ħames logħbiet fil-fażi tal-gruppi biex spiċċaw fis-sitt post minn 7 pajjiżi f'Grupp C. F'dawk li huma frames, Malta 3 rebħu 18 u tilfu 58.

## Plejers nieqsa mit-timijiet Maltin

Neqsin mit-timijiet Maltin kien hemm Tony Drago li kien qiegħed jilgħab fiċ-China Open u erba' plejers fost l-aqwa tnax fil-lista tar-ranking nazzjonali. Dawn huma Mario Brincat, Saviour Brignone, Richard Lewis u Thurston Grixti. Brignone li kien jinsab fid-disa' post u li fl-istaġun l-ieħor spiċċa semi-finalista fil-Premier League filwaqt li Grixti li jinsab fil-11-il post huwa l-aktar plejer żagħżugħ li kiseb suċċessi f'kompetizzjonijiet internazzjonali matul dawn l-aħħar snin u huwa l-uniku plejer Malti li għadda għall-fazi finali tal-European U/19 Snooker Championship, tliet darbiet, u kif ukoll wasal sal-kwarti-finali fil-European U/21 Snooker Open fil-Belġju. Bla dubju, Grixti, għalkemm plejer żagħżugħ għandu esperjenza tajba fix-xena internazzjonali minħabba li diġà ħa sehem f'mhux anqas minn għaxar tournaments internazzjonali.

## Organizazzjoni

Avveniment sportiv bħal dan jinvolvi xogħol enormi u minħabba l-limitazzjonijiet ta' pajjiżna mhux dejjem issib is-sostenn li jkun hemm bżonn, iżda ċerti nuqqasijiet organizzattivi forsi għal darb'oħra jistgħu jkunu evitati. Każ kemmxejn stramb huwa dak li ġralhom il-plejers tal-Ingliża (Billiard) meta ġew biex jilagħbu l-Plate Competition fl-aħħar ġurnata u ma sabux imwejjed tal-billiard fejn jilagħbu. Xi atleti stqarrew li kien hemm wisq sessjonijiet f'ġurnata waħda b'konsegwenza li ħafna drabi l-logħob tal-aħħar sessjoni beda jdum biex jibda u f'xi każ il-ħin skorra sew. Kritika kostruttiva li żgur għandha ssarraf ta' ġid għall-futur.

## Kumment mil-lenti tiegħi...

Matul dawn l-aħħar snin dejjem ikkummentajt li l-atleti promettenti Maltin għandhom jingħataw aktar attenzjoni u jkunu mħarrġa minn kowċis professjonali. Nisħaq ukoll li mingħajr ċentri fejn dawn ikunu jistgħu jiġu mħarrġa l-isnooker bl-aħjar mod ma nistgħux nagħmlu progress kbir. Preżentament qiegħdin nigranfaw ħafna ma' plejers ta' età sostanzjali u b'hekk biex inħarsu l-iżvilupp għall-futur irridu naġixxu maljar. Joe Grech u Pawlu Mifsud kienu żewġ stilel fl-Ingliża u fl-iSnooker, iżda ż-żmien jgħaddi għal kulħadd u llum m'għadhomx li kienu. Fil-kompetizzjoni flimkien ma' Pawlu Mifsud u Joe Grech rajna jilgħab tifel Ingliż ta' 13-il sena bl-isem ta' Liam Clark u dan irnexxielu saħansitra jasal sal-kwarti-finali. Li tinvesti fiż-żgħar hija fattur kruċjali għal-livell tal-logħba u l-pajjiżi kollha li ilhom li għamlu dan, illum kważi kollha qabżuna fil-livell, għalhekk aħna wkoll irridu nieqfu u nieħdu azzjoni. X'jiswa li l-kbar ikollhom ġlekk jekk it-tfal ma jkollhomx zarbun?!



Il-plejer Simon Zammit fl-azzjoni

# MARIO MELI

## Ħamsin Sena fil-Ġurnaliżmu u Xandir

### CHAMPION FL-ATLETIKA

Qabel ma qabad il-karriera fil-ġurnalizmu, Mario Meli kien atleta fil-ħamsinijiet u sittinijiet ma' Atalanta Sports Club fejn kellu success u rebaħ diversi unuri. Kien beda bħala rebbieħ fl-Inter Schools Cross Country Championships u mal-klabb ta' Atalanta rebaħ il-Malta Cross Country Championships. Kien l-ewwel Malti fit-tiġrija annwali tal-11-il mil li kienet isir mir-Rabat għal San Ġiljan; kien chmpion Malti għal ħames snin konsekuttivi fl-events tal-mil u 880 jarda, ekwivalenti għal 1500 u 800 metru. Ġie ivvotat tliet darbiet bħala l-Atleta tas-Sena u kien irrappreżenta lil Malta Amateur Athletic Association bosta drabi fil-laqgħat annwali li kienu jsiru kontra l-Army, Navy u Air Force u anke f'diversi laqgħat barra l-pajjiz fejn kien rebbieħ ta' xi events ukoll. Meta daħal jaħdem bħala skrivan kien irrappreżenta b'suċċess lis-Civil Service Sports Club u kien kiseb diversi unuri. Kien attiv ħafna dak iż-żmien mal-Malta Sports Association fl-atletika u kien jirrappreżenta lil Rovers Club tal-Belt, fl-isnooker.

Fl-1960, kien ġie magħżul biex jirrappreżenta lil Malta fil-Logħob Olimpiku ta' Ruma, iżda sfortunatament wara taħriġ intensiv li kien għamel ma xi atleti oħra ma kienx inkluż fil-kontinġent minħabba nuqqas ta' finanzi.

Minbarra fl-atletika, kien tajjeb ukoll fl-isnooker u kien player ma' La Valletta Band Club, fit-Tieni Diviżjoni u ma' Civil Service Sports Club u ma' diversi klabbs oħra. Ma' Civil Service kien jaqdef ukoll fil-giggijiet fl-avveniment annwali kontra l-Università, Armata u Banek. Kien jilgħab ukoll it-table tennis u l-basketball mal-ewwel żminijiet tat-tim Mundlos.

Mario għamel żmien jikkowċja fl-atletika ma' diversi skejjel u klabbs wara li kien kkwalifika fil-kors immexxi mil-magħruf Joe Harper. Kellu wkoll ċertifikat tal-coaching fl-għawm u sport iċħor. Kien ukoll għal xi żmien referee tal-futbol fejn wasal sat-Tieni Diviżjoni wara li kien mixi tajjeb kien waqaf minħabba diżgwid li kellu mal-assoċjazzjoni ta' dak iż-żmien fis-sittinijiet. Wara, kien baqa' attiv għal xi żmien mal-MAFA u bosta drabi jikkontrolla partiti finali.

### ĠURNALIŻMU U XANDIR

Meta kien għadu atleta kien beda l-karriera fil-ġurnaliżmu, fl-1960, meta kien jikteb fuq sport differenti f'ġurnali diversi. Fl-1962, wara eżami estensiv kien ġie aċċettat bħala kkummentatur mar-Redifussion u kien beda fil-programm 'Sports Magazine' li kien jixxandar kull nhar ta' Erbgħa minn Lewis Portelli. Kellu f'idejh l-aħbarijiet u kummenti dwar 'l-indoor sport'.

Minn hemm qatt ma ħares lura u kien ħadem ma' Carmelo Costa, Frank Camilleri, Lewis Portelli u aktar tard ma Fr. Hilary, Henry Calleja, Mario Saliba u Colin Cauchi. Mexxa huwa stess mijiet ta' programmi fuq kull sport u bosta kummentarji.

### FUQ IT-TELEVIŻJONI

Fl-1975, wara li kien miet Frank Camilleri, kien ħa postu fuq it-televiżjoni u kien jidher darba fil-ġimgħa fil-programm 'Sports Panorama' li kien jippreżenta Fr. Hilary. Wara, flimkien mal-istess Fr. Hilary kienu tal-ewwel li bdew ixandru r-riżultati sportivi kull nhar ta' Sibt u Ħadd wara l-aħbarijiet. Fuq it-televiżjoni għamel mijiet ta' programmi, jikkummenta fuq diversi sport. Ħadem fi żminijiet diffiċli meta l-apparat kien ferm differenti minn dak tal-lum, żminijiet meta kienu jaħdmu bit-tertuqa. Anke fil-grounds, inkluż dak tal-Empire Stadium fil-Gżira, ma kienx hemm il-kumdità tal-lum. Faċilitajiet sportivi kienu ftit u nieqsa mil-livell modern tal-lum.

Permezz ta' televiżjoni, Mario Meli jista' jiftaħar li kellu l-opportunità li jikkumenta fuq sporti differenti kemm lokali, kif ukoll internazzjonali. Kien mar barra jikkumenta dwar il-Logħob Olimpiku, Tazza tad-Dinja, Logħob tal-Commonwealth, Logħob tal-Mediterran, Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, Kampjonati Mondjali tal-isnooker, ċikliżmu, chess, table tennis u oħrajn. Lokalment ikkummenta anke fuq il-boxing, li personalment jgħid li huwa diffiċli ħafna.

Fix-xnandir kellu l-okkażjoni li jikkumenta ukoll diverisi logħbiet tat-tim nazzjonali tal-futbol u kellu l-unur li jwassal ir-rebħa "away" storika kontra Estonja, f'Tallin, u dik ta' 1-1 kontra l-Ungerija, f'Budapest. Ikkummenta diversi partiti oħra kontra ż-żewġ Ġermanji, Svezja, Olanda, Skozja, Awstrija u oħrajn minbarra numru kbir ta' partiti lokalment.

Fix-xandir għadu attiv sal-lum għalkemm m'għadux jagħmel programmi twal. F'dawn l-aħħar sentejn ipproduċa l-programm popolari fuq it-televiżjoni "Sportlive" flimkien ma' Teddie Borg.

### PERSONALITAJIET

Fix-xandir u bħala ġurnalist kellu l-unur u l-fortuna li jintervista u jiltaqa' ma' diversi personalitajiet kbar fil-qasam sportiv mondjali, bħal Joao Havelenage li kien President tal-FIFA, Josef Blatter li dak iż-żmien kien Segretarju Ġenerali tal-FIFA, Juan Antonio Samaranch, President tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, Lennart Johansson, President tal-UEFA, u ma' diversi atleti kbar u magħrufa bħal Steve Davis u Stephen Hendry fl-iSnooker, Juantorena, atleta mill-Kuba, Said Aouita tal-Marokk, Sebastian Coe, Roger Bannister, Emil Zatopek, Pelè, Stanley Matthews, Bobby Moore, Franz Beckenbauer, Chris Chataway, iċ-champion Olimpiku Norveġiż Kloss u ħafna oħrajn. Dan minbarra li intervista, tista' tgħid, kull personalità lokali f'kull qasam sportiv, kemm atleti, amministraturi u uffiċjali.



**Mario Meli, imwieled il-Belt, għandu karriera twila għal dak li huwa ġurnalizmu sportiv u xandir. Għadu attiv sal-lum. Bħala sportiv, f'età żgħira kien atleta jieħu parti f'diversi sport u kellu suċċess notevoli u wara qabad il-karriera tal-ġurnaliżmu u xandir, amministratur, coaching...**

Fil-ġurnaliżmu kien attiv ħafna ma' diversi gazzetti matul is-snin. Kien regolari mal-gazzetta li kienet toħroġ fuq l-isport biss mill-Union Press u għamel madwar sitt snin sħaħ regolari bħala opinjonista mal-gazzetta In-Nazzjon.

Mario awtur ta' diversi kotba nteressanti bħall-Istorja tat-Tazza tad-Dinja, il-Kampjonati Ewropej tan-Nazzjonijiet, il-Kampjonati Ewropej tal-Clubs, diversi rivisti dwar il-basketball, futbol u ċikliżmu. Kien għamel ukoll xi żmien jippubblika l-magazine 'Panorama Sport' kull xahar u wara kien qaleb l-istess magazine f'gazzetta ta' kull gimgħa.

Għal madwar disa' snin kien joħroġ il-ktieb 'Arena Sportiva' li kien ikun fih ir-riżultati kollha ta' kull sport li kien jiġi pprattikat f'pajjiżna, kif ukoll anke riżultati nternazzjonali ta' interess. Fin-nofs, kien fih ukoll Direttorju Sportiv, bl-indirizz u dettalji oħra ta' kull assoċjazzjoni sportiva u klabbs membri.

## AMMINISTRATUR

Mil-lat amministrattiv kellu wkoll karriera twila u interessanti. Kien għamel żmien bħala assistent segretarju fil-Billiard u Snooker, mat-Table Tennis Association, mal-Malta Amateur Athletic Association u ma' għaqdiet oħra. Għamel madwar 10 snin fiċ-ċikliżmu fejn kien beda bħala PRO u wara sar President fejn dam fil-kariga għal seba' snin u kien huwa li ntroduċa t-Tour ta' Malta fl-1990, avveniment li għadu jsir sal-lum fejn din is-sena kienet is-16-il edizzjoni. Fiċ-ċikliżmu, taħt il-presidenza tiegħu, ċiklisti lokali kienu kisbu diversi suċċessi bħal Brian Magri li kellu wirja mill-aqwa fil-Logħob tal-Mediterran fis-Sirja. Għamel madwar sitt snin fl-Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Malti taħt il-Presidenza tal-Magistrat Ġino Camilleri u kien l-aktar bħala PRO.

## FUNDATUR

Kien fundatur u president sakemm baqgħet teżisti l-Għaqda Logħob għal Kulħadd, li kienet popolari ħafna torganizza l-Giochi Senza Frontieri, bejn numru kbir ta' bliet u rħula, kemm barra kif ukoll fis-swali ġewwa. Kienu popolari ferm dawn l-avvenimenti speċjalment fis-sajf, fil-pitches tal-waterpolo, u ħafna minnhom kienu jiġu murija diretti fuq it-televiżjoni.

Kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Kittieba Sport, fl-1970, flimkien ma' Lewis Portelli, Fr. Hilary, Joe Cutajar, Tommy Farrell u Benny Pace. Għamel żmien twil iservi fil-kumitat u llum għandu l-kariga ta' teżorier. Mal-għaqda matul dawn l-aħħar snin kien involut sewwa fl-organizazzjoni tal-Għażliet Sportivi Nazzjonali. Kellu wkoll l-okkażjoni li darbtejn jattendi l-Kungress tal-Għaqda Internazzjonali.

## SKOLASPORT

Fl-aħħar snin ħadem mal-Gvern, Mario Meli għamel żmien twil jagħti kontribut fuq l-isport ma' diversi Ministeri u kien ukoll imexxi Skolasport għal diversi snin fejn kellu taħt idejh madwar 2500 tifel u tifla f'sport differenti. Matul it-tmexxija tiegħu kien ukoll introduċa sessjonijiet tal-edukazzjoni fiżika għall-adulti, il-ġenituri li kienu jiġu jistennew lit-tfal tagħhom. Fil-Ministeru tal-iSport ħadem f'diversi karigi u anke kellu l-okkażjoni jattendi diversi konferenzi barra l-pajjiż u avvenimenti interessanti.

## FIL-PREŻENT

Fil-preżent, minbarra li għadu attiv fil-ġurnaliżmu u x-xandir, huwa Chairman tal-Malta Employees Sports Association, maħtur mill-Ministeru biex imexxi u jiġi organizzat sport għall-ħaddiema tal-Gvern u azjendi oħra. Ilu konness ma' din l-għaqda għal dawn l-aħħar 20 sena, l-aħħar għaxar snin bħala Chairman.

Huwa wkoll Chairman ma' Special Olympics, għaqda mondjali li torganizza sport matul is-sena kollha għall-atleti b'diżabbilità intelletwali u bosta drabi kellu l-okkażjoni li jmur barra ma' dawn l-atleti f'kampjonati mondjali jew Ewropej.

Huwa wkoll President tal-Gymstars Gymnastics Club, klabb attiv ħafna fil-ġinnastika li anke jorganizza żewġ avvenimenti internazzjonali kull sena. Taħt il-presidenza tiegħu u flimkien ma sħabu fil-kumitat taw spinta kbira lil dan l-isport u atleti mill-klabb kitbu l-istorja meta rebħu midalji fl-aħħar żewġ edizzjonijiet tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar.



Mario Meli f'età żagħżugħa

## OPINJONI

Fl-opinjoni ta' Mario Meli biex tirnexxi bħala ġurnalist, "trid tagħmel ix-xogħol bi studju, bir-reqqa u b'sinċerità. Trid tipprepara sewwa għal dak kollu li tkun sejjer tgħid jew tikteb u tara li taf ir-regolamenti tal-logħba sewwa u d-dettalji kolla qabel ma tibda tikkritika. Trid tfittex l-opinjoni taż-żewġ naħat fejn hemm xi konflitt jew kontroversarja. Trid tinvestiga sewwa u għaldaqstant toħroġ il-verità u d-dettalji kollha. Trid tkun dedikat u tistinka minkejja d-diffikultajiet u l-ostakli li tista' tiltaqa' magħhom. Trid tkun preċiż fil-kritika u fuq kollox moderat".




Waqt programm sportiv fuq it-televiżjoni fis-snin sebgħin




In Vitro Du Bourg jidher jirbaħ il-finali



It-Tazza l-Kbira sponsorjata mill-Emirates Airline

# In Vitro Du Bourg jirbaħ it-Tazza l-Kbira

Quddiem folla sabiħa, iż-żiemel Franċiż ta' 14-il sena In Vitro Du Bourg, misjuq minn Ivan Bilocca rebaħ l-edizzjoni ta' din is-sena tat-Tazza l-Kbira. Kienet finali eċċitanti, fejn rat lil diversi żwiemel jifthu vantaġġ tajjeb fuq l-oħrajn, iżda finalment kien iż-żiemel tal-mument In Vitro Du Bourg li ddistingwa ruħu u ddommina l-aħħar metri. It-tiġrija kienet fuq 2640 metru u b'kollox ġrew għaxart iżwiemel, fejn fil-bidu kien Lys de l'Oasis, misjuq minn Joseph Magro, li fetaħ tajjeb u saħansitra żamm pass tajjeb quddiem Loulou du Lamee u Isolated, misjuqa minn Charles Camilleri u Anthony Spagnol rispettivament. Iżda meta kien fadal 200 metru biex tintemm it-tiġrija ż-żwiemel ta' quddiem bdew jaqtgħu lura u beda ġej In Vitro Du Bourg li mar fl-ewwel post u sat-tmiem żamm din il-pożizzjoni biex finalment irreġistra ħin ta' 1.15.8.

B'hekk, wara li s-sena l-oħra l-istess żiemel kien spiċċa fit-tieni post, din id-darba rebaħ din it-tiġrija prestiġġjuża u kompla bis-suċċessi tiegħu fil-Marsa. Fit-tieni post daħal Loulou du Lamee u warajh Kakisis misjuq minn Johan Axisa. L-ewwel tliet żwiemel huma kollha Franċiżi, filwaqt li Isolated, iż-żiemel li spiċċa fir-raba' post huwa Svediż.

Din il-finali li saret nhar il-Ħadd, 11 ta' April, ħabtet eżatt fil-141 anniversarju minn meta saret l-ewwel tiġrija taż-żwiemel organizzata mill-Malta Racing Club, lura fl-1869.

Wara t-tiġrija saret il-preżentazzjoni tat-trofej minn Dr. Matthew Brincat, President tal-MRC u s-Sur Paul Fleri Soler f'isem il-linja tal-ajru Emirates lil Ivan Bilocca, il-ġerrej u lis-Sinjuri Kalċidon Bilocca u Vincent Debono, sidien iż-żiemel.

Din kienet l-ewwel darba għal In Vitro Du Bourg li ħareġ rebbieħ fil-finali tat-Tazza l-Kbira u t-tieni sena konsekuttiva li l-Emirates Airline ssieħbet mal-Malta Racing Club biex torganizza dan l-avveniment.





In Vitro Du Bourg fl-aħħar metri qabel it-tragward



Ivan Bilocca jgħolli It-Tazza l-Kbira



Is-sidien flimkien mal-ġerrej ta' In Vitro Du Bourg



Waqt il-preżentazzjoni tat-trofej

## Riżultati Emirates It-Tazza l-Kbira 2010

| Poż. | Żiemel | Nru. | Ġerrej | Ħin | Rebħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | In Vitro du Bourg | 1 | Ivan Bilocca | 1'15"8 | €2500 |
| 2 | Loulou du Lamee | 6 | Charles Camilleri | 1'15"9 | €800 |
| 3 | Kakisis | 4 | Johan Axisa | 1'15"9 | €400 |
| 4 | Isolated | 7 | Anthony Spagnol | 1'16"2 | €200 |
| 5 | L'Ideal de Fersan | 8 | Carl Caruana | 1'16"4 | |
| 6 | James de l'Iton | 9 | Noel Baldacchino | 1'16"4 | |
| 7 | Le Bon Mayennais | 5 | Clifforty Calleja | 1'16"5 | |
| 8 | Lover Boy Index | 10 | Mark Desira | 1'16"5 | |
| 9 | Aces Americ | 2 | Paul Bonello | 1'16"7 | |
| DIS | Lys de l'Oasis | 3 | Joseph Magro | | |





Fly Emirates to Cyprus & Dubai and beyond to over 100 destinations worldwide.

Fly Emirates. Keep discovering.

ıvel agent or Emirates on 2557 7255 or fax 2557 7470. Discover frequent flyer benefits at skywards.com

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 28 ta' Marzu 2010

**RACE 1 - (1640m) Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Tapincha (Joe Debattista)
2 Newport Hornline (Kevin Azzopardi)
3 Inedit du Tachen (James Carabott)
4 Super Chic (Christian Xerri)

**RACE 2 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Pretty Post (David Ellul)
2 Kaolin du Gite (Brian Hili)
3 L'Orne (Joseph Tabone)
4 Judoka du Rib (Joe Farrugia)

**RACE 3 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Word Xing (Rodney Gatt)
2 Divinis (Charlie Magro)
3 Marathon d'Isques (Noel Baldacchino)
4 Icare de Jemma (Tony Demanuele)

**RACE 4 - (2140m) Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Espace Aerien (Rodney Gatt)
2 Big Hit (Charlo Debono)
3 Breeze Brodde (Charles Camilleri)
4 Mezio Josselyn (Victor Fenech)

**RACE 5 - (2640m) Class Open**
**Emirates Airlines Tazza l-Kbira Semi Final 1**
1 In Vitro du Bourg (Ivan Bilocca)
2 Loulou du Lamee (Charles Camilleri)
3 Aces Americ (Paul Bonello)
4 Le Bon Mayennais (Clifforty Calleja)

**RACE 6 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Master Lupin (Rodney Gatt)
2 Leader Changerie (Shaun Portelli)
3 Carry Me Back (Clifforty Calleja)
4 Kado de Querey (Sam Cassar)

**RACE 7 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Orasi Index (Clint Vassallo)
2 Opium du Goden (Rueben Azzopardi)
3 Silvio Baldwin (Francis Cassar)
4 Circus Flip (David Ellul)

**RACE 8 - (2640m) Class Open**
**Emirates Airlines Tazza l-Kbira Semi Final 2**
1 James de l'Iton (Noel Baldacchino)
2 Kakisis (Johann Axisa)
3 Isolated (Anthony Spagnol)
4 Lover Boy Index (Mark Desira)

**RACE 9 - (2140m) Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Baronello (Jason Vassallo)
2 Norigan Noir (Noel Baldacchino)
3 Uno Wielinga (Julian Farrugia)
4 The Womanizer (Mario Farrugia)

**RACE 10 - (2140m) Silver**
Empire Cinema Silver Race
1 Magnum (Carmelo Farrugia)
2 Notre Max (Julian Farrugia)
3 Mr King (France Tanti)
4 Robin Grain (Noel Baldacchino)

## Tiġrijiet tal-Erbgħa, 31 ta' Marzu 2010

**RACE 1 - (1640m) Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Rybo Rosebuddy (Joseph Bartolo)
2 Miami du Coq (Michael Ghigo)
3 Pondus Sund (George Attard)
4 Nashwan Boy (Charlo Debono)

**RACE 2 - (1640m) Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Glenn Healy (Clive Gerada)
2 Cost a Lot (Noel Baldacchino)
3 Pamir Point (Rodney Gatt)
4 Fredrico Kim (Carmelo Farrugia)

**RACE 3 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Ingo Moon (Charles Camilleri)
2 Only For Girls (Noel Baldacchino)
3 Lancaster (Mark Tanti)
4 Stillett (Julian Farrugia)

**RACE 4 - (2140m) Silver**
**Mediterranean Championship - Trot Race 1**
1 Black Guy (Jean Paul Fasquelle)
2 Stonecreek (Olga Bondar)
3 Prince Brilliance (Sergei Sablin)
4 Jaguar de France (Attilio Golia)

**RACE 5 - (2250m) Open Flat Race**
**Mediterranean Championship - Flat Race**
1 Lordswood (Christoforos Christoforou)
2 Maria La Perfida (Ahmed Lakjal)
3 Minnow (Michael Sultana)
4 No Telling (Jean Michel Sanchez)

**RACE 6 - (2140m) Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Match de Bannes (Noel Baldacchino)
2 Biggles Coquet (Jason Vassallo)
3 Major Luchois (Francis Cassar)
4 Ilik de Baconval (Christian Xerri)

**RACE 7 - (2140m) Gold**
**Mediterranean Championship - Trot Race 2**
1 Nasdaq du Closet (Sergei Sablin)
2 Matador Knick (Francis Cassar)
3 Kaki de Peyrahout (Olga Bondar)
4 Loufouque Dairie (Ivan Vukov)

**RACE 8 - (2140m) Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Falco (Rodney Gatt)
2 Toronto Launcher (Jeffrey Xerri)
3 Hunting Shadow (Carl Caruana)
4 Don Valentino (Shaun Formosa)

**RACE 9 - (2140m) Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Judon du Cap Vert (Noel Baldacchino)
2 Latif (Mario Fenech)
3 Kanter Speed (Larson Mifsud)
4 Marchallach (Paul Gauci)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 4 ta' April 2010

**RACE 1 - (1640m) Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Rybo Celion (Salvu Vella)
2 Juliette Rodney (George Attard)
3 Kiki Jarzeen (Carmelo Agius)
4 Real Minnesota (Silvio Schembri)

**RACE 2 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Minou de Perdriat (Francis Cassar)
2 Jeans de Bannes (Charlo Debono)
3 Monte Cinto Mag (Benny Briffa)
4 Spice Boy (Shaun Portelli)

**RACE 3 - (1750m) Class A Flat Race**
1 Mean Mr Mustard (Demis Zammit)
2 Mary Celest (Charles Pace)
3 Kharsak (Oliver Briffa)
4 Just The Best (Ramon Grima)

**RACE 4 - (2140m) Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Lucky d'Hercla (Clifforty Calleja)
2 Count of Life (Michael Ellul)
3 Nillans Comet (Julian Farrugia)
4 Agobra Bingo (Warren Spiteri)

**RACE 5 - (2140m) Copper**
**Dodson & Horrell Copper Final**
1 Kung Fjalar (Mark Desira)
2 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
3 Brightlight Sib (Alex Cortis)
4 Nove de la Merite (Julian Farrugia)

**RACE 6 - (2140m) Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Mage Petteviniere (Brian Hili)
2 Glory Cowboyland (Shaun Portelli)
3 Lys des Etroits (Joe Debattista)
4 Lindsay Neve (Noel Baldacchino)

**RACE 7 - (2140m) Premier**
**Polidano Bros Ltd Premier Race**
1 L'As de Seuilly (Julian Farrugia)
2 Bello Fratello (Anthony Spagnol)
3 Madis Boy (Charles Camilleri)
4 Jet Space (Rodney Gatt)

**RACE 8 - (2140m) Bronze**
**Dodson & Horrell Bronze Final**
1 Robin Lou (Michael Ellul)
2 Louise Wood (Clint Vassallo)
3 Madison de Jussac (Julian Farrugia)
4 Garden Pax (Charles Camilleri)

**RACE 9 - (1640m) Bronze**
**Montekristo Estate Bronze Race**
1 Pajarito Nada (France Tanti)
2 Hiosco de Davcar (Annunziato Schembri)
3 Mage des Couperies (Noel Baldacchino)
4 Jet Starline (Mario Fenech)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 9 ta' April 2010

**RACE 1 - (2640m) Copper**
**Polidano Bros Ltd Copper Race**
1 Pondus Sund (George Attard)
2 Nove de la Merite (Julian Farrugia)
3 Inedit du Tachen (James Carabott)
4 Miami du Coq (Michael Ghigo)

**RACE 2 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Jabito Jusse (Noel Baldacchino)
2 Insa (Francis Cassar)
3 Latest Score (Rodney Gatt)
4 Cool Kemp (Jason Vassallo)

**RACE 3 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Hawkear (Rodney Gatt)
2 Piccola Zanzara (Charles Camilleri)
3 Frokjaer Toj (Tony Demanuele)
4 Ninio Perrine (Antoine Grech)

**RACE 4 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Iptus (Charlo Debono)
2 Golf Oul Dada (Noel Baldacchino)
3 Martini As (Darren Mizzi)
4 Minou de Perdriat (Francis Cassar)

**RACE 5 - (2640m) Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Count of Life (Michael Ellul)
2 Kosker Mancellerie (Benny Briffa)
3 Lindsay Neve (Noel Baldacchino)
4 Race Ball (Tony Demanuele)

**RACE 6 - (2640m) Premier**
**Montekristo Estates Premier**
1 Flash Coger (Julian Farrugia)
2 Jet Space (Rodney Gatt)
3 Alf Eme (Noel Baldacchino)
4 Mage Petteviniere (Brian Hili)

**RACE 7 - (2640m) Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Kiflosak Cordiere (Mario Farrugia)
2 Lord The Best (Mark Mifsud)
3 Kaki de Peyrahout (Emmanuel Gafa)
4 Matador Knick (Carmelo Farrugia)

**RACE 8 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Race**
1 Toronto Launcher (Christian Xerri)
2 Marco Barbes (Brian Hili)
3 Garden Pax (Charles Camilleri)
4 Pajarito Nada (France Tanti)

## ĠERREJJA TAT-TROTT

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Baldacchino Noel | 142 | 30 | 16 | 15 | 10 | 25 | 314 |
| Camilleri Charles | 117 | 11 | 20 | 15 | 14 | 11 | 201 |
| Gatt Rodney | 93 | 15 | 12 | 7 | 6 | 25 | 173 |
| Farrugia Julian | 90 | 12 | 12 | 8 | 5 | 8 | 153 |
| Debono Charlo | 56 | 6 | 9 | 5 | 2 | 2 | 90 |
| Cassar Frencu | 58 | 4 | 5 | 9 | 8 | 9 | 74 |
| Caruana Karl | 69 | 6 | 3 | 4 | 6 | 8 | 68 |
| Calleja Clifforty | 38 | 6 | 3 | 4 | 3 | 5 | 65 |
| Ellul Michael | 41 | 6 | 3 | 5 | 0 | 12 | 64 |
| Portelli Shaun | 34 | 5 | 4 | 3 | 3 | 4 | 60 |
| Attard Gorg | 45 | 4 | 3 | 6 | 4 | 9 | 56 |
| Demanuele Tony | 64 | 1 | 6 | 7 | 8 | 9 | 53 |
| Farrugia Karmenu | 28 | 4 | 2 | 3 | 3 | 1 | 45 |
| Vassallo Clint | 35 | 3 | 4 | 2 | 3 | 10 | 44 |
| Ellul David | 45 | 2 | 3 | 3 | 11 | 4 | 43 |

## ĠERREJJA TAT-TROTT UNDER 25

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gatt Rodney | 93 | 15 | 12 | 7 | 6 | 25 | 173 |
| Portelli Shaun | 34 | 5 | 4 | 3 | 3 | 4 | 60 |
| Vassallo Clint | 35 | 3 | 4 | 2 | 3 | 10 | 44 |
| Xerri Chris | 30 | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 27 |
| Mifsud Mark | 20 | 0 | 5 | 0 | 1 | 1 | 21 |
| Briffa James | 17 | 2 | 1 | 0 | 0 | 6 | 18 |
| Borg Isabella | 6 | 1 | 0 | 0 | 0 | 2 | 7 |
| Mifsud Larrson | 13 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 6 |
| Spiteri Warren | 5 | 0 | 0 | 1 | 2 | 1 | 4 |
| Cauchi Omar | 13 | 0 | 0 | 1 | 2 | 2 | 4 |
| Farrugia Melvin | 10 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 3 |
| Farrugia Wayne | 11 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 3 |
| Farrugia Gilbert | 8 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 2 |
| Cassar Sam | 2 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 |
| Gafa Jesmar | 7 | 0 | 0 | 0 | 1 | 2 | 1 |

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 11 ta' April 2010

**RACE 1 - (2640m) Copper**
**Polidano Bros Ltd Copper Race**
1 King Cascade (Brian Hili)
2 Hulegardens Filur (Noel Baldacchino)
3 Gatsby de la Motte (Francis Cassar)
4 Glowing Star (George Attard)

**RACE 2 - (2640m) Copper**
**Polidano Bros Ltd Copper Race**
1 Niagara Crown (Jonathan Farrugia)
2 Flying Spur (Tony Demanuele)
3 Dandy (Robert Polidano)
4 Real Minnesota (Silvio Schembri)

**RACE 3 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Larissa du Breil (Clifforty Calleja)
2 Ludo Pellois (Charlo Debono)
3 Cowboy Brodde (Shaun Portelli)
4 Loulou Noir (Alex Farrugia)

**RACE 4 - (2640m) Gold**
**Caqnu Beer Gold Race**
1 Indian Attack (Noel Baldacchino)
2 Hans des Landiers (James Carabott)
3 Incisa Real (Charles Camilleri)
4 Marco des Jacquots (Francis Cassar)

**RACE 5 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Race**
1 Furey (Carl Caruana)
2 Master Lupin (Rodney Gatt)
3 Ganniway (Mark Tanti)
4 Joker Pitstop (Charles Camilleri)

**RACE 6 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Race**
1 Chef F.C. (Shaun Portelli)
2 Energy Launcher (Raymond Clifton)
3 Robin Lou (Michael Ellul)
4 Falco (Rodney Gatt)

**RACE 7 - (2640m) Class Open**
**Emirates Airlines Tazza l-kbira**
1 In Vitro du Bourg (Ivan Bilocca)
2 Loulou du Lamee (Charles Camilleri)
3 Kakisis (Johann Axisa)
4 Isolated (Anthony Spagnol)

**RACE 8 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Race**
1 Kanter Speed (Darren Mizzi)
2 Klokkeblomst (George Attard)
3 Delvin's Buckaboo (Jeffrey Pace)
4 Leader Changerie (Shaun Portelli)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 16 ta' April 2010

**RACE 1 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Bankir Zon (Anthony Spagnol)
2 Milord Haie Neuve (Fabian Casha)
3 Rybo Celion (Salvu Vella)
4 Icare de Jemma (Tony Demanuele)

**RACE 2 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Jeans de Bannes (Charlo Debono)
2 Jess Luxor (Jesmond Micallef)
3 Mealington (Clifforty Calleja)
4 Xenia Mic (David Ellul)

**RACE 3 - (1250m) Class B Flat Race**
1 Masa Broadway (Ryan Neil Azzopardi)
2 Power Alert (Michael Sultana)
3 Daisy Girl (Demis Zammit)
4 Regal Med (Joshua James Pearce)

**RACE 4 - (2640m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Kendo de l'Aron (Noel Baldacchino)
2 Kansas de Chenu (Joseph Bartolo)
3 Jet Starline (Mario Fenech)
4 Silvio Baldwin (Francis Cassar)

**RACE 5 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Race**
1 Notice As (Rodney Gatt)
2 Prince Brillance (Noel Baldacchino)
3 High Speed Night (Charles Camilleri)
4 Stonecreek (Etienne Mallia)

**RACE 6 - (2640m) Premier**
**Montekristo Estates Premier Race**
1 Lou Petiot (Michael Axisa)
2 Kamis de l'Eveche (Salvu Vella)
3 Bello Fratello (Anthony Spagnol)
4 Lovely Mab (Noel Baldacchino)

**RACE 7 - (1250m) Class A Flat Race**
1 Lucky Friendly (Eric Zammit)
2 No Telling (Michael Sultana)
3 Kharsak (Oliver Briffa)
4 Mean Mr Mustard (Demis Zammit)

**RACE 8 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Race**
1 My Danover (Christian Xerri)
2 Big Hit (Charlo Debono)
3 O'Haras Arrow (Mario Falzon)
4 Kheops d'Ariane (Omar Cauchi)


16.04.10 - Race 2 - Bronze

# ŻWIEMEL TAT-TROTT

| Żiemel | Org | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Robin Lou | SE | 7 | 3 | 1 | 2 | 0 | 0 | 29 |
| Match De Bannes | FR | 7 | 4 | 0 | 0 | 0 | 3 | 28 |
| Bello Fratello | SE | 7 | 2 | 3 | 1 | 0 | 0 | 28 |
| James De l`Iton | FR | 5 | 3 | 1 | 0 | 0 | 0 | 25 |
| Count Of Life | SF | 7 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 25 |
| Orasi Index | SE | 7 | 2 | 2 | 1 | 0 | 1 | 24 |
| In Vitro Du Bourg | FR | 4 | 3 | 0 | 1 | 0 | 0 | 23 |
| Gigo Lloyd | SE | 6 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 22 |
| Loulou Du Lamee | FR | 7 | 1 | 3 | 1 | 1 | 0 | 22 |
| Notice As | SE | 5 | 3 | 0 | 0 | 0 | 2 | 21 |
| Word Xing | SE | 7 | 3 | 0 | 0 | 0 | 3 | 21 |
| Hawkear | DK | 6 | 3 | 0 | 0 | 0 | 1 | 21 |
| Joker De Choisel | FR | 5 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 21 |
| Lotus Du Goth | FR | 6 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 20 |
| Internet | SE | 4 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 20 |
| Jeans De Bannes | FR | 6 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 20 |

# ĠERREJJA TAL-GALOPP

| Ġerrej | Rides | Wins | 2nds | 3rds | 4ths | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Briffa Oliver | 9 | 0 | 4 | 1 | 4 | 23 |
| Pace Charles | 7 | 2 | 0 | 2 | 2 | 20 |
| Sultana Michael | 9 | 1 | 0 | 3 | 4 | 16 |
| Zammit Eric | 8 | 1 | 1 | 1 | 4 | 15 |
| Zammit Demis | 6 | 2 | 0 | 0 | 2 | 14 |
| Azzopardi Ryan Neil | 7 | 2 | 0 | 0 | 5 | 14 |
| Mallia Matthew | 4 | 1 | 1 | 0 | 2 | 12 |
| Grima Ramon | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 8 |
| Micallef Jesmond | 4 | 0 | 1 | 0 | 3 | 5 |
| Vella Trafford | 5 | 0 | 1 | 0 | 3 | 5 |
| Farrugia John | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 |

# ŻWIEMEL TAL-GALOPP

| Żiemel | Races | Wins | 2nds | 3rds | 4ths | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Light Med | 3 | 2 | 0 | 1 | 0 | 17 |
| Mean Mr Mustard | 4 | 2 | 0 | 0 | 1 | 15 |
| Nuage de la Tour | 4 | 1 | 1 | 0 | 2 | 14 |
| Lordswood | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 12 |
| Maria La Perfida | 4 | 0 | 2 | 0 | 2 | 12 |
| Nikos Heriniere | 3 | 0 | 2 | 0 | 1 | 11 |
| Letthewordgoforth | 3 | 1 | 0 | 0 | 2 | 9 |
| Laparisienne | 3 | 0 | 1 | 1 | 1 | 9 |
| Just The Best | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 8 |
| Masa Broadway | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 7 |
| Minnow | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 7 |
| Kharsak | 2 | 0 | 1 | 0 | 1 | 6 |
| Crocolyrique | 3 | 0 | 0 | 1 | 2 | 5 |
| Friarscourt | 2 | 0 | 0 | 1 | 1 | 4 |
| Power Alert | 2 | 0 | 0 | 1 | 1 | 4 |


16.04.10 - Race 3 - Class B Flat


16.04.10 - Race 6 - Premier


16.04.10 - Race 7 - Class A Flat



Waqt it-tluq fir-raħal tax-Xagħra

# It-Tour ta' Malta jirritorna f'Għawdex

It-Tour ta Malta taċ-ċikliżmu, din is-sena rritorna Għawdex wara nuqqas ta' seba' snin, billi t-tielet tappa, dik tas-Sibt 20 ta Marzu, saret fiċ-ċirkwit tax-Xagħra. Din kienet fuq distanza ta' 67.5 km għall-irġiel u 45 km għan-nisa. Din it-tappa setgħet issir bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill Malti għall-iSport, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra, Gozo Channel u David's Bakery.

Iċ-ċiklista Taljan, Francesco Pizzo (Meca Team) u dik Ingliża Iona Sewell (Squadra Donne UK ) kienu r-rebbieħa tas-16-il edizzjoni tat-Tour ta Malta . Fit-tielet u l-aħħar tappa tat-Tour fix-Xagħra, kemm Pizzo kif ukoll Sewell ipplejsjaw it-tielet, bil-ħin li kisbu jkun biżżejjed biex żammew l-ewwel post fil-klassifika ġenerali u ġew dikjarati rebbieħa tat-Tour.

Fil-kategorija tal-irġiel, Francesco Guccione (Ballatore), rebbieħ tat-Tour is-sena l-oħra, ntefa' fuq quddiem sa mill-bidu, u għalkemm diversi ċiklisti pprovaw iżommu l-pass miegħu, huwa baqa' dejjem fuq quddiem fejn saħansitra kompla jżid il-vantaġġ tiegħu lejn it-tmiem biex ħareġ rebbieħ f'siegħa, 41 minuta u 6 sekondi. Enzo Buccheri (Cicli Buccheri), li rebaħ it-tiġrija tal-ġurnata ta' qabel li saret f'San Martin, u l-leader tat-Tour Francesco Pizzo kienu l-aktar żewġ ċiklisti li offrew sfida lil Guccione, iżda finalment kellhom jikkuntentaw bit-tieni u t-tielet post rispettivament meta daħlu fl-istess ħin ta' siegħa 41 minuta u 20 sekonda. Pizzo ġie dikjarat rebbieħ overall b'ħin aggregate ta' erba' sigħat, 55 minuta u 24 sekonda.

Il-kategorija tan-nisa, din it-tielet tappa tax-Xagħra kienet iddominata miċ-ċiklisti Olandiżi tat-tim Noord Holland, bir-rebħa tmur għand Roos van den Bos f'siegħa, 13-il minuta u 49 sekonda, segwita minn Claudia Koster f'siegħa 14-il minuta u 44 sekonda. L-Ingliża Iona Sewell (Squadra Donne UK), li rebħet l-ewwel żewġ tapep tat-Tour li saru fil-Coast Road u f San Martin, spiċċat fit-tielet post, ħames sekondi wara Koster. Però permezz ta' din it-tielet pożizzjoni hija kkonfermat l-ewwel post overall b'ħin aggregate ta' erba' sigħat, 7 minuti u 48 sekonda.

B 'kollox ħadu sehem tmien timijiet barranin flimkien mal-ħames klabbs Maltin affiljati mal-Federazzjoni. Mit-tmienja barranin, kien hemm erbgħa li ħadu sehem fis-snin li għaddew, jiġifieri, Noord Cycling (Olanda), Ballatore



Ir-rebbieħa fuq il-podju

Team u Electro System (Sqallija) u Squadre Donne (Ingilterra), flimkien ma' erba' ġodda, li huma Fausto Coppi Team (Italja), Ecomix Dusty (Sqallija), Befordshire u Bang & Olufsen (Ingilterra). It-timijiet Maltin kienu Greens Cycling Club, Mosta AF Sign Studio Cycling Club, Qormi Scott Cycling Club, Melita Paddle Power u Birkirkara St Joseph.

Fi tmiem it-tappa, saru l-preżentazzjonijiet mis-Sur Tony Borg, mill-Ministeru għal Għawdex, is-Sur Joe Cordina, Sindku tax-Xagħra u s-Sur Joe Bajada, koordinatur għal Għawdex tal-Kunsill Malti għall-Isport. Il-Kumitat Organizzattiv tat-Tour jixtieq jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lir-residenti tax-Xagħra, Għawdex għall-koperazzjoni sħiħa li wrew mal-organizzaturi sabiex din it-tiġrija setgħet tkun suċċess.



minn Joe Bajada



# Tazza Jum il-Ħelsien

# Victoria Hotspurs jirbħuha għat-tieni darba

Victoria Hotspurs wara l-ewwel suċċess li kellhom fis-sena 2008 meta kienu niżlu isimhom għall-ewwel darba fuq dan it-trofew b'rebħa fuq Nadur, huma rnexxielhom bl-istess skor identiku jerġgħu jirbħu lill-istess Nadur Youngsters. Kienet doppjetta wara l-intervall ta' Martin Hanus li ppermettiet lir-Rabtin jieħdu fil-klabb tagħhom dan it-trofew għat-tieni darba fl-istorja. Is-suċċess tagħhom kien meritat fejn bi tliet attakkanti puri, huma lagħbu futbol tajjeb l-iktar wara l-intervall fejn ssuperaw lill-avversraji tagħhom li bħalhom ukoll jinsabu fl-lotta għar-rebħ tal-Kampjonat. Wara taqsima bilanċjata biż-żewġ naħat ikollhom il-mumenti tagħhom, wara l-mistrieħ Hotspurs urew l-aħjar tagħhom bi prestazzjoni tajba li għandha tkompli tgħollilhom il-moral għall-fażi finali tat-titlu li fijha jinsabu b'vantaġġ ta' tliet punti fuq il-koppja Nadur/Għajnsielem. Fil-fatt dan il-fattur titlu ta' champions Għawdxin kien f'moħħ iż-żewġ naħat li lkoll qagħdu prudenti u attenti għal xi sanzjonijiet dixxiplinarji li jistgħu jaffetwawhom fil-logħbiet kruċjali li fadlilhom fil-kampjonat. Għal Victoria Hotspurs dan kien it-tieni suċċess staġjonali tagħhom wara li iktar kmieni kienu rebħu t-Tazza Indipendenza.

Fl-ewwel taqsima l-logħob kien pjuttost bilanċjat iżda wara l-intervall Victoria Hotspurs ħarġu iktar aggressivi fejn skorjaw il-gowls tagħhom, fil-31 minuta, meta minn kross ta Jason Portelli, MARTIN HANUS b'daqqa ta' ras fetaħ l-iskor. Sitt minuti wara l-istess HANUS issiġilla dan is-suċċess wara azzjoni tajba fuq il-lemin ta' Daniel Farrugia. Wara l-finali Alvin Grech u Joe Bajada, President u Segretarju Ġenerali tal-GFA flimkien ma' Vincent Grech, President tal-Kumitat Festi Popolari u Nazzjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, ippreżentaw it-Tazza Jun il-Ħelsien lil Noel Borg u midalji lil l-plejers ta' Victoria Hotspurs fost iċ-ċelebrazzjonijiet tal-partitarji tagħhom. Tifkiriet oħra ingħataw lil l-finalisti Nadur Youngsters, kif ukoll lir-referei Adrian Azzopardi u l-assistenti tiegħu Mariano Debono u Pierre Azzopardi.



**Il-prezentazzjoni tat-trofew lill-plejers tat-tim rebbieħ**



minn Paul Grech

# Toħroġ id-determinazzjoni ta' Jonathan Balzan

Jingħad li l-veru kejl tal-karattru ta' rebbieħ qiegħed mhux f'kif jaġixxi meta jirbaħ iżda kif dan jirreaġixxi meta xi ħaġa tmur kontra tiegħu. Jekk dan huwa l-każ, mela Jonathan Balzan m'għandux għalfejn jinkwieta dwar il-kredenzjali tiegħu.

Iffaċjat b'disfatta bħal dik li laqtet lil Balzan fl-aħħar Maratona ta' Malta, fejn huwa ġie ggwidat fuq rotta żbaljata, atleta b'riżoluzzjoni aktar dgħajfa kien jiddeċiedi li jabbanduna kollox. Għal Balzan, iżda, din qatt ma kienet possibbiltà reali.

"Għal xi ftit mumenti ried nieqaf mill-giri. Ma kontx naf x'laqatni u l-kummenti ta' xi nies weġġgħuni. Imma mbagħad irrealizzajt li kelli npoġġi dan kollu warajja għaliex kelli ħafna x'noffri lil dan l-isport."

L-ewwel indikazzjoni ta' kemm verament dan kien il-każ wasal fid-"Dingli 10" fejn Balzan mhux talli rebaħ imma rnexxielu wkoll jirreġistra ħin ta' 54.44, l-aħjar ħin tiegħu f'din ir-rotta. "Ħassejtni bħal li kieku qiegħed niġri għall-ewwel darba," huwa ammetta wara. "Ma kontx naf kif se nħossni matul it-tellieqa u jekk moħħi hux se jgħidli biex nieqaf. Anke l-fatt li bdew jiġu fuqi xi nies qabel it-tellieqa żied il-pressjoni speċjalment għaliex ħafna kienu ħfief biex jgħaddu l-kummenti."

"Ħriġt b'determinazzjoni li nuri li jien għadni l-Jonathan li kont qabel il-maratona. Il-mira kienet li nikseb l-aħjar ħin tiegħi u nirreġistra s-sitt rebħa fuq din ir-rotta mill-2003 s'issa. Fortunatament, irnexxieli nagħmel it-tnejn."

Tant kienet kbira d-dominanza tiegħu li t-tieni atleta, Gerald Grech, daħal kważi erba' minuti wara Balzan. Richard Chetcuti, ir-rebbieħ eventwali tal-Maratona ta' Malta, spiċċa fit-tielet post.

Rebbieħa oħra tal-Maratona ta' Malta, Marisa Muscat, kellu ġurnata iktar feliċi hekk kif hija rebħet is-sezzjoni tan-Nisa tad-"Dingli 10". "L-ambizzjoni tiegħi kienet għal hin ta' siegħa u għaxar minuti imma l-fatt hu li ma kontx f'sikkti fil-granet ta' qabel it-tellieqa u spiċċajt biex ma kellix enerġija daqs kemm nixtieq," hija qalet bi spjegazzjoni għal hin ta' 1.11.11. "Wara l-maratona naqqast ftit mill-intensita tat-taħriġ tiegħi għalkemm żammejt fil-ġiri tiegħi. Kif dejjem għedt, "Id-Dingli 10" mhux xi tellieqa faċli u jien ma lħaqtx il-livell tas-soltu. Xorta waħda iżda, il-kowċ tiegħi, Roger Zammit, kien kuntent bil-ħin li ksibt."

Seħbitha fit-tim tas-St. Patrick's AC, Rita Galea, spiċċat fit-tieni post filwaqt li l-veterana Cecilia Fenech ġiet it-tielet.






Jonathan Balzan

Għal "Hilly Clothing Dingli 10" ta' din is-sena, li għall-ewwel darba kienet tinkludi walkathon kif ukoll is-solitu fun run għat-tfal, kienet edizzjoni li rat numru record ta' parteċipanti.

**Riżultati - Irġiel**
Jonathan Balzan (St. Patrick's AC) 54.44 ; Gerald Grech (AS Libertas) 58.37; Richard Chetcuti (Mellieħa AC) 59.15; Simon Lia (Zurrieq Wolves) 1.00.40; Rodney Cassar (Mellieħa AC) 1.01.13

**Nisa**
Marisa Muscat (St. Patrick's AC) 1.11.11; Rita Galea (St. Patrick's AC) 1.11.53; Cecilia Fenech (Zurrieq Wolves) 1.13.05; Britney Barnett (No Club) 1.13.53; Marthese Mercieca (Mellieħa AC) 1.15.31




Marisa Muscat

# Education is the key

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant
and Senior Lecturer in Sports Science



For many sports the competitive season is coming to an end. Many athletes are tired, both physically and mentally, or carrying injuries, while others might be students that soon have to face exams. These are all factors that, although they will not stop them from participating in sports, could definitely dampen their performance. If this were the only problem, then maybe it might be acceptable as being part of a long competitive season. However, the issue here is that these are all stressors that can lead to a new serious injury or aggravating an existent one. But there is not much we can do about this, right? Wrong! With proper preparation and awareness there is a lot that can be done, both from the coaching aspect and from the athletes'.

Performance maintenance and injury prevention are not issues that should be left to chance, but are rather the end result of proper training and even more so education. Education must target not just the athletes but all the staff and officials that work with them. I cannot stress the importance of education. Over the past decade I have seen a vast improvement in the level and knowledge of coaches and sport officials is Malta. This is mainly due to the realization by the sporting associations and individual clubs that it pays to invest in having qualified coaches and officials and that their continued professional development is a necessity if they want to see their sport progress. However, the improvements are also due to the efforts of the individuals too. I am involved in various university and association courses that target coaches and trainers. Most of the attendees are there on their own initiate and hail from various sporting disciplines. Personally, I love lecturing to them as I admit that, rather selfishly, I believe I learn even more from them than they learn from me. Knowing what is currently happening in various sports, both globally and locally, helps me do my job better.



The education of an athlete/coach/official does not mean only proper training and proper technique and tactics. There is much more knowledge to be had in modern sports. Thus, proper nutrition including what, how, when to eat and drink and what supplements to take, if any, are an integral part in the preparation of the athlete, as are various issues such as adequate recovery, psychology and mind training, the physiology and biomechanics involved etc. etc. Nobody can know everything. That is why top sport organizations have a whole sports medicine set up to back their athletes. In Malta we are not quite there yet. The Maltese Olympic Committee and the Malta Football Association are striving to provide this support to their affiliates. Individual clubs are starting to invest in this field too. The financial limitations lead to unfortunate constraints but these organisations have realized the long term benefits of their investments in this field. More will follow suit as it has become obvious that investing in sports medicine and sports science, be it directly by offering the set up, or indirectly by educating their officials and athletes, will lead to better long term sporting results.





Ginsana® builds up your energy potential gradually with a long-lasting effect to support its perfect management, day after day.

Ask your pharmacist for Ginsana®

Distributed by **Vivian Corporation** - Visit **www.viviancorp.com**

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# Ir-Regatta wara l-gwerra (1970-1979) ...Il-Ħames Parti

S'intendi, l-istorja ma tieqafx hawn! L-għada ta' kull edizzjoni nkomplu bir-rapporti sportivi ta' kull tiġrija, fejn fihom insibu tagħrif dwar l-andament ta' xi korsa, ir-riżultati, il-ħinijiet, l-inċidenti, il-protesti, id-dikjarazzjonijiet mill-klabbs, iżda fil-jiem nibdew naqraw ukoll ittri ta' tifħir, ilmenti u suġġerimenti għat-titjib fir-Regatta. Niftakar li fis-snin 70, fuq il-gazzetti kienu jiġu pubblikati diversi artikli interessanti dwar it-tħejjijiet li kull distrett kien iħejji għal dawn it-tiġrijiet tradizzjonali, u kemm ir-Radju Nazzjonali kif ukoll t-televiżjoni tal-istat kienu jagħtu sehemhom ukoll, iżda jiddispjaċini, ma nistax ngħid l-istess għas-snin 80 u 90, fejn il-kitbiet fuq il-gazzetti dwar din it-tradizzjoni antika naqsu drastikament, imbagħad fejn jidħol ir-radju u t-televiżjoni ftit li xejn kien jingħata tagħrif dwarha għajr biss b'kummentarji diretti mill-port matul ir-Regatta u fl-aħbarijiet ta' filgħaxija.

Kif wieħed jimmaġina, l-istorja ta' kull edizzjoni hi aktar wiesa' minn dak li għedt s'issa: hemm l-għajdut u ċ-ċaqliq ta' qaddiefa minn distrett għal ieħor; id-diżgwid u n-nuqqas ta' ftehim fost il-qaddiefa jew mal-kumitati distrettwali; l-imħatri u l-intriċċi li sfortunatment ma joħorġux fil-pubbliku, u s'intendi l-argumenti li kienu jsiru f'dan ix-xenarju ta' tigrijiet tradizzjonali fis-snin 70 meta r-rivalità fost id-distretti kienet fl-aqwa tagħha.

U f'din l-atmosfera ta' nċertezza, magħġuna sa ruħ ommha f'piki parrokkjali, f'għajdut, inkwiet fost il-qaddiefa u msebbħa b'wirjiet ta' saħħa f'taħriġ iebes fl-opri tat-tiġrija matul il-provi fil-kanal, jagħmlu lil din it-tradizzjoni eċċitanti, sabiħa u mistennija min-nies tal-port minn sena għal oħra. Darba smajt qaddief anzjan jgħid '... it-Tiġrija tal-Vitorja baqgħet ħajja għax ir-rivalità parrokkjali fost in-nies tal-bliet tal-Port il-Kbir għadha ħajja f'qalbhom u tinħass sewwa qabel kull Regatta ...' Dilettant ieħor, illum mimli bil-għomor isostni hekk: '... it-Tiġrija tal-Vitorja tibqa' ħajja sakemm id-dgħajsa tal-Pass tibqa' ġġorr il-passiġġieri min-naħa għall-oħra tal-port ... meta jieqaf l-użu tad-dgħajsa fil-port, it-Tiġrija tal-Vitorja tmut mewta naturali ...'

Għedt ukoll li fis-snin 60 beda ċ-ċaqliq ta' qaddiefa minn distrett għal ieħor u dan kompla jiżdied fis-snin 70. Konsegwentament dan iċ-ċaqliq dgħajjef ħafna lil xi distretti li f'dik l-epoka kienu meqjusin bħala qawwija. Minkejja li dawn id-distretti kienu jipparteċipaw b'żewġ opri f'kull korsa, l-irtirar ta' kull qaddief tajjeb, b'mod speċjali jekk ikun jifforma parti minn ekwipaġġ tad-dgħajjes tal-Midalji jew ta' bl-Erbgħa mhux biss joħloq problema kbira lil sħabu biex isibu qaddief ieħor minfloku biex jieħdu posthom, iżda wkoll kemm ikun kapaċi jadatta ruħu mas-sistema tal-qdif tagħhom f'qasir żmien. Sfortunatament din is-sitwazzjoni kompliet tiggrava fis-snin ta' wara, tant hu hekk li f'dawn l-aħħar snin, wieħed seta' josserva, li waqt li sa tmiem is-snin 90, f'kull edizzjoni tar-Regatta konna nassistu għal taqtiegħa ħarxa għar-rebħ tax-Shield bejn żewġ jew tliet distretti armati tajjeb u l-kumplament aktarx kienu jiffokaw fuq xi kategorija partikolari, illum ninsabu f'sitwazzjoni fejn xi distretti qatgħu lura għax m'għandhomx qaddiefa biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fir-Regatta.

Qaddief veteran Bormliż meta pparaguna l-qaddiefa ta' żmienu ma' dak tas-snin 70 u 80 ikkummenta hekk: '... jiddispjaċini ngħid li r-Regatta marret lura ħafna ... il-qaddiefa tal-lum tilfu l-ispirtu parrokkjali tagħhom ... m'għadhomx iħobbu lil pajjiżhom bħalma konna nħobbuh aħna ... fi żmieni, minn kien jiċħad lil pajjiżu u jaqdef ma' distrett ieħor kien jitlef il-ħbiberija ta' sħabu, mhux għall-ġimgħa jew tnejn, iżda aktarx għal għomru ... illum issib żewġ kategoriji ta' qaddiefa, xi wħud mill-qaddiefa ma jinteressahomx il-lokal tagħhom għax għandhom interessi oħra u oħrajn ifittxu l-avventura u s-suċċess ... dawn ma jsibuhiex bi kbira li mal-ewwel ċans li jiġihom jirreġistraw ma' kull distrett li jitlob is-servizz tagħhom, irrispettivament jekk dan id-distrett fl-imgħoddi kienx alleat jew rivali ta' pajjiżu ...'

Fil-passat insibu diversi qaddiefa ta' stoffa li rajnihom jaqdfu ma' diversi distretti. Bħalissa qed niftakar f'Toni Ellul (il-Koj) li waqt li fis-snin 50 ipparteċipa f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali f'isem ir-Raħal Ġdid, fis-snin 60 issieħeb mal-Kalkara u wara qadef ukoll mal-Marsa, Bormla u finalment spiċċa l-karriera



**It-tiġrija deċiżiva tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa fl-1975 li rebħet ix-Shield lill-Marsa fl-1975**

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA



**Ritratt Storiku fir-Regatta - Qaddiefa Sengleani u Bormliżi jifirħu flimkien fid-dwana f'waħda mill-edizzjonijiet mirbuħa mill-Bormliżi fis-snin 70**

tiegħu mal-Birgu; l-aħwa Ghiller (it-Torta) wara snin jaqdfu ma' l-Isla marru ma' Marsamxett / Valletta ; l-aħwa Azzopardi (is-Sufu) bdew mal-Kalkara u wara rreġistraw ma' Bormla u aktar tard ma' distretti oħra, u nispiċċa bl-aħwa Grech li bdew mal-Marsa u wara qadfu ma' Isla u klabbs oħra. S'intendi, ma' dawn il-qaddiefa insibu bosta oħrajn li bdew ma' distrett u spiċċaw jaqdfu ma' distretti oħra. Ironikament, dan iċ-ċaqliq ta' qaddiefa minn klabb għal ieħor mhux biss naqqas l-interess tal-pubbliku in ġenerali fir-Regatta Nazzjonali iżda ġab ukoll fi tmiemha tradizzjoni antika, fejn qaddief jibda' u jtemm il-karriera tiegħu tal-qdif ma' pajjiżu.

M'hemmx l-iċken dubju li l-qaddiefa li jaslu biex jitilqu lid-distrett tagħhom u finalment jirreġistraw ma' klabb ieħor aktarx jagħmlu hekk għal raġunijiet personali. Jingħad li fil-preżent, l-ebda qaddief popolari ma jirreġistra ma' klabb għal perijodu twil ta' snin, iżda jissieħeb biss għal sena, imbagħad wara t-Tiġrija tal-Vitorja jiddeċiedi jekk itawwalx iż-żmien jew le mal-klabb. Fuq dan iċ-ċaqliq ta' qaddiefa mill-klabb għal ieħor ħadt il-kumment ta' dilettant Belti: '... illum ġejna f'sitwazzjoni li għandna sitt jew tmien qaddiefa tajbin u fejn imorru huma tintrebaħ ix-Shield ... din hi waħda mir-raġunijiet li n-nies naqset li tinżel tara r-Regatta ... b'danakollu ġie li x-Shield ma ntrebħitx ukoll ... kellna edizzjonijiet fejn id-distrett favorit, minkejja li jkollu l-aħjar qaddiefa tal-kanal ma jirbaħhiex, kif ġara lilna snin ilu ... aħna kellna l-aħjar qaddiefa magħna, konna armati tajjeb f'kull korsa u x-Shield intrebħet minn distrett ieħor li fid-deher ma kienx b'saħħtu aktar minnha... x'ġara eżatt ħadd ma jaf ... taf naf, li x-Shield saret tiswa ħafna flus !! ... staqsejtni x'naħseb x'jista' jsir biex ir-Regatta tieħu r-ruħ ... naħseb li wasal iż-żmien li terġa' tidħol il-klawsola fl-istatut tal-Kumitat tar-Regatta fejn kull distrett jipparteċipa b'qaddiefa mil-lokal biss, u r-reġistrazzjoni tal-qaddiefa ssir għal tliet snin jew aktar. F'każ li xi distretti ma jkollux qaddiefa biżżejjed, isir ftehim ma' l-assoċjazzjoni biex ikun jista' jissellef qaddiefa minn distretti oħra, bil-patt u l-kundizzjoni li l-kumitat konċernat jipprova jsib jew irawwem qaddiefa ġodda mil-lokal ... jekk ma jirnexxielux, is-sena ta' wara jiġi eskluż milli jieħdu sehem f'waħda mit-tiġrijiet, ngħidu aħna fit-Tiġrija tal-Vitorja ... jien nemmen li din il-penali ġġiegħel lil kull kumitat distrettwali biex jieħu b'aktar serjetà dawn it-tiġrijiet u jagħmel ħiltu kollha biex jibda jrawwem qaddiefa ġodda ... '

Madanakollu, minkejja li fis-snin 70 kellna dan iċ-ċaqliq kollu, fl-istess epoka rajna wkoll reġistrazzjoni ta' bosta qaddiefa ġodda mal-klabbs tar-Regatta, fosthom żewġ qaddiefa Ingliżi Mike Palmer u Dave Murley li, fl-1976, kienu qadfu mal-Kalkara. Ovvjament, l-akkwist ta' qaddief tajjeb mhux biss ikompli jsaħħaħ lid-distrett konċernat iżda l-preżenza tiegħu kapaċi jagħti nifs ġdid lil sħabu u jkompli jżid it-tamiet tagħhom għar-rebħ tax-Shield.

Insibu wkoll li fl-istess żmien kull distrett kompla jissaħħaħ b'opri ġodda, u l-ftit bennejja tad-dgħajjes li kien fadal madwar il-Port il-Kbir, matul is-sena kienu jkunu mhedijin b'xogħol ta' bini u manutenzjoni ta' diversi dgħajjes tat-tiġrija, kif ukoll inġenji oħra tal-baħar għal sidien privati. Niftakar bosta bennejja tad-dgħajjes tat-tiġrija li baqgħu msemmijin għall-opri sbieħ li bnew tul il-karriera tagħhom, fosthom Toni Cassar (It-Tunanu) u Ġużeppi Schembri mill-Birgu, William Mc Carter (il-Gully) u Ġużeppi Formosa (is-Suss) mill-Isla, Ċensu Pule u Ġużeppi Delceppo mill-Kalkara, Ġużeppi Cassar (Bengala) u John Brincat (Żbubu) minn Bormla kif ukoll Neriku Galea mill-Marsa. Ma' dawn kien hemm oħrajn, fosthom Alfred Baldacchino, Joseph Aquilina, Joseph Pisani, Toni Ventura u Karmenu Vella.

Interessanti hu l-fatt li f'ħafna mir-rapporti sportivi li naqraw fil-gazzetti lokali l-għada tar-Regatta lkoll jagħtuna stampa reali ta' l-atmosfera sabiħa jew kerha li tkun ħakmet il-kanal matul dawn it-tiġrijiet f'Jum il-Vitorja. U hawnhekk, tajjeb li f'din il-kitba ninkludi wkoll xi siltiet minnhom, li fil-fehma tiegħi jgħinu lill-qarrejja ta' dan il-magażin sportiv jifhmu aħjar l-isbuħija u l-kobor ta' dan l-avveniment tradizzjonali. Silta qasira meħuda minn artiklu sportiv li deher f'waħda mill-gazzetti, fl-197,0 jgħid hekk: '... bħal dejjem l-eċċitament ta' l-ispettaturi dejjem jinħass l-aktar meta kull korsa tasal fit-tmiem tagħha ... din is-sena, kull tellieqa li saret fir-Regatta ġabet magħha mhux biss l-element ta' pika li aħna tant imdorrin għaliha f'kull edizzjoni iżda wkoll briju u emozzjoni ... b'danakollu, għalkemm il-pika kienet kbira, wieħed jista' jgħid li r-Regatta kienet kwieta u l-inċidenti kienu iżolati...'

Fl-1971, insibu, li minkejja li l-kontestazzjoni għar-rebħ tax-Shield kompliet tiħrax u kull korsa kienet tkun missielta b'ċertu antagoniżmu minħabba l-pika kbira li kienet teżisti fost l-ekwipaġġi avversarji, f'din l-edizzjoni naqsu l-inċidenti. Għalkemm matul dawn it-tlielaq tradizzjonali deher ċar li l-ġamar ta' piki parrokkjali fost il-klabbs tal-Kottonera kienet għadha ħajja, wieħed seta' josserva li l-maġġoranza tal-qaddiefa dehru kalmi, u għalkemm it-tlielaq kollha, kif kien mistenni, kienu missielta b'rivalità kbira sa l-aħħar qadfa, kollox mexxa ħarir u l-ispirtu sportiv irrenja tul ir-Regatta. B'danakollu, l-organizzaturi tar Regatta kienu jafu li din il-kalma kienet waħda superfiċjali għax mal-iċken żball mill-ġurija, din il-kalma kienet tinbidel fi storbju kbir fid-dwana. Fil-fatt, f'din l-edizzjoni, il-membri tal-ġurija li kienu fuq il-Lanċa tad-Dwana qagħdu attenti ħafna li jimxu strettament fuq ir-regolamenti stabbiliti mid-dwana. Din is-silta tikkonferma x'impenn iebes u xi kultant diffikultuż li jgħaddu minnu l-membri tal-ġurija matul l-andament ta' kull tiġrija: '... din is-sena l-ġurija kellha biċċa xogħol iebsa biex jiggudikaw eżatt min kiser ir-regolamenti, l-aktar fejn dgħajjes ħarġu minn posthom, qasmu quddiem oħrajn u ma żammux id-distanza ta' tliet tulijiet ...'

*Tkompli f'ħarġa oħra*

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Kit ta' St. George's F.C.



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Mejju 2010.

Kompetizzjoni Spot the Ball, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Kit ta' St. George's F.C. ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 36

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 36 huwa: Christian Caruana - Tarxien






THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA

# SPORTIV Kriss-Kross

IRBAĦ LEJL IL-WESTIN DRAGONARA RESORT

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Mejju 2010: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

**Jekk ma tixtieqx tirċievi informazzjoni promozzjonali mingħand il-Westin Dragonara Resort, immarka hawn:** ☐

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 36

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| J | | | | E | F | F | I | O | N | G | | | P | | |
| I | | K | | | R | | | | | I | N | G | O | | L |
| M | A | R | I | N | E | R | S | | | V | | | L | E | O |
| M | | I | | | D | | | A | L | O | N | S | O | | S |
| Y | | S | C | H | U | M | I | | | V | | | | | C |
| | | H | | | | E | | | V | A | R | A | L | L | O |
| B | A | N | G | E | R | S | | | | | I | ■ | O | | |
| A | | A | | | | S | O | L | | S | C | U | B | A | |
| L | | | F | | | I | | O | | | O | ■ | E | | |
| L | U | G | E | | S | | | N | I | C | H | O | L | L | |
| | | | A | T | T | A | R | D | | U | | | L | | |
| | | | R | ■ | I | | | R | | P | | | O | L | D |
| | D | A | N | I | K | A | | A | B | E | L | A | | | |
| | E | | | | K | ■ | T | | | R | | G | | | F |
| | N | | P | L | A | T | I | N | I | | | U | | | L |
| | V | | I | | | | G | | S | A | L | E | R | N | O |
| B | E | N | N | Y | | | E | | L | | | R | | | K |
| | R | | K | | | O | R | L | A | N | D | O | | | K |

Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 36 ta' Marzu 2010 hija: Anna Micallef - San Ġiljan

**MIMDUDIN**

2) Iċ-ċiklista rebbieħa fit-Tour ta' Malta 2010 (6)
5) Midfielder ta' Arsenal li jinsab imweġġa' fit-tul (6)
6) ".... For Girls", żiemel Svediż fil-Marsa (4)
8) Leli Borg "Id-...." footballer ta' B'Kara fis-snin 50 (4)
11) Abramovic, sid Chelsea FC (5)
12) Hibs ...... rebħu l-kompetizzjoni KO tal-Basketball tan-Nisa (6)
13) Kobe, '_gant' tal-Basketball Amerikan (6)
14) Frans Bonnici "Il-....", sieħeb 8 Mimdudin (4)
15) "Qumu bil-wieqfa waqt li jindaqq dan" (4)
16) Graham, eks referee fil-Premier Ingliż (4)
18) Morten, eks difensur ċentrali Daniż b'102 partita (5)
19) Jonathan, atleta magħruf ta' St. Patrick's AC (6)
23) Skurjat iż-żewġ goals tal-logħba futbol bejn Malta u t-Turkija (4)
25) Theobald, il-mibki eks footballer ta' Hibernians (5)
26) Force ....., tim tal-Formula Wieħed mill-2008 (5)
28) Mark, eks-għawwiem ta' fama mondjali (5)
29) L-istadium fl-Ungerija imsemmi għal Ferenc Puskas (3)
31) Il-Youngsters fil-futbol Għawdxi (5)
32) Tonio, 60 sena fil kamp sportiv Malti (9)
34) Tim Ingliż tal-Formula Wieħed mill-1958 (5)
36) Rizzo, plejer tal-Pool ma' Top Gun Bar (4)
37) Bonello jew Farrugia, it-tnejn ġurnalisti sportivi (5)

**WEQFIN**

1) L-ewwel tiġrija tal-Formula Wieħed staġun 2010 hawn saret (7)
2) Il-belt li ospitat il-Logħob Olimpiku fl-2000 (6)
3) Midfielder offensiv Brażiljan fis-snin 60 u 70 (3)
4) Jorge, sewwieq Spanjol tal-Moto GP (7)
7) Klabb tal-Handball Malti (2,5)
9) Trulli, sewwieq Taljan tal-Formula Wieħed (5)
10) Mark, il-kowċ attwali ta' Sliema Wanderers (6)
13) Noel, qaddief Kalkariż rebbieħ f'Jum il-Ħelsien (6)
15) ".... Rick", żiemel Svediż tal-2001 (4)
16) Iċ-ċiklist Taljan rebbieħ tat-Tour ta' Malta 2010 (5)
17) 'L-.... u Iswed' ta' Hibernians u Rabat Ajax (5)
20) Baldacchino, jockey famuż fil-Marsa (4)
21) Fernando, eks plejer ta' Real Madrid u Milan (7)
22) Cilia, midfielder attwali ta' B'Kara FC (6)
23) Referee tal-Baseball, Cricket u aktar (6)
24) Il-laqam ta' Zinedine Zidane (5)
27) Corner għat-Taljani (6)
30) Grech, boxer u weightlifter Malti (5)
31) Kunjom Furjaniż u Slimiż fil-futbol fl-1910 (5)
33) Rizzo hija l-kowċ ta' Neptunes fl-Għawm (4)
35) Ten ... Bowling, l-isport ta' Sue Abela (3)



# Casual Mediterranean dining at its best

Mediterranean and Italian specialities in a relaxed setting either indoors or under the stars. The menu offers pasta, pizza, meat or fish dishes as well as a variety of antipasti, soups and dips.

**To book your table or for further information please call 2138 1000 or email: westin.dragonara@westin.com**

**www.westin.com/malta**

PALIO'S

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA





# Need for Speed? Play Grand Prix!

UNDER 16

**If your speed is higher than your opponent's speed within the same race, you're a winner!! You may win in each or all of the 3 races, up to a top prize of €2,200!!**

**Tickets cost €1**

Scratchers® instant tickets

*...Make your day*

**Available from MALTCO LOTTERIES Points of Sale, Maltapost Outlets, Smart Supermarket, Stationeries, Grocery Stores, and other leading Authorised Outlets.**

Maltco LOTTERIES

MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

**www.maltco.com**